2024/1085

17.6.2024

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1085

**tat-13 ta' Marzu 2024**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti sabiex jintużaw mudelli interni għar-riskju tas-suq**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 325az(8), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), u t-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) L-istituzzjonijiet jitħallew jużaw biss mudelli interni għar-riskju tas-suq jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet mhux biss jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti meta japplikaw għal permess sabiex jużaw dawk il-mudelli interni, iżda wkoll meta jużaw dawk il-mudelli, u meta japplikaw għal estensjonijiet jew għal bidliet sinifikanti f'dawn il-mudelli interni. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-awtoritajiet kompetenti, meta jivverifikaw jekk l-istituzzjonijiet jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, japplikaw l-istess kriterji u l-istess metodoloġija ta' valutazzjoni għal kull waħda minn dawk il-fażijiet. Madankollu, għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti, meta jivvalutaw il-konformità mill-istituzzjonijiet li diġà ngħataw permess sabiex jużaw tali mudelli interni alternattivi, jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jivvalutaw mill-ġdid permess bħal dan. Minflok, jenħtieġ li jivvalutaw biss il-konformità ma' dawk ir-regoli li huma rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni kkonċernata, u jibnu, f'kull każ, fuq il-konklużjonijiet minn valutazzjonijiet preċedenti.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jikkonformaw fuq bażi kontinwa mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jevalwaw il-kwalità ġenerali tas-soluzzjonijiet, tas-sistemi u tal-approċċi implimentati minn istituzzjoni, u jitolbu titjib u adattamenti kostanti għal ċirkostanzi mibdulin.

(3) Sabiex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-prattiki superviżorji f'ġuriżdizzjonijiet differenti, il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' jekk l-istituzzjonijiet jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li tikkonforma ma' tekniki ta' valutazzjoni preskrittivi. Madankollu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jqisu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-istruttura u tal-mudell tan-negozju ta' istituzzjoni, il-kumplessità tal-mudelli interni alternattivi, in-natura tal-prodotti finanzjarji li jkopru dawk il-mudelli, il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni kkonċernata, u r-riżorsi li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Għalhekk, meta jivvalutaw jekk istituzzjoni tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ċerta diskrezzjoni, li tippermettilhom iwettqu kontrolli addizzjonali u li japplikaw l-aktar metodi xierqa għall-verifika tal-konformità ma' rekwiżiti partikolari. Barra minn hekk, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu dik il-valutazzjoni b'mod proporzjonat, u minħabba l-firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji disponibbli f'attivitajiet ta' negozjar, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kategoriji ta' prodotti finanzjarji ta' livell dejjem akbar ta' kumplessità, li fuqhom l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

(4) Sabiex jiġi żgurat fehim intern suffiċjenti tal-mudell intern alternattiv, inklużi l-operazzjonijiet esternalizzati, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li, minkejja kwalunkwe esternalizzazzjoni ta' xi għodod ta' riskju, ta' sistemi tal-IT, u ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tar-riskji, il-kompiti, l-attivitajiet jew il-funzjonijiet ewlenin kollha relatati mal-mudell intern għandhom jitwettqu mill-unità ta' kontroll tar-riskji msemmija fl-Artikolu 325bi(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li dawk ir-regoli jirrikjedu wkoll li l-unità ta' kontroll tar-riskji timplimenta kontrolli adegwati u twettaq testijiet ta' kwalità u ta' validazzjoni għal kwalunkwe soluzzjoni esternalizzata, li d-dokumentazzjoni sħiħa dwar dawk il-kontrolli u t-test tkun disponibbli fil-każijiet kollha, u li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw kwalunkwe għodda u soluzzjoni tal-IT miksuba minn bejjiegħa terzi b'mod simili għal każijiet li fihom ikunu ġew żviluppati bis-sħiħ permezz ta' proċessi interni.

(5) L-aspetti ta' governanza u operazzjonali jaqdu rwol ċentrali fil-funzjonament xieraq tal-mudell intern alternattiv. Għalhekk, jenħtieġ li l-metodoloġija sabiex jiġi vverifikat jekk istituzzjoni tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ("metodoloġija ta' valutazzjoni") tivvaluta b'mod komprensiv dawk l-aspetti ta' governanza u operazzjonali, inkluż l-istabbiliment ta' post tan-negozjar, ir-rwol tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali, l-unità ta' kontroll tar-riskji, u r-rieżami indipendenti tal-mudell intern alternattiv innifsu.

(6) Il-metodoloġija ta' valutazzjoni relatata mal-aspetti ta' governanza jenħtieġ li tqis li ċerti istituzzjonijiet li jitolbu permess sabiex jużaw l-approċċ ta' mudell intern alternattiv diġà kisbu l-approvazzjoni, qabel ma r-Regolament (UE) Nru 575/2013 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), sabiex jużaw mudell intern għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli ta' valutazzjoni li jkunu simili għal dawk stabbiliti fil-passat għal dawk l-aspetti li ma ġewx emendati bir-Regolament (UE) 2019/876, u li jiġu introdotti regoli ġodda li jkopru dispożizzjonijiet ġodda introdotti b'dak ir-Regolament, inklużi r-rekwiżiti tal-post tan-negozjar stabbiliti fl-Artikolu 104b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(7) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti għall-validazzjoni u għar-rieżami ta' mudelli interni alternattivi, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet iwettqu l-validazzjoni interna tal-mudell tal-anqas darba fis-sena. Filwaqt li l-validazzjoni inizjali jenħtieġ li tkopri l-metodoloġiji kollha applikati matul il-mudell intern, huwa xieraq li jiġi stabbilit, b'kunsiderazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-persunal u fuq ir-riżorsi, li l-validazzjoni annwali tiffoka fuq tal-anqas il-kwistjonijiet ewlenin identifikati jew fil-validazzjonijiet interni preċedenti jew fl-awditi interni preċedenti, u fuq kwalunkwe bidla jew metodoloġija ġdida introdotta fil-mudell intern alternattiv.

(8) L-attivitajiet ta' negozjar u s-swieq finanzjarji qegħdin jevolvu b'mod kostanti u rapidu. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jqisu dawk il-karatteristiċi meta jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-metodoloġija ta' valutazzjoni jkun fiha standards kwalitattivi u proċedurali fir-rigward tal-approvazzjoni formali mill-istituzzjoni ta' strumenti u ta' prodotti finanzjarji ġodda, u l-introduzzjoni tagħhom fil-qasam tan-negozjar. L-istandards għal politika formali għall-approvazzjoni tal-prodotti ġodda huma neċessarji sabiex jiġi żgurat li l-introduzzjoni ta' strumenti u ta' prodotti finanzjarji ġodda, li jistgħu joħolqu fatturi tar-riskju addizzjonali jew jeħtieġu bidliet metodoloġiċi fil-mudelli interni għall-kejl tar-riskju, tkun kompletament kompatibbli mal-kontroll u mal-validazzjoni komprensivi.

(9) Il-kwalità tad-*data* u l-akkuratezza tal-istima tar-riskji u tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq jiddependu ħafna fuq l-affidabbiltà tas-sistemi tal-IT użati għal dak l-għan. Bl-istess mod, il-kontinwità u l-konsistenza tal-proċessi ta' ġestjoni tar-riskji u tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq jistgħu jiġu żgurati biss meta t-tali sistemi tal-IT ikunu sikuri, siguri u affidabbli, u meta l-infrastruttura tal-IT tkun robusta biżżejjed. Għalhekk huwa neċessarju li, meta jivvalutaw il-mudelli interni tar-riskju tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw ukoll l-affidabbiltà tas-sistemi tal-IT tal-istituzzjoni u r-robustezza tal-infrastruttura tal-IT użata għall-mudelli interni.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/876/oj).

(10) Waħda min-novitajiet tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1b, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, hija d-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq il-bażi ta' miżuri tan-nuqqas mistenni. Huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw b'mod attiv l-akkuratezza ta' dawk iċ-ċifri. Għalhekk, huwa xieraq li l-istituzzjonijiet jintalbu jittestjaw direttament b'mod retrospettiv il-miżuri tan-nuqqas mistenni tagħhom bħala parti mill-programm ta' ttestjar retrospettiv intern meħtieġ mill-Artikolu 325bj tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Peress li għad ma hemmx metodoloġija stabbilita fost il-parteċipanti fis-suq għall-ittestjar retrospettiv ta' kejl tan-nuqqas mistenni, jenħtieġ li ma tiġi preskritta l-ebda metodoloġija speċifika, u jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jitħallew liberi li jqisu l-evoluzzjoni ta' tekniki ġodda u tal-aħjar prattiki f'dak ir-rigward, f'konformità mar-rekwiżiti kwalitattivi stabbiliti fl-Artikolu 325bi ta' dak ir-Regolament.

(11) Il-mudelli ta' kejl tar-riskju intern jistgħu jitqiesu biss bħala implimentati b'integrità, kif imsemmi fl-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta jkunu ssodisfati r-rekwiżiti regolatorji kollha. Barra minn hekk, diversi elementi kostitwenti tar-riformi ta' Basel fil-qasam tar-riskju tas-suq ġew implimentati fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' atti delegati, fost l-oħrajn ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2058 ([3]), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2059 ([4]), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 ([5]), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1577 ([6]), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1578 ([7]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/397 ([8]). Minn dan isegwi li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw jekk l-istituzzjonijiet jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li jqisu dawk l-atti delegati. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni komprensiva tal-konformità tal-mudelli interni tar-riskju tas-suq, huwa neċessarju li jiġu speċifikati tekniki għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjonijiet mal-aspetti koperti kemm mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll minn dawk ir-regolamenti delegati. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jeżaminaw dokumentazzjoni speċifika li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jipproduċu.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2058 tat-28 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-perjodi tal-likwidità għall-approċċ alternattiv ibbażat fuq il-mudelli interni, kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(7) (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2058/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2059 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tekniċi tal-ittestjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni u tal-profitt u t-telf skont l-Artikoli 325bf u 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2059/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2060/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1577 tal-20 ta' April 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet u t-trattament ta' dawk il-pożizzjonijiet għall-finijiet tar-rekwiżiti regolatorji tal-ittestjar retrospettiv u r-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf skont l-approċċ alternattiv tal-mudell intern (ĠU L 193, 1.8.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1577/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1578 tal-20 ta' April 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-metodoloġija interna jew għas-sorsi esterni użati skont il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għall-istima tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza u t-telf fil-każ ta' inadempjenza (ĠU L 193, 1.8.2023, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1578/oj).

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/397 tal-20 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kalkolu tal-miżura tar-riskju tax-xenarju ta' stress (ĠU L, 2024/397, 29.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/397/oj).

(12) Ir-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv u tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf jipprovdu bażi solida għal monitoraġġ kritiku tal-prestazzjoni tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli ta' valutazzjoni sabiex jitqiesu r-riżultati ta' dawk it-testijiet. Fir-rigward tal-ittestjar retrospettiv, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-qabżiet tal-valur jiġu analizzati b'mod kritiku sabiex jiġu identifikati dgħufijiet potenzjali fil-mudell, u li l-istituzzjonijiet jimmonitorjaw jekk il-bidliet fil-valuri tal-portafolli jkunux xprunati minn fatturi tar-riskju mudellabbli jew mhux mudellabbli. Barra minn hekk, fid-dawl tar-riżultati tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-akkuratezza tal-funzjonijiet tal-ipprezzar użati mill-istituzzjoni, billi l-akkuratezza tagħhom hija essenzjali għal kalkolu tajjeb tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

(13) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bh tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa neċessarju li dawk ir-rekwiżiti jiġu speċifikati ulterjorment. Jekk l-istituzzjonijiet jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-kategoriji wisgħin tal-fattur tar-riskju msemmijin fit-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għalhekk, għal kull waħda minn dawk il-kategoriji, huwa neċessarju li jiġi stabbilit kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk ir-riskju ta' bażi jkunx kopert, u jekk it-trattament tal-kurvi u tas-superfiċi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji jkunx tajjeb.

(14) Minħabba n-natura li tinbidel malajr u li dejjem tevolvi tas-swieq finanzjarji, *data* mhux affidabbli, mhux akkurata, inkompluta jew skaduta tirriżulta fi żbalji fl-istima tar-riskji u fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, inkluż f'mudelli tar-riskju tas-suq. Fil-kuntest tal-proċessi ta' ġestjoni tar-riskji ta' istituzzjoni, *data* żbaljata bħal din tista' twassal ukoll għal deċiżjonijiet ħżiena dwar il-ġestjoni. Konsegwentement, sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-kwalità għolja tad-*data* u l-użu xieraq tagħha fil-proċessi interni u fil-proċessi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, il-mod kif tinġabar u tinħażen id-*data* u l-proċeduri għal tali ġbir u ħżin jenħtieġ li jkunu ddokumentati sew, inkluża deskrizzjoni sħiħa tal-karatteristiċi, tal-kontrolli tal-kwalità, tal-filtri awtomatiċi, u tas-sorsi speċifiċi tad-*data* ta' kuljum. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, meta jivvalutaw il-mudelli interni tar-riskju tas-suq, jagħtu attenzjoni partikolari lill-kwalità u lill-affidabbiltà tad-*data* użata għall-finijiet ta' mmudellar, u lill-proċessi applikati sabiex jiġi żgurat li tali kwalità u affidabbiltà jinżammu.

(15) Sabiex jiġi żgurat kalkolu korrett tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, l-awtoritajiet kompetenti, meta jivvalutaw il-kwalità ġenerali tad-*data*, jenħtieġ li jivvalutaw jekk l-approċċ użat mill-istituzzjoni għall-indikazzjoni tas-serje kronoloġika jkunx wieħed tajjeb. Għalhekk, jenħtieġ li l-metodoloġija ta' valutazzjoni tivverifika li r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jirregolaw l-użu ta' indikaturi jiġu ssodisfati. Meta rilevanti, ir-regoli stabbiliti f'dik il-metodoloġija ta' valutazzjoni jenħtieġ li jvarjaw skont jekk is-serje kronoloġika li għaliha ntuża indikatur tkunx relatata ma' fattur tar-riskju li għadda mill-valutazzjoni tal-mudellabbiltà, jew ma' fattur tar-riskju li ma għaddiex minnha.

(16) Fir-rigward tal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza, u b'mod aktar partikolari l-Artikoli 325bn, 325bo, 325bp tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa neċessarju li l-metodoloġija ta' valutazzjoni tiżgura li dawk il-mudelli tar-riskju jwasslu għal riżultati akkurati. Għalhekk, ir-regoli stabbiliti fil-metodoloġija ta' valutazzjoni jenħtieġ li jkopru l-aspetti kollha li jaffettwaw l-eżitu ta' dawk il-mudelli, inkluż l-ambitu tal-pożizzjonijiet koperti minn dawk il-mudelli, l-istimi tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza u t-telf fil-każ ta' inadempjenza, l-għażla ta' fatturi tar-riskju sistematiku sabiex jissimulaw l-inadempjenza tal-emittenti, u s-suppożizzjonijiet kollha tal-immudellar magħmulin mill-istituzzjoni, inkluża kwalunkwe suppożizzjoni ta' kopula magħmula għas-simulazzjoni tal-inadempjenza ta' emittenti multipli.

(17) Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u minn kwistjonijiet ambjentali usa' qegħdin ibiddlu l-istampa tar-riskju għas-settur finanzjarju u huma mistennijin isiru saħansitra aktar prominenti. Meta titqies l-importanza ta' dawk il-motivaturi tar-riskju, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-istituzzjonijiet iqisu dawk il-motivaturi tar-riskju fil-programmi tagħhom ta' ttestjar tal-istress imsemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (g), ir-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'dak il-kuntest, l-istituzzjonijiet diġà ħadu passi sabiex jinkludu r-riskji ambjentali fil-programmi tagħhom ta' ttestjar tal-istress. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikollhom biżżejjed żmien sabiex jirriflettu bis-sħiħ dawk ir-riskji fil-programmi tagħhom ta' ttestjar tal-istress, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjonijiet ma' kwalunkwe rekwiżit relatat mat-tibdil fil-klima u ma' aspetti usa' relatati mal-ambjent biss mill-1 ta' Jannar 2025. Bl-istess mod, fid-dawl tal-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-ittestjar retrospettiv dirett tan-nuqqas mistenni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jingħataw perjodu addizzjonali qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-konformità tagħhom f'dan il-qasam. Għalhekk, jenħtieġ li d-data relatata tal-applikazzjoni tal-valutazzjoni tiġi stabbilita li tibda mill-1 ta' Jannar 2026.

(18) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(19) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Struttura tal-valutazzjoni**

1. Meta jivverifikaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 325bh, 325bi, 325bn, 325bo, u 325bp tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw:

(a) l-aspetti ta' governanza, f'konformità mal-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-aspetti relatati mal-mudell intern tal-kejl tar-riskji użat sabiex jiġu kkalkolati l-kejl tan-nuqqas mistenni u l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, f'konformità mal-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament;

(c) l-aspetti relatati mal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza użat sabiex jiġi kkalkolat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' inadempjenza, f'konformità mal-Kapitolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipji relatati mal-proporzjonalità f'konformità mal-Artikolu 2, il-kwalità tad-dokumentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3, u l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4.

2. Awtorità kompetenti li tidentifika, bħala parti mill-valutazzjoni mwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament, nuqqasijiet sinifikanti fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji fir-rigward ta' xi klassijiet ta' prodotti f'post tan-negozjar partikolari, jew li ma tistax tikkonferma li dak il-mudell għandu rekord ipprovat li jkun raġonevolment akkurat fil-kejl tar-riskji li jikkorrispondu għal dawk il-klassijiet ta' prodotti, tista' tagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tirrikjedi li l-istituzzjoni tneħħi l-pożizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk il-klassijiet ta' prodotti minn dak il-post tan-negozjar;

(b) tirrifjuta li tagħti permess sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-approċċ ta' mudell intern għal dak il-post tan-negozjar.

3. Awtorità kompetenti li tasal għall-konklużjoni li l-klassijiet ta' prodotti f'post tan-negozjar partikolari jiġu rreġistrati back-to-back ma' dak ta' entità oħra tal-grupp li hija barra mill-ambitu tal-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Unjoni, u li tali reġistrazzjoni back-to-back tfixkel lill-awtorità kompetenti sabiex tivvaluta jekk il-mudell intern tal-kejl tar-riskji għandux rekord ipprovat li jkun raġonevolment akkurat fil-kejl tar-riskji li jikkorrispondu għal dawk il-klassijiet ta' prodotti, tista' tagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

(a) tirrikjedi li l-istituzzjoni tneħħi l-pożizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk il-klassijiet ta' prodotti minn dak il-post tan-negozjar;

(b) tirrifjuta li tagħti l-permess sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-approċċ ta' mudell intern għal dak il-post tan-negozjar.

4. Meta r-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet li jikkorrispondu għal xi klassijiet ta' prodotti jiġi ttrasferit lil entità oħra tal-grupp li tkun barra mill-ambitu tal-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Unjoni, u meta l-effetti ta' tali trasferiment ikunu *de facto* jixbhu dawk ta' pożizzjonijiet irreġistrati back-to-back, l-awtorità kompetenti tista' tapplika l-paragrafu 3.

*Artikolu 2*

**Proporzjonalità — kategoriji ta' prodotti u kumplessitajiet tal-mudelli**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodoloġija ta' valutazzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament b'mod li jkun proporzjonat għad-daqs u għall-kumplessità tal-attivitajiet ta' negozjar inklużi fil-mudell intern, fuq il-bażi tal-kategoriji ta' strumenti finanzjarji li ġejjin f'ordni dejjem akbar ta' kumplessità:

(a) strumenti sempliċi mingħajr opzjonalità;

(b) strumenti, għajr dawk imsemmijin fil-punt (a), mingħajr karatteristiċi dipendenti fuq il-perkors, fuq sottostanti wieħed, inklużi indiċijiet, bi gwadann kontinwu fl-istess munita bħas-sottostanti;

(c) strumenti b'karatteristiċi dipendenti fuq il-perkors, strumenti b'sottostanti multipli, strumenti bi gwadanji f'muniti li huma differenti minn dawk tas-sottostanti, u kwalunkwe strument ieħor li ma huwiex imsemmi fil-punt (a) jew (b).

*Artikolu 3*

**Kwalità u awditjar tad-dokumentazzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni sottomessa minn istituzzjoni b'appoġġ għall-applikazzjoni tagħha għal permess sabiex tuża mudell intern għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tkun ta' kwalità suffiċjenti u tkun dettaljata u akkurata biżżejjed sabiex tippermetti l-eżami minn partijiet terzi kwalifikati.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) id-dokumentazzjoni kkonċernata tiġi approvata fil-livell maniġerjali xieraq tal-istituzzjoni b'awtorità suffiċjenti delegata mill-korp maniġerjali għall-finijiet tal-mudelli interni;

(b) l-istituzzjoni tkun stabbiliet politiki li jiżguraw standards ta' kwalità għolja għad-dokumentazzjoni interna, inkluża akkontabilità interna sabiex tiżgura li d-dokumentazzjoni kkonċernata tkun kompluta, konsistenti, akkurata, aġġornata, approvata f'konformità mal-punt (a), u sigura;

(c) id-dokumentazzjoni stabbilita fil-politiki msemmijin fil-punt (b) tipprevedi l-identifikazzjoni tat-tip ta' dokument, tal-awtur, tar-reviżuri, tal-aġent awtorizzanti, tas-sid, tad-dati tal-iżvilupp u tal-approvazzjoni, tan-numru tal-verżjoni, u tal-kronoloġija tal-emendi;

(d) l-istituzzjoni tiddokumenta b'mod akkurat u diliġenti l-politiki, il-proċeduri u l-metodoloġiji li tapplika skont dan ir-Regolament;

(e) id-dokumentazzjoni kkonċernata tkun dettaljata biżżejjed sabiex tippermetti lil partijiet terzi kwalifikati jifhmu l-aspetti kollha tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji.

*Artikolu 4*

**Esternalizzazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-esternalizzazzjoni minn istituzzjoni ta' kwalunkwe kompitu, attività jew funzjoni relatata mat-tfassil, mal-implimentazzjoni, u mal-validazzjoni tal-mudelli interni ma tipprevjenix jew ma tfixkilx l-applikazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) il-kompiti u r-responsabbiltajiet riżervati għall-unità ta' kontroll tar-riskji ma jiġux esternalizzati;

(b) il-maniġment superjuri u l-korp maniġerjali jkunux involuti b'mod attiv fis-superviżjoni ta' kwalunkwe kompitu esternalizzat mill-istituzzjoni, u fl-akkwist ta' kwalunkwe soluzzjoni ta' għodda għall-maniġjar tar-riskji tal-IT minn partijiet terzi;

(c) l-istituzzjoni nnifisha jkollhiex biżżejjed għarfien dwar kwalunkwe kompitu, attività jew funzjoni esternalizzata u dwar l-istruttura ta' kwalunkwe *data* u metodoloġija miksuba minn parti terza, u tkun tista' tivverifika l-kwalità tal-ħidma mwettqa mill-parti terza li lilha testernalizza l-kompiti tagħha, kif ukoll ir-riżultati ta' dik il-ħidma;

(d) l-awditu intern u l-monitoraġġ kontinwu mill-istituzzjoni ta' kwalunkwe kompitu, attività u funzjoni esternalizzata ma jkunux limitati jew inibiti minn tali esternalizzazzjoni;

(e) jingħatax aċċess sħiħ għall-informazzjoni rilevanti kollha lill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li partijiet terzi involuti fl-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskju tas-suq użati mill-istituzzjoni ma jkunux involuti fil-validazzjoni interna inizjali jew kontinwa tal-mudell mill-istituzzjoni.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw il-ftehim ta' esternalizzazzjoni bejn l-istituzzjoni u l-parti terza. Meta xieraq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll:

(a) jintervistaw jew jirrikjedu s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub minn kwalunkwe wieħed jew waħda minn fost dawn li ġejjin:

(i) mill-persunal u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni;

(ii) mill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni;

(iii) mill-parti terza li lilha jkunu ġew esternalizzati l-kompitu, l-attività jew il-funzjoni;

(b) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni jew tal-parti terza.

KAPITOLU 2

**VALUTAZZJONI TAR-REKWIŻITI KWALITATTIVI**

*Artikolu 5*

**Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni tar-rekwiżiti kwalitattivi**

Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti kwalitattivi stabbiliti fl-Artikolu 325bi tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni għandhiex struttura organizzazzjonali ċara għall-governanza u għall-maniġjar tal-mudell tar-riskju tas-suq, inklużi linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u xierqa;

(b) jivverifikaw jekk il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni rigward l-aspetti kollha tal-mudelli interni tar-riskju tas-suq ikunx stabbilit b'mod ċar fid-dokumentazzjoni interna tal-istituzzjoni;

(c) jivverifikaw, f'konformità mal-Artikolu 6:

(i) l-adegwatezza tal-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali;

(ii) ir-rwol tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali;

(d) jivverifikaw, f'konformità mal-Artikolu 7, jekk l-istabbiliment tal-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tkun fil-proċess li tingħata l-approvazzjoni, jew li tkun diġà kisbet l-approvazzjoni, ikunx adegwat;

(e) jivvalutaw, f'konformità mal-Artikolu 8, il-governanza interna u s-sorveljanza tal-istituzzjoni fir-rigward tal-unità ta' kontroll tar-riskji;

(f) jivvalutaw, f'konformità mal-Artikolu 9, jekk il-politika interna tkunx adegwata għall-introduzzjoni ta' prodotti ġodda;

(g) jivverifikaw, f'konformità mal-Artikolu 10, jekk il-mudell intern ikunx irrieżaminat b'mod indipendenti;

(h) jivvalutaw:

(i) f'konformità mal-Artikolu 11, l-adegwatezza tal-proċess ta' validazzjoni interna u tal-eżitu tiegħu;

(ii) f'konformità mal-Artikolu 12, l-ambitu tal-validazzjoni u l-kompletezza tagħha;

(i) jivvalutaw, f'konformità mal-Artikolu 13, l-adegwatezza tar-rapportar regolari intern;

(j) jivvalutaw:

(i) f'konformità mal-Artikolu 14, l-adegwatezza tal-limiti tal-pożizzjoni;

(ii) f'konformità mal-Artikolu 15, l-adegwatezza tal-proċess sabiex jiġu aġġornati dawk il-limiti;

(iii) f'konformità mal-Artikolu 16, l-adegwatezza tal-proċess segwit meta jinkisru dawk il-limiti;

(k) jivvalutaw:

(i) f'konformità mal-Artikolu 17, l-adegwatezza tal-programm ta' ttestjar tal-istress;

(ii) f'konformità mal-Artikolu 18, l-adegwatezza ta' xenarji ta' testijiet inversi tal-istress (reverse stress tests) u xenarji *ad hoc* ta' ttestjar tal-istress;

(l) jivvalutaw, f'konformità mal-Artikolu 19, l-adegwatezza tas-sistemi tal-IT;

(m) jivverifikaw, f'konformità mal-Artikolu 20, jekk il-mudell intern tal-kejl tar-riskji, inkluż kwalunkwe mudell ta' pprezzar, għandux rekord ipprovat li huwa akkurat b'mod raġonevoli fil-kejl tar-riskji, u li ma jvarjax b'mod sinifikanti mill-mudelli li l-istituzzjoni tuża għall-maniġġjar tar-riskji intern tagħha.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu n-natura u d-daqs tal-istituzzjoni, u l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha.

*Artikolu 6*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kompożizzjoni u tar-rwol tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri**

1. Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-kompożizzjoni u r-rwol tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali kif imsemmi fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni, fid-dokumentazzjoni tagħha tas-sistema ta' maniġġjar tar-riskji, tiddeskrivix:

(i) il-kompożizzjoni, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri;

(ii) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull membru tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri;

(b) jivverifikaw jekk il-maniġment superjuri huwiex magħmul minn membri li jirrappreżentaw l-ogħla livelli ġerarkiċi taħt il-korp maniġerjali, u ddefinixxiex ir-responsabbiltà għall-funzjonament xieraq tal-mudell intern għar-riskju tas-suq;

(c) jivverifikaw jekk il-kompożizzjoni ta' kwalunkwe struttura ta' kumitat intern stabbilita mill-korp maniġerjali insostenn tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu hijiex adegwata, kif meħtieġ mill-paragrafu 2;

(d) jivverifikaw jekk ir-rwol tal-maniġment superjuri jkunx adegwat, kif meħtieġ mill-paragrafu 3;

(e) jivverifikaw jekk ir-rwol tal-korp maniġerjali, u tal-kumitati li jikkostitwixxu l-istruttura tal-kumitat intern imsemmija fil-punt (c), humiex adegwati, kif meħtieġ mill-paragrafu 4.

Meta korp maniġerjali ta' istituzzjoni jiddelega kwalunkwe wieħed mill-kompiti tiegħu lil kumitat intern, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fil-kuntest ta' dawk il-kompiti delegati, jagħmlu l-valutazzjonijiet meħtieġa minn dan ir-Regolament fil-livell tal-kumitat intern maħtur mill-korp maniġerjali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) għal kull kumitat tal-istruttura tal-kumitat intern, il-korp maniġerjali stabbilixxiex b'mod ċar il-mandat, il-ġerarkija, il-linji ta' rapportar, il-membri permanenti, il-frekwenza tal-laqgħat, u l-livelli ta' responsabbiltà tiegħu;

(b) l-istruttura tal-kumitat intern għandha kumitat li jivvaluta kwalunkwe prodott ġdid, jipproponi dawk il-prodotti lill-maniġment superjuri għall-approvazzjoni, u jimmonitorja dawk il-prodotti u jekk l-unità għall-kontroll tar-riskji, u kwalunkwe funzjoni oħra tal-istituzzjoni li tkun affettwata mill-introduzzjoni ta' prodott ġdid, ikunu rrappreżentati f'kumitat bħal dan;

(c) il-governanza li tirfed l-istruttura tal-kumitat intern tippermetti l-kontroll effettiv u f'waqtu tal-limiti tal-pożizzjoni interni kollha msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) il-governanza li tirfed l-istruttura tal-kumitat intern tiżgura l-involviment attiv tal-korp maniġerjali fil-proċess tal-kontroll tar-riskji kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) bħala parti mid-dokumentazzjoni interna, l-istituzzjoni ddokumentat l-aspetti kollha msemmijin fil-punt (a).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) il-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jiħux azzjonijiet korrettivi xierqa meta dgħufijiet fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji jew fil-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza jiġu identifikati minn kwalunkwe minn fost dawn li ġejjin:

(i) l-unità ta' kontroll tar-riskji;

(ii) il-partijiet kwalifikati inkarigati bil-validazzjoni tal-mudell intern ("funzjoni ta' validazzjoni");

(iii) il-funzjoni tal-awditu intern;

(iv) kwalunkwe funzjoni ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(b) il-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jiġi infurmat dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-awditu intern, mill-unità ta' kontroll tar-riskji, mill-funzjoni ta' validazzjoni, u jagħti segwitu għalihom, fir-rigward tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji jew tal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza;

(c) il-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jkun jista' jiżgura l-kwalità ġenerali tal-governanza tal-istituzzjoni tal-valwazzjoni ta' pożizzjonijiet inkluża fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji jew fil-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-korp maniġerjali:

(a) fuq il-bażi ta' proposta mill-unità ta' kontroll tar-riskji, japprovax il-politiki u l-proċeduri rilevanti kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-mudell intern, inkluża l-istruttura organizzazzjonali xierqa, sabiex jiġi żgurat li l-mudell intern jiġi implimentat b'integrità;

(b) fuq il-bażi ta' proposta mill-unità ta' kontroll tar-riskji u wara kunsiderazzjoni xierqa tal-konklużjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-proċess ta' validazzjoni, japprovax il-metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskju tas-suq applikati fil-mudell intern;

(c) fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-unità ta' kontroll tar-riskji u wara kunsiderazzjoni xierqa tal-konklużjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-proċess ta' validazzjoni, japprovax kwalunkwe prodott ġdid;

(d) fuq il-bażi ta' proposta mill-unità ta' kontroll tar-riskji, japprovax u jaġġornax il-limiti tal-pożizzjonijiet interni;

(e) fuq il-bażi ta' proposta mill-unità ta' kontroll tar-riskji li tistabbilixxi u tivvaluta l-livell aċċettabbli ta' riskju, japprovax il-livell aċċettabbli ta' riskju, l-allokazzjoni interna tal-kapital u l-baġit mill-post tan-negozjar;

(f) jadottax il-proċedura ta' approvazzjoni għal ksur tal-limiti ta' pożizzjonijiet interni;

(g) japprovax jew jirrikjedix azzjonijiet korrettivi fir-rigward ta' ksur tal-limiti ta' pożizzjonijiet interni li jkunu ġew eskalati mill-unità ta' kontroll tar-riskji f'konformità mal-Artikolu 16(1)(b);

(h) fuq il-bażi ta' proposta mill-unità ta' kontroll tar-riskji:

(i) japprova l-programm ta' ttestjar tal-istress;

(ii) jiddiskuti r-riżultati tat-testijiet tal-istress;

(iii) jivvaluta l-azzjoni potenzjali, u meta jkun neċessarju, jieħu azzjonijiet korrettivi.

*Artikolu 7*

**Valutazzjoni ta' jekk il-postijiet tan-negozjar jikkonformawx mal-Artikolu 104b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

Meta jivvalutaw jekk il-postijiet tan-negozjar jikkonformawx mal-Artikolu 104b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jirrieżaminaw l-istrateġija tan-negozju msemmija fl-Artikolu 104b ta' dak ir-Regolament kif dokumentata fil-politiki interni tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, u jivverifikaw jekk:

(i) il-politiki interni jiddeskrivux b'mod ċar ir-raġunament ekonomiku tal-istrateġija tan-negozju, inklużi l-attivitajiet primarji, in-negozjar u l-istrateġiji ta' ħħeġġjar tagħha;

(ii) il-politiki interni jiddeskrivux il-karatteristiċi tal-istrumenti finanzjarji u tal-komoditajiet innegozjati mill-post tan-negozjar, u jinkludu lista aġġornata regolarment u komprensiva ta' dawk l-istrumenti finanzjarji u l-komoditajiet;

(iii) l-istituzzjoni tenfasizzax fil-politiki interni tagħha l-istrumenti li jiġu nnegozjati l-aktar ta' spiss u li jikkontribwixxu l-aktar għal-livell aċċettabbli ta' riskju għall-post tan-negozjar;

(iv) il-politiki interni jiddeskrivux it-tipi ta' fattur tar-riskju inerenti fl-istrumenti finanzjarji u fil-komoditajiet imsemmijin fil-punt (ii);

(v) il-politiki interni jiddeskrivux b'mod ċar kif l-istrumenti u l-komoditajiet imsemmijin fil-punt (ii) huma ħħeġġjati, x'inhuma l-iskala u d-diskrepanzi mistennija tal-ħeġġijiet, u x'inhu l-perjodu ta' żamma mistenni għall-pożizzjonijiet fil-post tan-negozjar;

(vi) l-istrateġiji tan-negozju tal-postijiet tan-negozjar humiex distintivi, kif meħtieġ mill-Artikolu 104b(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi:

(1) jiġu identifikati l-karatteristiċi ewlenin tal-postijiet tan-negozjar f'termini ta' strateġija tan-negozju, inklużi l-attivitajiet primarji, in-negozjar u l-istrateġiji ta' ħħeġġjar;

(2) jiġi vverifikat li l-karatteristiċi ewlenin imsemmijin fil-punt (1) ivarjawx b'mod sinifikanti minn post tan-negozjar għal ieħor;

(b) jivverifikaw jekk it-tranżazzjonijiet bejn l-postijiet tan-negozjar ikunux konsistenti mal-istrateġiji tan-negozju ta' dawk il-postijiet tan-negozjar u li dawk it-tranżazzjonijiet ma jitwettqux sabiex:

(i) jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq;

(ii) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf;

(iii) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv;

(c) jirrieżaminaw l-istruttura organizzazzjonali msemmija fl-Artikolu 104b(2), fil-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju annwali msemmi fl-Artikolu 104b(2), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, kif dokumentat fil-politiki interni tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament;

(d) jivverifikaw jekk għal kull post tan-negozjar, l-istituzzjoni tkunx identifikat negozjant ewlieni wieħed jew tnejn, u li, meta jkunu nħatru żewġ negozjanti ewlenin, ikollhom rwoli, responsabbiltajiet, u awtoritajiet li jkunu separati b'mod ċar, jew wieħed ikollu sorveljanza aħħarija fuq l-ieħor;

(e) jirrieżaminaw ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu 104b(2), fil-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u jivverifikaw jekk l-aspetti kollha msemmijin f'dawk il-punti jkunux irrispettati;

(f) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tiddokumentax u tiġġustifikax kif xieraq każijiet li fihom negozjant jiġi assenjat lil aktar minn post tan-negozjar wieħed kif imsemmi fl-Artikolu 104b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u, għal dak l-għan:

(i) jirrieżaminaw ir-responsabbiltà ta' dak in-negozjant fil-kuntest tal-postijiet tan-negozjar li għalihom ikun ġie assenjat;

(ii) jivverifikaw jekk il-kompiti mwettqin min-negozjant f'post tan-negozjar wieħed skont l-istrateġija tan-negozju ta' dak il-post, ma jmorrux kontra, u ma joħolqu l-ebda kunflitt mal-kompiti li n-negozjant iwettaq għall-postijiet tan-negozjar l-oħrajn;

(g) jivverifikaw jekk ir-raġuni għall-inklużjoni tal-postijiet tan-negozjar fl-ambitu tal-approċċ ta' mudell intern alternattiv tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ir-raġunament huwa ddokumentat fil-politiki interni kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) ir-raġunament jiżgura l-konsistenza fl-approċċ użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fost il-postijiet tan-negozjar li jimmaniġġjaw pożizzjonijiet simili;

(iii) ir-raġunament huwa koerenti mal-istrateġija tan-negozju tal-postijiet tan-negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 104b(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(h) jivverifikaw jekk l-istrateġija tan-negozju tfissirx li tal-anqas 10 % tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq jiġu kkalkolati f'konformità mal-approċċ ta' mudell intern.

Għall-finijiet tal-punt (a)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istrateġija tan-negozju tispeċifikax kemm mill-attivitajiet ta' negozjar huma xprunati mill-klijenti, u jekk l-istrateġija tan-negozju tinvolvix l-oriġini u l-istrutturar tan-negozjar, jew l-eżekuzzjoni ta' servizzi, jew it-tnejn li huma.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta jkun xieraq, jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi kampjun ta' tranżazzjonijiet bejn il-postijiet tan-negozjar, inkluż bejn il-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-approċċ ta' mudell intern u l-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tuża l-approċċ standardizzat.

*Artikolu 8*

**Valutazzjoni tal-governanza interna u tas-sorveljanza tal-istituzzjoni fir-rigward tal-unità ta' kontroll tar-riskji**

1. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw il-governanza interna u s-sorveljanza tal-istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-unità ta' kontroll tar-riskji msemmija fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-unità ta' kontroll tar-riskji:

(a) tkun kompletament separata u indipendenti mill-persunal u mill-funzjonijiet maniġerjali responsabbli għall-oqsma tan-negozju tan-negozjar;

(b) tkun irrappreżentata kif xieraq fil-korpi deċiżjonali tal-istituzzjoni u tkun involuta fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet meta kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet li ġejjin tkun fuq l-aġenda:

(i) l-approvazzjoni ta' metodoloġiji ġodda għall-valutazzjoni tar-riskju tas-suq u ta' kwalunkwe bidla fil-metodoloġiji eżistenti;

(ii) l-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' post tan-negozjar;

(iii) l-approvazzjoni jew l-aġġornament ta' rapporti u ta' inventarji fil-mandat tal-unità ta' kontroll tar-riskji;

(iv) l-istabbiliment tal-livell aċċettabbli ta' riskju;

(v) l-istabbiliment u l-aġġornament regolari tal-istruttura ta' limitu intern;

(vi) l-approvazzjoni ta' ksur tal-limitu;

(vii) l-approvazzjoni ta' prodotti ġodda jew ta' linji operatorji ġodda;

(viii) l-approvazzjoni tal-mudelli tal-ipprezzar użati għall-finijiet ta' riskju;

(ix) l-approvazzjoni ta' programmi ta' ttestjar tal-istress;

(x) l-approvazzjoni ta' sistemi tal-infrastruttura tal-IT relatati mal-għodod tal-maniġjar tar-riskji;

(c) tkun adegwata, tkun proporzjonata għad-daqs tal-istituzzjoni u għar-riskji tan-negozju, u jkollha r-riżorsi neċessarji sabiex twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv;

(d) ikollha persunal b'esperjenza, bi kwalifiki u mħarreġ suffiċjenti sabiex iwettaq l-attivitajiet rilevanti kollha għall-maniġjar effettiv tar-riskji tal-mudell intern u għall-monitoraġġ u għall-ikkontestar tal-azzjonijiet ta' unitajiet oħrajn, b'mod partikolari tal-unitajiet tan-negozju tan-negozjar;

(e) tkun responsabbli għall-eżitu tal-kalkoli bbażati fuq il-mudell intern ta' kejl tar-riskji u fuq il-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-unità ta' kontroll tar-riskji tkunx magħmula minn struttura organizzazzjonali separata waħda jew aktar fl-organigramma tal-istituzzjoni;

(b) il-kapijiet tal-unità jew tal-unitajiet ta' kontroll tar-riskji jkunux maniġers superjuri tal-istituzzjoni;

(c) il-persunal u l-maniġment superjuri responsabbli għall-unità jew għall-unitajiet ta' kontroll tar-riskji ma jkunux responsabbli għal kwalunkwe attività tan-negozju ta' negozjar;

(d) il-maniġers superjuri tal-unità ta' kontroll tar-riskji u dawk responsabbli għall-oqsma tan-negozju jkollhomx linji ta' rapportar differenti għall-korp maniġerjali tal-istituzzjoni;

(e) ir-remunerazzjoni varjabbli tal-persunal u tal-maniġment superjuri responsabbli għall-unità ta' kontroll tar-riskji ma tkunx marbuta mat-twettiq tal-kompiti relatati ma' oqsma tan-negozju ta' negozjar taħt is-superviżjoni tagħhom b'mod li jfixkel jew jimpedixxi l-indipendenza tagħhom.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu:

(a) il-fehma dokumentata tal-unità ta' kontroll tar-riskji meta jew il-korp maniġerjali jew il-kumitat rilevanti tal-istruttura tal-kumitat intern jiddiskutu kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b);

(b) il-minuti tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew tal-kumitat rilevanti tal-istruttura tal-kumitat intern, u l-punti ta' azzjoni riflessi fihom;

(c) ir-rapporti tal-unità ta' kontroll tar-riskji dwar il-limiti ta' pożizzjoni interna, u kwalunkwe deċiżjoni dwar il-ksur tal-limitu;

(d) informazzjoni pprovduta mill-persunal u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni, meta xieraq.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-grad ta' involviment tal-unità ta' kontroll tar-riskji meta l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew il-kumitat rilevanti tal-istruttura tal-kumitat intern jiddiskutu kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw każijiet li fihom il-fehma tal-unità ta' kontroll tar-riskji u d-deċiżjoni finali meħuda jew mill-korp maniġerjali jew mill-kumitat rilevanti tal-istruttura tal-kumitat intern ivarjaw.

*Artikolu 9*

**Valutazzjoni tal-politika dwar prodotti ġodda**

Meta jivvalutaw jekk il-politiki interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 humiex adegwati għall-introduzzjoni ta' kwalunkwe prodott ġdid, li jinkludi strumenti finanzjarji, attivitajiet, swieq, postijiet ta' reġistrazzjoni jew linji operatorji ġodda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-unità ta' kontroll tar-riskji jkollhiex iddokumentata politika dwar prodotti ġodda u l-korp maniġerjali jkunx approva dik il-politika, inkluża definizzjoni ta' "prodott ġdid";

(b) l-istruttura tal-kumitat intern ikollhiex kumitat ("kumitat tal-prodotti ġodda") li jivvaluta, jikkontrolla u jimmonitorja l-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' prodotti ġodda, inklużi, meta rilevanti:

(i) il-valutazzjoni tal-konformità regolatorja;

(ii) ir-rieżami ta' kwalunkwe mudell ta' pprezzar użat għall-finijiet ta' riskju;

(iii) l-ispeċifikazzjoni tal-parametri tas-suq li għandhom jintużaw għal finijiet ta' kalibrar, il-mod kif għandu jsir il-kalibrar, u l-frekwenza tal-aġġornament tal-kalibrar;

(iv) l-introduzzjoni ta' kwalunkwe metodoloġija ġdida għall-valutazzjoni tar-riskju tas-suq;

(v) il-valutazzjoni tal-impatti fuq il-livell aċċettabbli ta' riskju, l-adegwatezza kapitali, u l-profittabilità;

(vi) l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' riżorsi tal-uffiċċju tan-negozjar, tal-back office u tal-middle office u għodod u għarfien espert interni li jippermettu l-fehim u l-monitoraġġ ta' kwalunkwe riskju ġdid assoċjat;

(vii) l-ispeċifikazzjoni u l-proposta lill-korp maniġerjali tar-restrizzjonijiet f'termini ta' maturitajiet, ta' sottostanti, ta' kontropartijiet, u ta' limiti interni għal tali prodott ġdid;

(viii) il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-iskemi kontabilistiċi u l-iżgurar li r-rapportar intern jirrifletti b'mod xieraq ir-riskji sottostanti;

(c) il-korp maniġerjali, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-kumitat tal-prodotti ġodda, jawtorizzax in-negozjar ta' prodotti ġodda;

(d) meta l-korp maniġerjali jiddelega l-kompitu ta' awtorizzazzjoni lill-kumitat tal-prodotti ġodda:

(i) il-volum permess għall-prodott ġdid ikunx restrittiv biżżejjed sabiex jipprevjeni kwalunkwe telf materjali li jirriżulta minn tali prodotti ġodda, inklużi, meta xieraq, perjodi iqsar ta' prova għall-prodotti msemmijin fl-Artikolu 2, il-punt (c);

(ii) l-awtorizzazzjoni tiġix iddelegata separatament għal kull tip ta' prodott ġdid u dejjem għal perjodu ta' żmien limitat, b'massimu ta' 6 xhur;

(iii) l-awtorizzazzjoni, jekk tiġġedded, tiġġeddidx darba biss mill-korp maniġerjali;

(iv) wara perjodu ta' sena, jiġux indirizzati l-kwistjonijiet rilevanti kollha msemmijin fil-punt (b), jew ma jkun permess l-ebda negozjar addizzjonali f'dak il-prodott ġdid;

(e) mingħajr l-approvazzjoni speċifika mill-kumitat tal-prodotti ġodda, l-oqsma tan-negozju ma jkunux awtorizzati jinnegozjaw prodotti ġodda qabel ma jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imsemmijin fil-punt (b);

(f) fil-każijiet speċifiċi li fihom in-negozjanti jitħallew jinnegozjaw prodotti ġodda li ma jikkonformawx mal-punt (b), il-kumitat tal-prodotti ġodda japprovax it-tranżazzjonijiet fuq bażi individwali u fil-limiti msemmijin fil-punt (d)(i);

(g) il-kumitat tal-prodotti ġodda jiltaqax ta' spiss biżżejjed sabiex jevalwa u japprova kwalunkwe tranżazzjoni ta' prodott ġdid u sabiex jimmonitorja l-kwistjonijiet kollha msemmijin fil-punt (b) li dawk it-tranżazzjonijiet jistgħu joħolqu;

(h) it-tranżazzjonijiet jiġux immonitorjati individwalment sakemm il-kwistjonijiet kollha msemmijin fil-punt (b) ikunu ġew indirizzati bis-sħiħ u, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-kumitat tal-prodotti ġodda, il-korp maniġerjali jikkonferma li t-tranżazzjonijiet ikunu inkorporati bis-sħiħ fis-sistemi tal-IT rilevanti kollha u kkontrollati permezz tas-sistema regolari ta' maniġjar tar-riskji;

(i) il-prodotti l-ġodda kollha, irrispettivament mill-grad ta' inkorporazzjoni tagħhom fis-sistemi tal-IT, jiġux ikkalkolati kemm fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji kif ukoll fil-bidliet ta' kuljum fil-valur tal-portafoll użat għall-finijiet tal-ittestjar retrospettiv u tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf.

*Artikolu 10*

**Rieżami indipendenti tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji**

1. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw ir-rieżami indipendenti tal-mudelli interni tal-kejl tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) ir-rieżaminatur ikunx indipendenti;

(b) ir-riżorsi assenjati għar-rieżami jkunux xierqa;

(c) il-proċess stabbilit fl-istituzzjoni sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet magħmula mir-reviżuri jkunx adegwat;

(d) ir-rieżaminatur jirrieżaminax il-mudelli interni tal-kejl tar-riskji fuq tal-anqas bażi annwali, u jinkludix il-konklużjonijiet ta' dak ir-rieżami f'rapport ippreżentat lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali;

(e) ir-rapport imsemmi fil-punt (d) jipprovdix biżżejjed informazzjoni lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni dwar l-elementi kollha msemmijin fl-Artikolu 325bi(2) u fl-Artikolu 325bp(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u jidentifikax l-oqsma fil-pjan ta' ħidma annwali li jeħtieġu analiżi tal-konformità aktar dettaljata ta' dawk l-elementi;

(f) ir-rieżami jkunx adegwat, proporzjonat għad-daqs u għall-kumplessità tal-portafolli kkonċernati, u effettiv fl-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) ir-rieżami jkunx proporzjonat għan-natura, għad-daqs, u għall-kumplessità tan-negozju u tal-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni, u b'mod partikolari għall-kumplessità tal-mudelli interni u tal-implimentazzjoni tagħhom;

(b) ir-rieżaminatur ikollux riżorsi li jkunu adegwati sabiex iwettaq l-attivitajiet rilevanti kollha, u persunal b'esperjenza u bi kwalifiki suffiċjenti;

(c) ir-rieżaminatur ma jkunux, u lanqas ma kien involut f'xi aspett tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-mudell intern soġġett għal rieżami;

(d) ir-rieżaminatur ikunx indipendenti mill-persunal u mill-funzjoni maniġerjali responsabbli għan-negozju u għall-unitajiet ta' kontroll tar-riskji;

(e) ir-remunerazzjoni varjabbli tal-persunal u tal-maniġment responsabbli għar-rieżami ma tkunx marbuta mat-twettiq tal-kompiti relatati ma' oqsma tan-negozju ta' negozjar tal-istituzzjoni b'mod li jfixkel jew jimpedixxi l-indipendenza tagħhom.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw l-aħħar rapporti rilevanti u rapporti rilevanti oħrajn prodotti mir-rieżaminatur u jivverifikaw li r-rimedju tal-kwistjonijiet identifikati f'dawk ir-rapporti jkun rilevanti, materjali u kredibbli.

*Artikolu 11*

**Valutazzjoni tal-validazzjoni ta' kwalunkwe mudell intern tal-kejl tar-riskji, u tal-eżitu ta' validazzjoni bħal din**

1. Meta jivvalutaw jekk kwalunkwe mudell intern tal-kejl tar-riskji jkunx ivvalidat b'mod adegwat, kif imsemmi fl-Artikolu 325bj tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) il-proċess ta' validazzjoni jitwettaqx minn persunal li ma huwiex involut u lanqas ma kien involut b'xi mod fl-iżvilupp tal-mudell intern soġġett għall-validazzjoni;

(b) il-proċess ta' validazzjoni jitwettaqx b'riżorsi suffiċjenti, inkluż b'persunal bl-esperjenza u kwalifikat;

(c) ir-remunerazzjoni varjabbli tal-persunal u tal-maniġers superjuri responsabbli għall-proċess ta' validazzjoni ma tkunx dipendenti fuq it-twettiq tal-kompiti relatati mal-kontroll tar-riskji jew mal-oqsma tan-negozju tal-istituzzjoni b'mod li jfixkel jew jimpedixxi l-indipendenza tagħhom;

(d) il-miżuri korrettivi neċessarji kollha li jirriżultaw mill-proċess ta' validazzjoni huma riflessi fir-rapport ta' validazzjoni msemmi fil-paragrafu 2, u implimentati fil-ħin;

(e) ikun hemm fis-seħħ proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-proċess ta' validazzjoni;

(f) ir-rieżaminatur imsemmi fl-Artikolu 10(1), il-punt (a), jivvaluta regolarment il-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 10(1), il-punti (e) u (f).

2. Meta jivvalutaw l-eżitu tal-proċess ta' validazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk ir-rakkomandazzjonijiet, is-sejbiet, u l-konklużjonijiet tal-proċess ta' validazzjoni humiex inklużi f'rapport ta' validazzjoni li jidentifika u jiddeskrivi:

(i) il-metodoloġija tal-validazzjoni;

(ii) it-testijiet imwettqin;

(iii) is-sett tad-*data* ta' referenza użat;

(iv) il-proċessi rispettivi tat-tindif tad-*data*;

(b) jivverifikaw jekk il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' validazzjoni humiex ikkomunikati direttament lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni, u kkunsidrat minnu, qabel ma dak il-korp maniġerjali japprova mudell li għandu jiġi applikat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji u qabel ma tiġi applikata kwalunkwe bidla sussegwenti fil-metodoloġiji;

(c) jivverifikaw jekk kwalunkwe miżura ta' rimedju proposta mill-funzjonijiet ta' validazzjoni hijiex iddokumentata fir-rapport ta' validazzjoni u hijiex akkumpanjata minn skeda ta' żmien li hija adegwata għall-irranġar tan-nuqqasijiet identifikati;

(d) jivverifikaw jekk proċess ta' eskalazzjoni jkunx inkluż fil-politiki interni tal-istituzzjoni għal dawk il-miżuri ta' rimedju li jkunu skadew, u jekk, fuq il-bażi ta' evidenza mill-passat, dak il-proċess ikunx segwit;

(e) jivvalutaw il-kwalità ġenerali tal-eżitu tal-proċess ta' validazzjoni billi jqabbel in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-mudell intern f'konformità ma' dan ir-Regolament man-nuqqasijiet identifikati mill-unità ta' validazzjoni fil-proċess ta' validazzjoni.

*Artikolu 12*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-ambitu u tal-kompletezza tal-validazzjoni interna**

1. Meta jivvalutaw jekk l-ambitu tal-validazzjoni interna msemmi fl-Artikolu 325bj tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunx adegwat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-validazzjoni interna:

(a) tirrieżaminax b'mod kritiku l-aspetti kollha tal-metodoloġiji u tal-funzjonijiet tal-ipprezzar użati għal skopijiet kapitali, inklużi dawk applikati għal prodotti ġodda, u b'hekk tqis il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet meta mqabblin ma' kwalunkwe metodoloġija alternattiva;

(b) tivverifikax:

(i) l-għażla tad-*data* tas-suq;

(ii) l-immappjar tal-fatturi tar-riskju mal-perjodu ta' likwidità rilevanti;

(iii) l-immappjar ta' osservazzjoni reali tal-prezzijiet ma' fattur tar-riskju jew ma' bucket li għalih titqies rappreżentattiva;

(iv) l-approċċi tal-indikaturi użati;

(c) tivverifikax jekk is-suppożizzjonijiet distribuzzjonali u kwalunke suppożizzjoni stokastika rilevanti oħra u l-parametri tal-proċessi stokastiċi sottostanti, inklużi l-volatilità u l-korrelazzjoni, humiex iġġustifikati sew, inkluż fir-rigward ta':

(i) it-truf tad-distribuzzjonijiet rilevanti għall-kalkolu tal-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmijin fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) tivvalutax is-soliditá ta' kwalunkwe korrelazzjoni empirika użata kemm fi ħdan kif ukoll fost il-kategoriji ġenerali tal-fatturi tar-riskju sabiex jiġi kkalkolat il-kejl tan-nuqqas mistenni mingħajr restrizzjoni msemmi fl-Artikolu 325bh(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) tivvalutax is-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni magħmulin fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza, inklużi:

(i) l-għażla tal-kopula rilevanti, meta mmudellata b'mod espliċitu;

(ii) l-għażla u l-ponderazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju sistematiku msemmijin fl-Artikolu 325bp tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) il-kapaċità tal-mudell li jispjega r-raggruppamenti predefiniti;

(f) tivvalutax is-suppożizzjonijiet magħmulin sabiex jinkisbu stimi tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza u t-telf fil-każ ta' inadempjenza sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(g) tivvalutax is-suppożizzjonijiet magħmulin fir-rigward tal-immudellar tal-ħeġġijiet fil-komputazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza kif imsemmi fl-Artikolu 325bo tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(h) tanalizzax ir-riżultati tal-programm ta' ttestjar tal-istress, inklużi r-riżultati relatati mar-riskju ta' inadempjenza, u tislitx konklużjonijiet rilevanti, jekk ikun hemm, dwar nuqqasijiet metodoloġiċi jew dgħufijiet li jirriżultaw minn xenarji partikolari tas-suq;

(i) tapplikax u tanalizzax ir-riżultati miksubin għall-portafolli ipotetiċi msemmijin fl-Artikolu 325bj(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 sabiex jiġi żgurat li l-mudell intern ikun jista' jqis il-karatteristiċi strutturali, inklużi, meta rilevanti, dawn li ġejjin:

(i) riskji ta' bażi bejn kurvi ta' rendiment differenti;

(ii) movimenti korrelatati mhux perfettament bejn pożizzjonijiet simili iżda mhux identiċi;

(iii) riskju ta' bażi u bażi relatati mal-isem li jirriżultaw minn pożizzjonijiet ta' kreditu jew ta' ekwità simili iżda mhux identiċi;

(iv) ir-riskju tal-konċentrazzjoni;

(j) tivverifikax ir-robustezza tal-implimentazzjoni tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji fis-sistemi tal-IT, u tiżgurax li l-unitajiet tan-negozju u ta' appoġġ kollha japplikaw metodoloġiji b'mod konsistenti u għaż-żoni ġeografiċi rilevanti kollha;

(k) tivverifikax l-adegwatezza u l-materjalità tal-indikaturi billi tivvaluta:

(i) il-perċentwal ta' serje kronoloġika murija b'indikatur użata;

(ii) il-kontribut marġinali perċentwali tas-serje kronoloġika murija b'indikatur;

(iii) l-impatt li l-użu ta' indikaturi jista' jkollu fir-rikonoxximent tal-effetti tad-diversifikazzjoni.

2. Meta jivvalutaw il-kompletezza tal-proċess ta' validazzjoni interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) għall-validazzjoni interna mwettqa meta l-mudell jiġi żviluppat inizjalment, l-istituzzjoni tkun wettqet u ddokumentat proċess ta' validazzjoni sħiħ għall-metodoloġiji kollha applikati fil-mudell intern;

(b) għall-validazzjoni interna perjodika, l-istituzzjoni tkun wettqet validazzjoni sħiħa, jew tkun għamlet il-validazzjoni fuq oqsma li għandhom jiġu vvalidati wara l-bidliet imsemmijin fil-paragrafu 3 dwar:

(i) kwalunkwe metodoloġija ġdida meħtieġa mill-introduzzjoni ta' prodotti ġodda;

(ii) oqsma relatati ma' kwalunkwe kwistjoni identifikata fil-konklużjonijiet tal-validazzjonijiet preċedenti u r-rieżamijiet tal-awditjar intern.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jiżgurawx li l-validazzjoni perjodika interna titwettaq tal-anqas darba fis-sena, u kull darba li jseħħu bidliet strutturali sinifikanti fis-suq jew bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll li jistgħu jwasslu sabiex il-mudell intern ma jibqax adegwat, inklużi dawn li ġejjin:

(i) numru ta' qabżiet fil-valur li jiddevjaw b'mod sinifikanti min-numru antiċipat mill-kalibrar tal-mudell;

(ii) telf kbir tas-suq meta mqabbel mal-livell previst mill-metriki tar-riskju;

(iii) bidla sinifikanti fin-negozju tal-istituzzjoni li tista' tikkontesta s-suppożizzjonijiet tal-immudellar;

(iv) diskrepanzi mhux tas-soltu u sinifikanti bejn it-tibdil teoretiku u ipotetiku fil-valuri tal-portafolli;

(b) jivverifikaw jekk il-validazzjoni perjodika interna hijiex ibbażata fuq pjan ta' ħidma, approvat mill-korp maniġerjali, u li dak il-pjan ta' ħidma jistabbilixxi:

(i) l-ambitu tal-validazzjoni interna;

(ii) il-kompiti mwettqin mill-unità ta' validazzjoni;

(iii) il-prijoritajiet tal-validazzjoni interna;

(c) jivvalutaw kif il-pjan ta' ħidma msemmi fil-punt (b) jiżgura li jitwettaq proċess ta' validazzjoni interna komprensiv u orjentat lejn ir-riskju, u li l-aspetti rilevanti ma jitħallewx barra mill-ambitu tal-validazzjoni interna.

*Artikolu 13*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tar-rapportar**

Meta jivvalutaw l-adegwatezza tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 104b(2), il-punti (d) u (f), u fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) jekk l-istituzzjoni żżommx inventarju ta' dawk ir-rapporti, li jispeċifika l-kontenut, il-frekwenza u d-destinatarji tagħhom;

(b) jekk l-inventarju msemmi fil-punt (a) ġiex approvat fil-livell maniġerjali xieraq u jiġi aġġornat f'konsultazzjoni mal-unità ta' kontroll tar-riskji.

*Artikolu 14*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-limiti ta' negozjar**

Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-limiti ta' negozjar imsemmijin fl-Artikolu 103(2), il-punt (b)(ii), fl-Artikolu 104b(2), il-punti (c) u (f), u fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-istituzzjoni għandhiex diżaggregazzjoni ċara tal-limiti ta' negozjar li hija konsistenti mal-livell aċċettabbli ta' riskju stabbilit mill-istituzzjoni u mal-baġit ta' kull post tan-negozjar;

(b) l-għażla tal-limiti ta' negozjar tirriflettix l-istrateġija tan-negozjar tal-post tan-negozjar u n-natura tar-riskji sottostanti;

(c) il-limiti ta' negozjar jinkludux dawn li ġejjin:

(i) limitu tal-valur fir-riskju għal-livell massimu ta' aggregazzjoni tal-portafoll li fih jiġi applikat il-mudell intern;

(ii) limitu fuq il-valur fir-riskju għal kull post tan-negozjar li għalih l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq bil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(d) l-istituzzjoni għandhiex diżaggregazzjoni ulterjuri fil-limiti tal-valur fir-riskju, proporzjonali għall-istrateġiji tan-negozjar tal-istituzzjoni;

(e) il-limiti interni kollha, inklużi dawk imsemmijin fil-punt (c), ikunux iddokumentati kif xieraq u approvati formalment;

(f) bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni u tal-aġġornament tal-limitu, l-unità ta' kontroll tar-riskji tivvaluta u tiddokumenta l-konsistenza u l-kompatibbiltà bejn il-limiti tal-valur fir-riskju approvati mill-korp maniġerjali u l-bqija tal-limiti interni mhux ibbażati fuq il-valur fir-riskju, inklużi s-sensittivitajiet jew l-iskattatur tat-telf;

(g) l-istituzzjoni tiddokumentax kif xieraq u tapprovax formalment inventarju ta' strumenti awtorizzati u ta' pożizzjonijiet tar-riskju sottostanti li jistgħu jidħlu fihom in-negozjanti.

Għall-finijiet tal-punt (c)(i), il-limitu tal-valur fir-riskju għandu jkun is-somma tal-limiti individwali tal-valur fir-riskju meta l-permess għall-użu tal-approċċ ta' mudell intern, kif imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ma jkunx ingħata.

*Artikolu 15*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-proċess sabiex jiġu aġġornati l-limiti ta' negozjar**

1. Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-proċess tal-aġġornar tal-limiti ta' negozjar tal-istituzzjoni msemmi fl-Artikolu 103(2), il-punt (b)(ii), fl-Artikolu 104b(2), il-punti (c) u (f), u fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) il-proċess ta' aġġornament huwiex ikkoordinat u ddokumentat kif xieraq mill-unità ta' kontroll tar-riskji;

(b) il-proposta għall-aġġornament tal-limiti ta' negozjar tirriflettix kwalunkwe bidla f'dawn:

(i) il-livell aċċettabbli ta' riskju stabbilit mill-istituzzjoni;

(ii) l-attività mistennija jew fl-objettivi baġitarji tal-postijiet tan-negozjar;

(c) il-proposta għall-aġġornament tal-limiti ta' negozjar tqisx, matul il-perjodu li fih intuża l-limitu ta' negozjar applikabbli fiż-żmien tal-aġġornament:

(i) il-livell medju ta' użu tal-limiti ta' negozjar applikabbli fiż-żmien tal-aġġornament;

(ii) in-numru u l-firxa tal-ksur tal-limitu ta' negozjar.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-proċess għall-aġġornament tal-limiti ta' negozjar twettaqx tal-anqas kull sena, u aktar ta' spiss meta jkun hemm bidliet fl-organizzazzjoni jew jiġu introdotti linji operatorji jew prodotti ġodda.

*Artikolu 16*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-proċess relatat mal-ksur tal-limitu ta' negozjar**

1. Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-proċess għall-approvazzjoni ta' ksur tal-limitu ta' negozjar imsemmi fl-Artikolu 104b(2), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-istituzzjoni għandhiex proċedura ċara u dokumentata għall-approvazzjoni mill-korp maniġerjali tal-ksur tal-limiti ta' negozjar;

(b) il-korp maniġerjali jkunx speċifika l-kundizzjonijiet ta' materjalità li skont dawn kwalunkwe ksur tal-limiti ta' negozjar għandu jiġi rrapportat lill-korp maniġerjali nnifsu, irrispettivament mil-livell li fih il-limiti ta' negozjar ikunu ġew approvati;

(c) l-unità ta' kontroll tar-riskji tiddokumentax kwalunkwe ksur tal-limiti ta' negozjar u tirrapportax tali ksur lill-kumitat responsabbli, lis-sottokumitat jew lill-maniġer individwali;

(d) il-kumitat, is-sottokumitat jew il-maniġer individwali msemmi fil-punt (c) jiħux azzjoni meta jinkiser limitu ta' negozjar, jew inkella jirrapportax tali ksur lill-korp maniġerjali, f'konformità mal-punt (b);

(e) id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt (c) tinkludix id-daqs u l-kawżi ewlenin tal-ksur tal-limitu ta' negozjar, inklużi:

(i) kwalunkwe żieda fil-pożizzjonijiet tan-negozjar;

(ii) kwalunkwe bidla metodoloġika introdotta fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(iii) kwalunkwe żvilupp fil-kundizzjonijiet tas-suq.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw, b'mod partikolari meta post tan-negozjar ikun ta' spiss qabeż il-limiti ta' negozjar, jekk il-frekwenza u d-daqs tal-ksur tal-limiti ta' negozjar, u l-miżuri meħudin mill-unità ta' kontroll tar-riskji u mill-korp maniġerjali b'reazzjoni għal tali ksur, ikunux xierqa. L-awtorità kompetenti għandha twettaq verifika bħal din.

*Artikolu 17*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-programm ta' ttestjar tal-istress**

1. Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-programm ta' ttestjar tal-istress imsemmi fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (g), u fl-Artikolu 325bp(7), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-istituzzjoni tirrieżaminax ix-xenarji applikati bħala parti mill-programm ta' ttestjar tal-istress tal-anqas darba fis-sena;

(b) l-unità ta' kontroll tar-riskji toperax ix-xenarji ta' ttestjar tal-istress iddeterminati fil-programm ta' ttestjar tal-istress b'mod frekwenti u tal-anqas kull xahar, u bi frekwenza ogħla meta l-istituzzjoni jkollha attivitajiet ta' negozjar sinifikanti;

(c) ix-xenarji li għandhom jiġu applikati bħala parti mill-programm ta' ttestjar tal-istress jinkludux, minbarra xenarji osservati storikament jew ipotetiċi, xenarji li jirriżultaw minn test tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi u xenarji *ad-hoc* imfasslin sabiex jindirizzaw il-motivaturi tar-riskji speċifiċi rilevanti;

(d) ix-xenarji msemmijin fil-punt (c) jiġux irrieżaminati tal-anqas fuq bażi annwali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk ix-xenarji msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (c), jintużawx sabiex jivvalutaw ir-robustezza tal-elementi li jikkostitwixxu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, inkluż ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' inadempjenza, meta dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jitqabblu ma' telf potenzjali li jirriżulta minn xenarji tas-suq severi iżda plawżibbli.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni, meta tkun qiegħda tivvaluta r-robustezza tas-suppożizzjonijiet tal-mudell tar-riskju ta' inadempjenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kopertura tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu, tużax dawn kollha li ġejjin:

(a) telf li jinħoloq minn avvenimenti, inklużi avvenimenti ta' kreditu;

(b) it-tnaqqis ipotetiku fil-klassifikazzjoni;

(c) l-avvenimenti tas-suq fuq tipi ta' emittenti speċifiċi;

(d) il-bidliet fit-tipi u fil-parametri tal-kopuli, meta mmudellati b'mod espliċitu.

*Artikolu 18*

**Valutazzjoni tal-adegwatezza ta' xenarji ta' test tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi u *ad hoc***

1. Meta jivvalutaw l-adegwatezza tax-xenarji ta' ttestjar tal-istress bl-invers imsemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-unità ta' kontroll tar-riskji tapplikax it-test tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi bħala għodda sabiex jiġu identifikati l-kombinazzjonijiet possibbli ta' avvenimenti severi u ta' konċentrazzjonijiet tar-riskju fl-istituzzjoni, inklużi avvenimenti severi u konċentrazzjonijiet tar-riskju li jirriżultaw minn riskji ambjentali;

(b) l-analiżi mwettqa bit-test tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi tikkomplementa l-ittestjar tal-istress regolari;

(c) meta tkun qiegħda tidentifika x-xenarju jew ix-xenarji li jirriżultaw mit-test tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi, l-unità ta' kontroll tar-riskji tivvaluta:

(i) il-linji operatorji li fihom il-mudelli tradizzjonali ta' maniġjar tar-riskji jindikaw kompromess eċċezzjonalment tajjeb bejn ir-riskju u r-redditu;

(ii) prodotti ġodda u swieq ġodda li ma esperjenzawx diffikultajiet severi;

(iii) skoperturi li fihom ma jkun hemm l-ebda suq likwidu bidirezzjonali;

(iv) skoperturi tal-kambju jew fissi jew soġġetti għal limitu massimu jew għal limitu minimu għal muniti oħrajn;

(v) pożizzjonijiet f'opzjonijiet profondi sfavorevoli, b'mod partikolari opzjonijiet diġitali;

(vi) eventi mhux ikkunsidrati fil-perjodu ta' stress użat sabiex jiġu kkalibrati l-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmijin fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(vii) ir-riskji ambjentali fil-forma ta' riskji kemm fiżiċi kif ukoll ta' tranżizzjoni.

2. Meta jivvalutaw l-adegwatezza ta' xenarji *ad hoc* ta' ttestjar tal-istress bħala parti mill-programmi ta' ttestjar tal-istress imsemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-unità ta' kontroll tar-riskji, meta tfassal ix-xenarji *ad hoc* ta' ttestjar tal-istress ikkonċernati, tqisx il-kompożizzjoni, fl-aħħar data tar-rapportar, tal-portafoll tal-pożizzjonijiet inklużi fl-ambitu tal-mudell intern. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) jekk l-unità ta' kontroll tar-riskji tużax ir-riżultati miksubin mill-analiżi tas-sensittività lejn fatturi tar-riskju uniċi, meqjusin individwalment u b'mod konġunt, sabiex tidentifika xenarji li jinkludu l-istress ta' sett kombinat ta' fatturi tar-riskju plawżibbli;

(b) jekk l-unità ta' kontroll tar-riskji tkunx qieset b'mod espliċitu l-elementi li ġejjin meta tkun qed tistabbilixxi x-xenarji tal-ittestjar tal-istress *ad hoc*:

(i) l-illikwidità tas-swieq f'kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, il-gapping tal-prezzijiet, ir-riskju tal-konċentrazzjoni, u s-swieq f'direzzjoni waħda;

(ii) event li jirriżulta f'żieda fil-korrelazzjoni bejn l-istrumenti jew il-fatturi tar-riskju, jew xenarju ta' tibdil kbir fil-kambju, li jirriżulta minn kwalunkwe munita li tkun soġġetta għal peg, għal limitu massimu, jew għal limitu minimu fiż-żmien tar-rieżami, li jkunu qegħdin ikissru dawk ir-relazzjonijiet, meta avveniment bħal dan iseħħ fl-istess ħin bħal avveniment kif imsemmi fil-punt (i);

(iii) riskji ta' event għall-ekwitajiet u riskju ta' inadempjenza immedjata ("jump-to-default") għal pożizzjonijiet ta' kreditu, billi titqies waħda mill-alternattivi li ġejjin:

(1) erba' inadempjenzi istantanji bi rkupru żero tal-pożizzjonijiet twal ta' dejn fil-portafoll kurrenti bl-akbar skopertura u bl-akbar żewġ pożizzjonijiet twal ta' ekwità fil-portafoll kurrenti;

(2) ir-riskju ta' avveniment li jirriżulta minn żieda qawwija fil-prezzijiet tal-ekwità għall-akbar żewġ pożizzjonijiet qosra;

(iv) it-tendenza mhux lineari tal-prodotti, billi tiġi applikata r-rivalutazzjoni sħiħa tal-pożizzjonijiet kollha sabiex jiġu riflessi b'mod akkurat l-effetti tat-tendenza mhux lineari, u billi jiġu applikati xokkijiet kbar biżżejjed sabiex jiġi skattat l-eżerċizzju ta' xi opzjonijiet profondi sfavorevoli, b'mod partikolari opzjonijiet diġitali;

(v) riskji ta' eventi li jirriżultaw minn motivaturi tar-riskju ambjentali;

(vi) riskji oħrajn li ma jistgħux jinqabdu kif xieraq fil-mudelli interni, inklużi riskji derivati mill-użu ta' indikaturi u mill-allinjament ħażin potenzjali bejn indikatur u r-riskju sottostanti.

Għall-finijiet tal-punt (b)(i), l-unità ta' kontroll tar-riskji tista' tikkunsidra xokkijiet akbar sabiex tirrifletti l-impossibbiltà ta' korrezzjoni ta' pożizzjonijiet fil-ħin, b'mod partikolari għal strumenti ta' flus, li hija kkawżata mill-fatt li l-pożizzjonijiet huma kkonċentrati, jew li huma dovuti għal żieda qawwija fl-illikwidità tas-suq.

Għall-finijiet tal-punt (b)(iv), l-unità ta' kontroll tar-riskji tista', b'mod partikolari:

(a) tivvaluta r-riskju potenzjali mġarrab meta l-pożizzjonijiet tal-iħħeġġjar jiġu valwati bl-użu ta' indikatur;

(b) tapplika l-movimenti tax-xenarju taħt stress għall-indikatur filwaqt li żżomm il-pożizzjonijiet illikwidi kostanti.

*Artikolu 19*

**Valutazzjoni tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji fir-rigward tar-robustezza tas-sistemi tal-IT**

1. Meta jiġi vvalutat jekk il-mudell intern tal-kejl tar-riskji huwiex ikkalkolat u implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk is-sistemi tal-IT tal-istituzzjoni relatati mal-maniġjar tar-riskji tas-suq u s-sistemi tal-IT li jappoġġaw il-mudell intern humiex robusti biżżejjed sabiex ilaħħqu mal-iżbalji ta' eżekuzzjoni. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivvalutaw ir-robustezza tas-sistemi tal-IT matul l-aħħar 250 jum ta' xogħol;

(b) jivverifikaw jekk:

(i) ikunu fis-seħħ kapaċitajiet xierqa ta' rimedju f'każ ta' ħsara fis-sistema;

(ii) l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkola mill-ġdid kwalunkwe metrika tar-riskju affettwata;

(iii) il-qabżiet fil-valur tal-ittestjar retrospettiv prodotti minn problemi tekniċi jkunu eċċezzjonali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk istituzzjoni teżaminax il-pożizzjonijiet u l-istrumenti tal-mudell intern kollha fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji u tirrikonċiljax dawk il-pożizzjonijiet u l-istrumenti mas-sistemi tal-valur fi tmiem il-jum billi tikkonferma, tal-anqas kull ġimgħa, li l-pożizzjonijiet u l-istrumenti f'sistema waħda jikkorrispondu għal dawk fis-sistemi l-oħrajn. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tiddokumenta bis-sħiħ u timmonitorja kwalunkwe pożizzjoni u strument li ma jkunux ġew irrikonċiljati bis-sħiħ.

*Artikolu 20*

**Valutazzjoni tal-akkuratezza raġonevoli tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji, inkluż il-mudell tal-ipprezzar**

1. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern tal-kejl tar-riskji, inkluż kwalunkwe mudell tal-ipprezzar, għandux rekord ipprovat li huwa raġonevolment akkurat fil-kejl tar-riskji, u ma jvarjax b'mod sinifikanti mill-mudelli li l-istituzzjoni tuża għall-mudelli interni tagħha ta' kejl tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni għandhiex inventarji, u li dawk l-inventarji jinkludu:

(i) il-funzjonijiet jew il-metodi tal-ipprezzar użati fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji u l-funzjonijiet jew il-metodi ta' pprezzar użati għall-kalkolu tal-valur fi tmiem il-jum tal-portafoll;

(ii) għal kull waħda mill-funzjonijiet jew mill-metodi tal-ipprezzar imsemmijin fil-punt (i), deskrizzjoni konċiża, il-karatteristiċi ewlenin, is-suppożizzjonijiet, il-parametri ewlenin ta' dawk il-funzjonijiet jew il-metodi ta' pprezzar, kif dawk il-karatteristiċi, is-suppożizzjonijiet u l-parametri ġew ikkalibrati, u kif dawk il-funzjonijiet jew il-metodi ta' pprezzar jiġu implimentati;

(iii) deskrizzjoni tal-ambitu tal-istrumenti finanzjarji u tal-komoditajiet inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji intern kopert minn kull funzjoni jew metodu tal-ipprezzar;

(iv) deskrizzjoni tal-ambitu tal-istrumenti finanzjarji u tal-komoditajiet koperti minn kull funzjoni jew metodu ta' pprezzar fil-kalkolu tal-valur fi tmiem il-jum tal-portafoll;

(v) metrika waħda jew aktar sabiex titkejjel il-materjalità tal-pożizzjonijiet ipprezzati bil-funzjoni jew bil-metodu ta' pprezzar korrispondenti fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(vi) metrika waħda jew aktar sabiex titkejjel il-materjalità tal-pożizzjonijiet ipprezzati bil-funzjoni u l-metodu tal-ipprezzar korrispondenti fil-kalkolu tal-valur fi tmiem il-jum tal-portafoll;

(vii) immappjar komprensiv bejn il-funzjonijiet tal-ipprezzar u l-metodi użati fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji u l-funzjonijiet u l-metodi tal-ipprezzar użati fil-kalkolu tal-valur fi tmiem il-jum tal-portafoll;

(b) jivverifikaw jekk l-inventarji msemmijin fil-punt (a) jiġux aġġornati tal-anqas darba fis-sena, u jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jipprovdux għal aġġornament speċifiku kull meta dan ikun neċessarju minħabba bidliet sostanzjali fl-informazzjoni pprovduta fl-inventarji;

(c) jivverifikaw jekk id-differenzi kollha bejn il-funzjonijiet tal-ipprezzar użati għall-kalkolu tal-valur fi tmiem il-jum u l-funzjonijiet tal-ipprezzar użati fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji humiex ivvalidati bħala parti mill-validazzjoni interna msemmija fl-Artikolu 325bj tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) jivvalutaw, fuq il-bażi tar-riżultati tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf u fuq il-bażi tar-riżultati tal-ittestjar retrospettiv, jekk hemmx funzjonijiet tal-ipprezzar li jistgħu jippreżentaw nuqqasijiet;

(e) janalizzaw il-konklużjonijiet fl-aktar rapporti riċenti mill-validazzjoni interna tal-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 325bj tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar l-akkuratezza tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(f) janalizzaw il-konklużjonijiet stabbiliti fl-aktar rapporti riċenti dwar ir-rieżami intern tal-istituzzjoni tal-akkuratezza tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji, kif imsemmi fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(g) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni ddokumentatx id-differenzi bejn il-mudell intern tal-kejl tar-riskji u l-mudelli li l-istituzzjoni tuża għall-maniġjar tar-riskji intern tagħha għall-istess ambitu tal-pożizzjonijiet, u jekk l-istituzzjoni tkunx kapaċi tispjega dawk id-differenzi;

(h) janalizzaw ir-riżultati tat-testijiet imwettqin mill-istituzzjoni bħala parti mill-validazzjoni interna tagħha sabiex jivverifikaw jekk is-suppożizzjonijiet magħmulin fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji humiex xierqa u ma jissottovalutawx jew ma jissopravalutawx ir-riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 325bj(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'mod partikolari għall-postijiet tan-negozjar bl-akbar differenzi bejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-mudell intern tal-kejl tar-riskji.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jirrikjedu li l-istituzzjoni tikkalkola, fuq sett ta' strumenti u ta' komoditajiet li għalihom l-awtorità kompetenti tkun trid tittestja l-akkuratezza tal-funzjonijiet tal-ipprezzar, it-tibdiliet teoretiċi għar-riskju msemmijin fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 2, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2059 ([10]) u t-tibdil ipotetiku msemmi fil-Kapitolu 1, it-Taqsima 2, ta' dak ir-Regolament Delegat, u jirrikjedu li l-istituzzjoni tiġġustifika d-differenzi fl-eżitu bejn iż-żewġ miżuri.

2. Meta pożizzjonijiet li jikkorrispondu għal klassijiet ta' prodotti assenjati lil post tan-negozjar jiġu rreġistrati back-to-back ma' dawk ta' entità oħra tal-grupp li tkun barra mill-ambitu tal-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Unjoni, u l-awtorità kompetenti teħtieġ aktar evidenza sabiex tivverifika li l-mudell intern tal-kejl tar-riskji jkun raġonevolment akkurat, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-istituzzjonijiet jipprovdu:

(a) il-bidliet attwali, ipotetiku u teoretiċi tar-riskju fuq perjodu ta' 60 jum ta' xogħol fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar, mingħajr ma titqies l-ebda ħeġġ mal-entità tal-grupp;

(b) in-numri tal-valur fir-riskju fil-livell tal-post tan-negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq 60 jum ta' negozju, mingħajr ma tiġi kkunsidrata l-ebda ħeġġ mal-entità tal-grupp;

(c) valutazzjoni tar-riżultati tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf u tar-riżultati tal-ittestjar retrospettiv fid-dawl tal-bidliet fil-valuri tal-portafoll imsemmijin fil-punt (a) u fin-numri tal-valur fir-riskju msemmijin fil-punt (b).

3. Meta r-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet li jikkorrispondu għal xi klassijiet ta' prodotti jiġi ttrasferit lil entità oħra tal-grupp li tkun barra mill-ambitu tal-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Unjoni, u l-effetti ta' tali trasferiment ikunu *de facto* jixbhu l-effetti ta' pożizzjonijiet irreġistrati back-to-back, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw il-paragrafu 2.

*Artikolu 21*

**Valutazzjoni tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji fir-rigward ta' programmi addizzjonali ta' ttestjar retrospettiv**

1. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern tal-istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-ittestjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bj(3), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk, bħala parti minn tali programmi ta' ttestjar retrospettiv, l-istituzzjoni:

([10]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2059 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tekniċi tal-ittestjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni u tal-profitt u t-telf skont l-Artikoli 325bf u 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2059/oj).

(a) tħaddimx il-programm ta' ttestjar retrospettiv imsemmi fil-paragrafu 2 jew programm intern ieħor ta' ttestjar retrospettiv li jippermetti lill-istituzzjoni tidentifika l-kontribut ta' fatturi tar-riskju mudellabbli u mhux mudellabbli għar-riżultati tal-ittestjar retrospettiv;

(b) tapplikax approċċi diretti ta' ttestjar retrospettiv tan-nuqqas mistenni għall-portafolli tagħha.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw kif l-istituzzjoni timmotiva l-għażla tal-metodoloġija tal-ittestjar retrospettiv tan-nuqqasi mistenni diretta applikata, u janalizzaw jekk dik il-metodoloġija tkunx kunċettwalment valida.

L-istituzzjoni tista' tuża l-programmi ta' ttestjar retrospettiv imsemmijin fl-ewwel subparagrafu bħala element sabiex tidentifika u timmonitorja n-nuqqasijiet potenzjali fil-miżuri tan-nuqqas mistenni. Meta awtorità kompetenti tiddeċiedi dwar il-permess li jintuża l-approċċ ta' mudell intern sabiex tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-Artikolu 325az, dawk il-programmi ta' ttestjar retrospettiv ma għandhomx jieħdu post l-eżiti tal-ittestjar retrospettiv regolatorju msemmi fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf imsemmijin fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istituzzjoni tista' tmexxi programm ta' ttestjar retrospettiv li japplika l-prinċipji li ġejjin:

(a) qabża fil-valur hija identifikata bħala bidla ta' ġurnata fi $HPL_{MRF}$ jew fi

(b) $APL_{MRF}$ li taqbeż in-numru tal-valur fir-riskju msemmi fl-Artikolu 325bf(6), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) $HPL_{MRF}$ u $APL_{MRF}$ jiġu kkalkolati kif ġej:

$$HPL_{MRF} = HPL + RTPL_{MRF} - RTPL$$

$$APL_{MRF} = APL + RTPL_{MRF} - RTPL$$

Fejn:

— *HPL* hija t-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll;

— *APL* hija t-tibdil attwali fil-valur tal-portafoll;

— *RTPL* hija t-tibdil teoretiku għar-riskju fil-valur tal-portafoll tal-istituzzjoni;

— $RTPL_{MRF}$ hija t-tibdil teoretiku għar-riskju fil-valur tal-portafoll tal-istituzzjoni meta jitqies biss it-tibdil fil-fatturi tar-riskju mudellabbli;

(d) l-istituzzjoni tidentifika dgħufijiet potenzjali fil-mudell tagħha tal-kejl tar-riskji billi tgħodd il-qabżdiet fil-valur, kif identifikati f'konformità mal-punt (a), li seħħew matul l-aħħar 250 jum ta' negozju, u billi tqabbel l-ammont tal-qabżiet fil-valur identifikati mal-limiti msemmijin fl-Artikolu 325bf(3), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

KAPITOLU 3

**VALUTAZZJONI TAL-MUDELL INTERN TAL-KEJL TAR-RISKJI UŻAT SABIEX JIĠU KKALKOLATI L-KEJL TAR-RISKJU TAN-NUQQAS MISTENNI U L-KEJL TAR-RISKJU TAX-XENARJU TA' STRESS**

*TAQSIMA 1*

***Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni***

*Artikolu 22*

**Introduzzjoni għall-valutazzjoni tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji użat sabiex jiġu kkalkolati l-kejl tan-nuqqas mistenni u l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress**

Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti applikabbli għall-mudell intern tal-kejl tar-riskji użat sabiex jiġu kkalkolati l-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni u l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tikkonformax ma' dawn:

(a) it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, li fiha rekwiżiti dwar il-fatturi tar-riskju, inkluża l-valutazzjoni tal-mudellabbiltà u l-immappjar tal-perjodu ta' likwidità xieraq;

(b) it-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu, li fiha rekwiżiti dwar il-kwalità tad-*data* u l-approċċi ta' indikaturi użati fil-kalkolu ta' dawn:

  (i) il-kejl tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

  (ii) il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) it-Taqsima 4 ta' dan il-Kapitolu, li fiha rekwiżiti dwar l-ittestjar retrospettiv u l-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf;

(d) it-Taqsima 5 ta' dan il-Kapitolu, li fiha rekwiżiti dwar it-trattament tar-riskju tal-kambju u r-riskju tal-komoditajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar;

(e) it-Taqsima 6 ta' dan il-Kapitolu, li fiha rekwiżiti dwar il-kalkoli tal-kejl tan-nuqqas mistenni u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress.

*TAQSIMA 2*

***Valutazzjoni tal-kompożizzjoni u tal-proprjetajiet tal-fatturi tar-riskju tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji***

Sottotaqsima 1

**Valutazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fatturi tar-riskju tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji**

*Artikolu 23*

**Valutazzjoni tal-kopertura tar-riskju tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji**

1. Meta tiġi vvalutata l-konformità tal-istituzzjoni mal-Artikolu 325bh(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżit li fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji jiġu inklużi tal-anqas dawk il-fatturi tar-riskju li jintużaw fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-approċċ standardizzat alternattiv, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk:

(a) l-istituzzjoni tiddokumentax jekk hemmx fatturi tar-riskju użati fl-approċċi standardizzati li ma humiex inklużi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(b) l-istituzzjoni tenfasizzax l-aspetti kollha li ġejjin:

(i) jekk hemmx muniti li għalihom ma jkunx immudellat ir-riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax, inkluż ir-riskju tal-inflazzjoni jew ir-riskju ta' bażi bejn il-muniti;

(ii) jekk hemmx firxiet tal-kreditu tal-emittent li ma humiex immudellati;

(iii) jekk hemmx prezzijiet spot tal-ekwità u rati ta' repo tal-ekwità li ma humiex immudellati;

(iv) jekk hemmx prezzijiet spot tal-komoditajiet li ma humiex immudellati;

(v) jekk hemmx rati tal-kambju spot li ma humiex immudellati;

(vi) jekk hemmx każijiet li fihom il-volatilità implikata fi strumenti bl-opzjonalità ma tiġix immudellata;

(c) meta jkun hemm fatturi tar-riskju użati fl-approċċ standardizzat alternattiv li ma humiex inklużi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji, l-istituzzjoni, minbarra li tipprovdi informazzjoni dwar l-impatt tal-esklużjoni ta' dawk il-fatturi tar-riskju fuq ir-riżultati tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf kif meħtieġ mill-Artikolu 325bh(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(i) tipprovdi raġuni xierqa għan-nuqqas ta' inklużjoni ta' dawk il-fatturi tar-riskju fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji u, meta tali esklużjoni tkun dovuta għal nuqqas ta' prezzijiet rappreżentattivi għal dawk il-fatturi tar-riskju, ir-raġuni għan-nuqqas ta' kopertura ta' dawk il-fatturi tar-riskju fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u tiddokumenta tali raġuni;

(ii) tikkalkola u timmonitorja l-impatt fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li jirriżulta mill-esklużjoni ta' dawk il-fatturi tar-riskju mill-mudell intern tal-kejl tar-riskji.

2. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bh(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżit li fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji jiġu inklużi numru suffiċjenti ta' fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-passi li ġejjin fl-ordni li ġej:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-fatturi użati fil-kalkolu tal-valur ta' tmiem il-jum tal-portafoll, inkluż, meta xieraq, lista ta' aggregati tal-fatturi użati fil-kalkolu tal-valur fi tmiem il-jum, li tispeċifika, għal kull aggregat, dawn kollha li ġejjin:

(i) in-numru ta' fatturi għal kull aggregat;

(ii) il-kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju u s-subkategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju, kif imsemmijin fit-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li għalihom jistgħu jiġu mmappjati l-fatturi fl-aggregat;

(iii) sensittività grossa u netta tal-portafoll tal-istituzzjoni għall-fatturi li huma parti mill-aggregat;

(iv) jekk il-fatturi humiex inklużi jew le fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji, u:

(1) meta jkun inkluż, jekk kull fattur ikunx immudellat direttament bħala fattur tar-riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskji intern mingħajr ma jintuża xi indikatur, jew jekk jintużawx tekniki oħrajn;

(2) meta ma tkunx inkluża, ir-raġuni għal dik l-għażla.

(b) fuq il-bażi tal-ħarsa ġenerali msemmija fil-punt (a):

(i) jivverifikaw li ma hemm l-ebda fattur materjali li ma jkunx immudellat, u li r-raġunijiet li jappoġġaw l-esklużjonijiet ta' fatturi mhux immudellati huma xierqa;

(ii) jivvalutaw kif l-istituzzjoni, għal fatturi li ma humiex immudellati direttament bħala fatturi tar-riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskji msemmi fil-punt (a)(iv), jiżguraw li r-riskji materjali kollha, inklużi r-riskji materjali ta' bażi, ikunu koperti.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-istituzzjonijiet għandhom jaggregaw fatturi sabiex kull aggregat jikkondividi l-istess attributi fir-rigward tal-punt (ii), tal-punt (iv)(1), u tal-punt (iv)(2).

Għall-finijiet tal-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 3, u jistgħu jikkomplementaw dak il-metodu bil-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 4.

Għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw postijiet tan-negozjar jew portafolli ipotetiċi użati mill-istituzzjoni għall-validazzjoni interna msemmija fl-Artikolu 325bj(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li l-valuri tagħhom jiddependu fuq fatturi li ma humiex inklużi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw għal dawk il-postijiet tan-negozjar jekk ir-riżultati tal-ittestjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew tat-testijiet proprji ta' validazzjoni tal-mudell intern imsemmijin fl-Artikolu 325bj(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jindikawx dgħufijiet fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji.

3. Għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jidentifikaw postijiet tan-negozjar jew portafolli ipotetiċi użati mill-istituzzjoni għall-validazzjoni interna msemmija fl-Artikolu 325bj(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li l-valuri tagħhom jiddependu fuq fatturi li ma humiex inklużi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji, u japplikaw il-passi li ġejjin fl-ordni li ġej:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikkalkola:

(i) it-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar jew fil-valur tal-portafoll ipotetiku kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(ii) il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar jew fil-valur tal-portafoll ipotetiku kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, filwaqt li jinżammu l-istess il-fatturi li ma humiex inklużi bħala fatturi tar-riskju fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(iii) it-tibdil teoretiku għar-riskju fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar jew fil-valur tal-portafoll ipotetiku kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059.

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tispjega d-devjazzjonijiet fil-bidliet fil-valuri tal-portafoll ikkalkolati f'konformità mal-punti (a)(i), (ii), u (iii).

*Artikolu 24*

**Valutazzjoni tal-fatturi tar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bh(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-immudellar tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi lista tal-muniti kollha li l-portafoll tal-istituzzjoni huwa sensittiv għalihom u, għal kull waħda minn dawk il-muniti, il-kurvi kollha tar-rendiment li l-portafoll tal-istituzzjoni huwa sensittiv għalihom;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni, għal kull waħda mill-kurvi tar-rendiment imsemmijin fil-punt (a), tispeċifika jekk kurva tkunx immudellata fl-intier tagħha direttament, jew jekk tkunx immudellata bħala somma ta' kurva bażi u ta' kurva ta' bażi;

(c) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi analiżi tas-sensittività tal-portafoll tagħha lejn kull waħda mill-kurvi tar-rendiment imsemmijin fil-punt (a);

(d) jivverifikaw, billi jużaw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c), li r-riskju ta' bażi bejn kwalunkwe żewġ kurvi ta' rendiment partikolari jew jinqabad b'mod impliċitu mill-fatt li żewġ kurvi ta' rendiment ikunu mmudellati direttament, jew mill-fatt li kurva tar-rendiment ta' bażi li tirrappreżenta d-differenza bejn dawk iż-żewġ kurvi tar-rendiment hija inkluża fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(e) iwettqu, fir-rigward tal-kurvi tar-rendiment li fihom il-fatturi tar-riskju huma punti fil-kurva, valutazzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u, meta l-buckets ikunu stabbiliti mill-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 ([11]), jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tużax tal-anqas sitt fatturi tar-riskju meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-iskopertura għall-kurva tar-rendiment tkun materjali;

(ii) l-iskopertura tkun fil-munita l-aktar likwida kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2058 ([12]);

(f) iwettqu, fir-rigward tal-kurvi li jkunu ġew immudellati permezz ta' parametri tal-funzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, valutazzjoni addizzjonali tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(g) jivvalutaw jekk ir-riskju vega relatat mar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lil istituzzjoni tipprovdi l-informazzjoni msemmija f'dawk il-punti għall-aktar muniti u kurvi tar-rendiment rilevanti biss, u jwettqu l-valutazzjoni stabbilita f'dak il-paragrafu 1 dwar dik id-*data*.

*Artikolu 25*

**Valutazzjoni tal-fatturi tar-riskju ta' ekwità**

1. Meta tivvaluta l-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 325bh(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-immudellar tar-riskju ta' ekwità, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tirrekjedi li l-istituzzjoni tipprovdi lista tal-ismijiet ta' ekwità u tal-indiċijiet ta' ekwità kollha li għalihom il-portafoll tal-istituzzjoni jkun sensittiv, u l-fatturi tar-riskju użati sabiex jiġi mmudellat ir-riskju assoċjat;

(b) tirrikjedi li l-istituzzjoni tipprovdi analiżi tas-sensittività tal-portafoll tagħha lejn kull wieħed mill-ismijiet ta' ekwità u mill-indiċijiet ta' ekwità msemmijin fil-punt (a);

(c) tivverifika li, meta r-riskju f'isem ta' ekwità jkun immudellat bħala somma ta' fattur tar-riskju sistematiku kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 u fattur tar-riskju idjosinkratiku, il-volatilità ġġenerata billi dawk il-fatturi jiġu xxokkjati tirrifletti l-volatilità osservata għal dak l-isem ta' ekwità;

(d) tivverifika li r-riskju ta' bażi bejn żewġ ismijiet ta' ekwità differenti jiġi kopert jew billi jiġu mmudellati ż-żewġ ismijiet ta' ekwità direttament jew permezz ta' fattur tar-riskju ta' bażi;

(e) tivvaluta jekk ir-riskju fil-bidliet fil-kurvi tal-ekwità huwiex kopert kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(f) tivvaluta jekk ir-riskju vega relatat mar-riskju ta' ekwità huwiex kopert kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtorità kompetenti tista', meta xieraq, tqabbel il-volatilità tax-xokkijiet applikati għall-isem tal-ekwità tal-emittent, kif jirriżultaw mill-fatturi tar-riskju sistematiċi u idjosinkratiċi, mal-volatilità osservata għal dak l-isem ta' ekwità.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-istituzzjoni tipprovdi l-informazzjoni msemmija f'dak il-punt għall-aktar ismijiet u indiċijiet ta' ekwità rilevanti biss, u tista' twettaq il-valutazzjoni stabbilita f'dak il-paragrafu dwar dik id-*data*.

([11]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2060 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2060/oj).

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2058 tat-28 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-perjodi tal-likwidità għall-approċċ alternattiv ibbażat fuq il-mudelli interni, kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(7) (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 40, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2058/oj).

*Artikolu 26*

**Valutazzjoni tal-fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bh(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-immudellar tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi lista tal-kurvi tal-firxiet tal-kreditu u tal-indiċijiet tal-kreditu tal-emittenti kollha li għalihom il-portafoll tal-istituzzjoni jkun sensittiv, u l-fatturi tar-riskju użati sabiex jiġi mmudellat ir-riskju assoċjat;

(b) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi analiżi tas-sensittività tal-portafoll tagħha lejn kull waħda mill-kurvi tal-firxiet tal-kreditu u l-indiċijiet tal-kreditu tal-emittenti msemmijin fil-punt (a);

(c) jivverifikaw jekk, meta r-riskju f'firxa tal-kreditu tal-emittent ikun immudellat bħala somma ta' fattur tar-riskju sistematiku kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 u fattur tar-riskju idjosinkratiku, il-volatilità ġġenerata billi dawk il-fatturi jiġu xxokkjati tirrifletti l-volatilità osservata għal dik il-firxa tal-kreditu tal-emittent;

(d) jivverifikaw jekk ir-riskju ta' bażi bejn l-emittenti huwiex kopert jew bl-immudellar tal-firxiet tal-kreditu tal-emittenti direttament jew permezz ta' fattur tar-riskju ta' bażi, u jekk il-bażi bejn pożizzjonijiet differenti li jirreferenzjaw għall-istess emittent hijiex immonitorjata u, meta tkun materjali, hijiex inkluża fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(e) jivvalutaw jekk ir-riskju fil-bidliet fil-kurvi tal-firxiet tal-kreditu huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(f) jivvalutaw jekk ir-riskju vega relatat mar-riskju ta' firxiet tal-kreditu huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, iqabblu l-volatilità tax-xokkijiet applikati għall-firxa tal-kreditu tal-emittent, kif jirriżulta mill-fatturi tar-riskju sistematiċi u idjosinkratiċi, mal-volatilità osservata għal dik il-firxa tal-kreditu tal-emittent.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjoni tipprovdi l-informazzjoni msemmija f'dak il-punt għall-kurvi tal-firxiet tal-kreditu u l-indiċijiet tal-kreditu l-aktar rilevanti biss, u jwettqu l-valutazzjoni stabbilita f'dak il-paragrafu 1 dwar dik id-*data*.

*Artikolu 27*

**Valutazzjoni tal-fatturi tar-riskju tal-kambju**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bh(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-immudellar tar-riskju tal-kambju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi lista tal-pari kollha ta' muniti li l-portafoll tal-istituzzjoni jkun sensittiv għalihom u, għal kull waħda minn dawk il-pari ta' muniti, tiċċara jekk dak il-par ta' muniti jkunx soġġett għar-rata tal-kambju spot biss, jew għal fatturi tar-riskju oħrajn, inklużi l-volatilitajiet implikati;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi analiżi tas-sensittività tal-portafoll tagħha lejn kull par ta' muniti msemmi fil-punt (a);

(c) fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b), jivverifikaw jekk ir-riskju ta' bażi bejn kwalunkwe par ta' muniti jkunx kopert b'mod impliċitu minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) il-fatt li ż-żewġ pari ta' muniti jkunu mmudellati direttament;

(ii) il-fatt li bażi li tirrappreżenta d-differenza bejn dawk iż-żewġ pari ta' muniti tkun inkluża fil-mudell intern ta' kejl tar-riskju;

(d) jivvalutaw sa liema punt l-istituzzjoni tqis ir-riskju marbut ma' avvenimenti ta' unpegging għal pari ta' muniti li ma jvarjawx b'mod ħieles, u meta tali riskju jkun materjali, kif jiġi mmonitorjat;

(e) jivvalutaw jekk ir-riskju fil-bidliet fil-kurvi tal-kambju huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(f) jivvalutaw jekk ir-riskju vega relatat mar-riskju tal-kambju huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lil istituzzjoni tipprovdi l-informazzjoni msemmija f'dak il-punt għall-aktar pari ta' muniti rilevanti biss, u twettaq il-valutazzjoni stabbilita f'dak il-paragrafu 1 fuq dik id-*data*.

*Artikolu 28*

**Valutazzjoni tal-fatturi tar-riskju tal-komoditajiet**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bh(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-immudellar tar-riskju tal-komoditajiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni:

(i) tipprovdi lista tat-tipi kollha ta' komoditajiet li l-portafoll tal-istituzzjoni huwa sensittiv għalihom;

(ii) għal kull tip ta' komodità msemmi fil-punt (i), tiċċara jekk dak it-tip ta' komodità huwiex soġġett għall-prezz spot tal-komodità biss, jew għal fatturi tar-riskju oħrajn, inklużi volatilitajiet implikati;

(iii) tipprovdi analiżi tas-sensittività tal-portafoll tagħha għal kull wieħed mit-tipi ta' komoditajiet imsemmijin fil-punt (a);

(b) jivverifikaw jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jidentifikawx metriki li huma xierqa sabiex jivvalutaw il-materjalità ta' suq tal-komoditajiet kif imsemmi fl-Artikolu 325bh(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u jekk, għas-swieq tal-komoditajiet identifikati bħala materjali, kull komodità differenti hijiex immudellata speċifikament fil-mudell intern tal-istituzzjoni tal-kejl tar-riskji;

(c) jivverifikaw jekk ir-riskju ta' bażi bejn komoditajiet simili iżda mhux identiċi li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni għandha skopertura materjali huwiex kopert, inkluż ir-riskju ta' bażi li jirriżulta minn post ta' kunsinna differenti u minn diskrepanzi fil-maturità;

(d) jivvalutaw jekk ir-riskju fil-bidliet fil-komoditajiet huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(e) jivvalutaw jekk ir-riskju vega relatat mar-riskju tal-komoditajiet huwiex kopert kif meħtieġ mill-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni timmudellax żewġ komoditajiet differenti direttament jew tkoprix il-bażi permezz ta' fattur tar-riskju ta' bażi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punti (a)(i) u (ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu li l-istituzzjoni tipprovdi l-informazzjoni msemmija f'dawk il-punti għall-aktar komoditajiet rilevanti biss, u jistgħu jwettqu l-valutazzjoni stabbilita f'dak il-paragrafu 1 dwar dik id-*data*.

*Artikolu 29*

**Valutazzjoni tal-kurvi**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw:

(a) meta jkunu meħtieġa jivvalutaw kurvi li l-punti tagħhom huma fatturi tar-riskju kif imsemmijin fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) meta jkunu meħtieġa jivvalutawil-kurvi li jkunu ġew immudellati permezz ta' parametri tal-funzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw it-tekniki ta' interpolazzjoni u ta' estrapolazzjoni użati mill-istituzzjoni f'konformità mal-paragrafu 6.

2. Għall-kurvi li għalihom l-istituzzjoni tistabbilixxi buckets hija stess f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-politiki interni tal-istituzzjoni stabbilew kriterji sabiex jiddeċiedu dwar in-numri ta' fatturi tar-riskju li għandhom jintużaw sabiex jimmudellaw kurva, u li tali kriterji huma bbażati fuq il-likwidità u fuq il-materjalità tal-pożizzjonijiet bl-iskopertura għal dik il-kurva;

(b) il-kriterji msemmijin fil-punt (a) huma akkumpanjati minn analiżi li turi li n-numru ta' fatturi tar-riskju użati jippermetti li tiġi koperta l-volatilità bejn termini differenti.

Għall-finijiet tal-punt (b), meta l-awtorità kompetenti tqis li n-numru ta' fatturi tar-riskju użati għall-immudellar ta' kurva ma jkunx xieraq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi jużaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 3.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tapplika xenarji ta' xokkijiet futuri għall-fatturi tar-riskju tal-kurva kif magħmulin fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità ta' punt fil-kurva li ma huwiex fattur tar-riskju;

(c) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità osservata tal-punt fil-kurva msemmija fil-punt (b);

(d) iqabblu l-volatilità miksuba f'konformità mal-punt (b) mal-volatilità osservata miksuba f'konformità mal-punt (c).

Għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw lilhom infushom kemm fuq il-perjodu msemmi fl-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll fuq il-perjodu ta' stress finanzjarju msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

4. Għal kurvi li jkunu ġew immudellati permezz ta' parametri funzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jinkludux analiżi li turi li l-ixxokkjar tal-parametri tal-funzjonijiet jippermetti li jiġu koperti r-riskji materjali kollha fil-kurvi u l-volatilità fuq termini differenti. Meta xieraq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi jużaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tapplika xenarji ta' xokkijiet futuri għall-parametri tal-funzjoni kif sar fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità ta' punt fil-kurva;

(c) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità tal-punt fil-kurva msemmija fil-punt (b);

(d) iqabblu l-volatilità miksuba f'konformità mal-punt (b) mal-volatilità osservata miksuba f'konformità mal-punt (c).

Għal dik il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw lilhom infushom kemm fuq il-perjodu msemmi fl-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll fuq il-perjodu ta' stress finanzjarju msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk it-tekniki kollha użati mill-istituzzjoni sabiex tibni kurva, inklużi t-tekniki ta' interpolazzjoni u ta' estrapolazzjoni, humiex sodi. Meta parti mill-kurva tiġi dderivata bl-estrapolazzjoni taż-żewġ punti ta' barra tagħha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-volatilità tar-ritorni osservati fis-suq għall-parti estrapolata tal-kurva hijiex differenti b'mod sinifikanti minn dik li tirriżulta mill-estrapolazzjoni. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw il-metodi ta' valutazzjoni msemmijin fil-paragrafi 3 u 5 billi jiġbru punt fil-kurva miksub permezz ta' estrapolazzjoni meta japplikaw il-punt (b) ta' dawk il-paragrafi.

*Artikolu 30*

**Valutazzjoni tas-superfiċi ta' volatilità implikata**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bh(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-qbid tar-riskju vega għal kwalunkwe kategorija wiesgħa partikolari ta' fattur tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi lista tas-superfiċi kollha ta' volatilità li l-portafoll tal-istituzzjoni jkun sensittiv għalihom;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi analiżi tas-sensittività tal-portafoll tagħha lejn kull waħda mis-superfiċi msemmijin fil-punt (a);

(c) jivverifikaw, fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b), jekk kwalunkwe riskju ta' bażi materjali bejn kwalunkwe żewġ superfiċi partikolari jkunx kopert b'mod impliċitu mill-fatt li ż-żewġ superfiċi jkunu mmudellati direttament, jew mill-fatt li tkun immudellata superfiċe ta' bażi li tirrappreżenta d-differenza bejn dawk iż-żewġ kurvi;

(d) jivverifikaw, fir-rigward tas-superfiċi tal-volatilità li l-punti tagħhom huma fatturi tar-riskju kif imsemmijin fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jekk:

(i) il-politiki interni tal-istituzzjoni stabbilewx kriterji sabiex jiddeċiedu dwar in-numri ta' fatturi tar-riskju li għandhom jintużaw sabiex jimmudellaw superfiċe, u jekk tali kriterji humiex ibbażati fuq il-likwidità u fuq il-materjalità tal-pożizzjonijiet skoperti għal dik is-superfiċe;

(ii) il-kriterji msemmijin fil-punt (i) ikunu akkumpanjati minn analiżi li turi li n-numru ta' fatturi tar-riskju użati jippermetti rappreżentazzjoni komprensiva tar-riskju fis-superfiċe kollha;

(e) jivverifikaw, fir-rigward ta' superfiċi li jkunu ġew immudellati permezz ta' parametri tal-funzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jinkludux analiżi li turi li l-ixxokkjar tal-parametri tal-funzjonijiet jippermetti r-rappreżentazzjoni komprensiva tar-riskju fis-superfiċe kollha;

(f) jivvalutaw jekk it-tekniki ta' interpolazzjoni u ta' estrapolazzjoni użati mill-istituzzjoni sabiex tibni superfiċe humiex sodi u meta parti mis-superfiċe tiġi dderivata bl-estrapolazzjoni taż-żewġ punti esterni tagħha, jivverifikaw jekk il-volatilità tar-ritorni osservati fis-suq għall-parti estrapolata tas-superfiċe hijiex differenti b'mod sinifikanti minn dik li tirriżulta mill-estrapolazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-istituzzjoni għandha, għal kull waħda mis-superfiċi msemmijin f'dak il-punt, tispeċifika jekk hijiex immudellata fl-intier tagħha direttament, jew jekk hijiex immudellata bħala somma ta' superfiċe bażi u ta' superfiċe ta' bażi.

Għall-finijiet tal-punt (d)(ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi jużaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 2.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi jużaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 3.

Għall-finijiet tal-punt (f), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafi 2 u 3 billi jaqbdu punt fis-superfiċe miksub permezz ta' estrapolazzjoni meta japplikaw il-punt (b) ta' dawk il-paragrafi.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (d)(ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tapplika xenarji ta' xokkijiet futuri għall-fatturi tar-riskju tas-superfiċe kif magħmulin fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità ta' punt tas-superfiċe li ma huwiex fattur tar-riskju;

(c) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità osservata tal-punt fis-superfiċe msemmija fil-punt (b);

(d) iqabblu l-volatilità miksuba f'konformità mal-punt (b) mal-volatilità osservata miksuba f'konformità mal-punt (c).

Għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw lilhom infushom kemm fuq il-perjodu msemmi fl-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll fuq il-perjodu ta' stress finanzjarju msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tapplika xenarji ta' xokkijiet futuri għall-parametri tal-funzjoni kif sar fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità ta' punt tas-superfiċe;

(c) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikseb il-volatilità osservata tal-punt fis-superfiċe msemmija fil-punt (b);

(d) iqabblu l-volatilità miksuba f'konformità mal-punt (b) mal-volatilità osservata miksuba f'konformità mal-punt (c).

Għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw lilhom infushom kemm fuq il-perjodu msemmi fl-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll fuq il-perjodu ta' stress finanzjarju msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 31*

**Valutazzjoni tal-fatturi tar-riskju ta' korrelazzjoni**

Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern tal-kejl tar-riskji ta' istituzzjoni jkoprix riskju ta' korrelazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 325h(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li, għal opzjonijiet multisottostanti u kwalunkwe prodott ieħor li l-valur fi tmiem il-jum tiegħu jiġi ddeterminat permezz ta' parametru ta' korrelazzjoni implikat, fattur tar-riskju li jkopri r-riskju ta' bidliet fil-parametru ta' korrelazzjoni huwa inkluż fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji.

L-awtorità kompetenti tista' tidentifika għażliet u prodotti li jiddependu fuq parametru ta' korrelazzjoni implikata billi tuża l-informazzjoni rrapportata f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament, u billi tidentifika dawk il-fatturi li huma parametri ta' korrelazzjoni.

Sottotaqsima 2

**Valutazzjoni tal-proprjetajiet tal-fatturi tar-riskju**

*Artikolu 32*

**Valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi tar-riskju**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-mudellabbiltà tal-fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni msemmijin f'dak il-punt jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-politiki interni jkopru l-aspetti msemmijin fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 għad-dokumentazzjoni kollha;

(b) il-politiki interni jeħtieġu l-produzzjoni ta' inventarju aġġornat li jispeċifika għal kull fattur tar-riskju dawn li ġejjin:

(i) deskrizzjoni tal-fattur tar-riskju;

(ii) jekk il-fattur tar-riskju huwiex mudellabbli wara l-valutazzjoni tal-mudellabbiltà msemmija fl-Artikolu 325be tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u jekk il-fattur tar-riskju qattx biddilx l-istatus tal-mudellabbiltà tiegħu fis-sena preċedenti;

(iii) il-perjodu ta' 12-il xahar użat għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà;

(iv) jekk il-fattur tar-riskju huwiex fattur tar-riskju ta' kreditu jew ta' ekwità sistematiku, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(v) jekk il-fattur tar-riskju huwiex punt ta' kurva, superfiċe, jew kubu, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, il-bucket użat għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà ta' dak il-fattur tar-riskju, u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà ta' dak il-bucket;

(vi) jekk il-fattur tar-riskju huwiex parametru ta' funzjoni użat sabiex jirrappreżenta kurva, superfiċe, jew kubu, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, u:

(1) is-sett ta' punti tal-kurva, tas-superfiċe jew tal-kubu li ntużaw sabiex tiġi kkalibrata l-funzjoni parametrika kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(2) is-sett ta' buckets, u l-mudellabbiltà tagħhom, kif jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-passi msemmijin fl-Artikolu 6(1), il-punti (b) u (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(3) is-sett ta' punti tal-kurva, tas-superfiċe jew tal-kubu li ntużaw sabiex jiġi kkalibrat il-parametru ta' funzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(vii) in-numru ta' prezzijiet verifikabbli li huma rappreżentattivi għall-fattur tar-riskju matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà;

(viii) jekk hemmx perjodi ta' 90 jum b'anqas minn erba' prezzijiet verifikabbli u rappreżentattivi;

(c) il-politiki interni jistabbilixxu:

(i) kriterji għall-identifikazzjoni tal-fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tapplika l-perjodu ttrasferit imsemmi fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(ii) kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk il-fatturi tar-riskju għandhomx jitqiesu li huma tal-istess tip, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;

(d) il-politiki interni jistabbilixxu kriterji sabiex jiġi ddeterminat jekk il-valutazzjoni tal-mudellabbiltà ta' kurva, ta' superfiċe, jew ta' kubu ssirx bl-użu ta' buckets standard u predefiniti kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jew billi jużaw l-istabbiliment proprju mill-istituzzjoni tal-buckets kif imsemmi fl-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament Delegat;

(e) il-politiki interni jistabbilixxu r-raġuni wara l-għażla, meta l-buckets standard definiti minn qabel imsemmijin fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 ikunu suddiviżi f'buckets iżgħar f'konformità mal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punti (b)(vii) u (viii), meta l-istituzzjoni twettaq il-valutazzjoni tal-mudellabbiltà għal fattur tar-riskju billi tivvaluta l-mudellabbiltà ta' sett ta' buckets l-ewwel, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk in-numru ta' prezzijiet verifikabbli u rappreżentattivi huwiex speċifikat fil-livell ta' kull wieħed minn dawk il-buckets.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern tal-kejl tar-riskji tal-istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi tar-riskju li huma vvalutati bħala mudellabbli f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw, fir-rigward tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà:

(i) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), li dawk il-fatturi tar-riskju jissodisfaw kwalunkwe wieħed miż-żewġ kriterji msemmijin fl-Artikolu 1(1), il-punti (a) u (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(ii) meta applikabbli, bl-użu tal-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), li l-perjodu użat għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà jikkonforma mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(b) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kunsiderazzjoni ta' prezz verifikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060:

(i) jivverifikaw jekk:

(1) is-sistemi u l-politiki interni tal-istituzzjoni, u l-ftehimiet kuntrattwali tagħha mal-bejjiegħa terzi, jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(2) hemmx kwalunkwe prezz li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 li jitqiesu verifikabbli;

(ii) billi jirrieżaminaw ir-rapporti tal-awditjar, jivverifikaw jekk l-awditu indipendenti msemmi fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 huwiex robust u jkoprix l-aspetti kollha msemmijin f'dak il-paragrafu;

(iii) meta applikabbli, jirrieżaminaw l-arranġamenti kuntrattwali msemmijin fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(c) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kunsiderazzjoni ta' prezz verifikabbli bħala rappreżentattiv ta' fattur tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw jekk il-proċess ta' mmappjar u l-kriterji użati sabiex tiġi ddeterminata r-rappreżentattività ta' prezz għal fattur tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament Delegat humiex sodi.

Għall-finijiet tal-punt (a)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (c) sabiex jidentifikaw jekk il-fatturi tar-riskju humiex tal-istess tip humiex tajbin u, billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk dawk il-kriterji jiġux applikati b'mod korrett.

Għall-finijiet tal-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 6.

3. Meta jivvalutaw jekk mudell intern tal-istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi tar-riskju li jappartjenu għal kurva, għal superfiċe jew għal kubu u li huma vvalutati bħala mudellabbli f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) fir-rigward tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà:

(i) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk il-bucketing tal-kurvi, tas-superfiċi u tal-kubi jikkonformax mal-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(2) jew fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, u li l-istituzzjoni tapplika b'mod korrett il-kriterji msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu sabiex tagħżel l-approċċ tal-bucketing;

(ii) meta l-istituzzjoni tuża s-sett ta' buckets definiti minn qabel standard imsemmijin fl-Artikolu 5(2), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw jekk hijiex xierqa kwalunkwe konverżjoni ta' buckets f'konvenzjoni standard tas-suq differenti;

(iii) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk il-buckets li huma vvalutati bħala mudellabbli jissodisfawx kwalunkwe waħda miż-żewġ kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) u (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(iv) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk il-perjodu użat għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà huwiex l-istess għall-buckets kollha ta' kurva, ta' superfiċe jew ta' kubu partikolari;

(b) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kunsiderazzjoni ta' prezz verifikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060:

(i) billi jirrieżaminaw is-sistemi u l-politiki interni tal-istituzzjoni, u l-ftehimiet kuntrattwali tagħha ma' bejjiegħa terzi, jiżguraw li:

(1) il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 huma ssodisfati;

(2) l-ebda prezz li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament Delegat ma jitqies verifikabbli;

(ii) billi jirrieżaminaw ir-rapporti tal-awditjar, jivverifikaw jekk l-awditu indipendenti li għalih huma soġġetti l-bejjiegħa terzi huwiex robust u jkoprix l-aspetti kollha msemmijin fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(iii) meta applikabbli, jirrieżaminaw l-arranġamenti kuntrattwali bejn l-istituzzjoni u l-bejjiegħa terzi msemmijin fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(c) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-allokazzjoni ta' prezz verifikabbli għal bucket kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw jekk il-proċess tal-immappjar u l-kriterji msemmijin fl-Artikolu 7(1), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament użat sabiex jiġi ddeterminat li prezz huwa rappreżentattiv għal punt fil-bucket humiex tajbin;

(d) fir-rigward tal-possibbiltà ta' riallokazzjoni ta' prezz verifikabbli ta' bucket għal bucket biswit f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw:

(i) jekk l-approċċ dokumentat f'konformità mal-Artikolu 7(1), il-punt (f), ta' dak ir-Regolament użat mill-istituzzjoni sabiex twettaq tali riallokazzjoni huwiex xieraq;

(ii) kif l-istituzzjoni tiżgura li l-kundizzjonijiet li fihom hija permessa r-riallokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 ikunu ssodisfati.

Għall-finijiet tal-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 7.

4. Meta jivvalutaw jekk mudell intern tal-istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi tar-riskju li huma vvalutati bħala mudellabbli f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) fir-rigward tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà:

(i) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk il-buckets tal-kurva, tas-superfiċe jew tal-kubu mmudellati permezz ta' funzjoni parametrika li huma vvalutati bħala mudellabbli jissodisfawx kwalunkwe waħda miż-żewġ kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) u (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(ii) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk:

(1) l-istituzzjoni tużax l-approċċ ta' bucketing stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(2) kwalunkwe konverżjoni ta' buckets f'konvenzjoni ta' standard tas-suq differenti f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament, tkun xierqa;

(iii) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tivvalutax il-parametru ta' funzjoni bħala mudellabbli biss meta l-punti kollha fil-kurva, fis-superfiċe jew fil-kubu li jintużaw għall-ikkalibrar ta' dak il-parametru ta' funzjoni jappartjenu għal buckets li jkunu mudellabbli;

(b) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kunsiderazzjoni ta' prezz verifikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060:

(i) jivverifikaw jekk:

(1) is-sistemi u l-politiki interni tal-istituzzjoni, u l-arranġamenti kuntrattwali tagħha mal-bejjiegħa terzi, jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(2) li ma hemmx prezzijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 li jitqiesu verifikabbli;

(ii) billi jirrieżaminaw ir-rapporti tal-awditjar, jivverifikaw jekk l-awditu indipendenti li għalih huma soġġetti l-bejjiegħa terzi huwiex robust u jkoprix l-aspetti kollha msemmijin fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(iii) meta applikabbli, jirrieżaminaw l-arranġamenti kuntrattwali bejn l-istituzzjoni u l-bejjiegħa terzi msemmijin fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(c) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-allokazzjoni ta' prezz verifikabbli għal bucket kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw jekk il-proċess tal-immappjar u l-kriterji msemmijin fl-Artikolu 7(1), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament użat sabiex jiġi ddeterminat li prezz huwa rappreżentattiv għal punt fil-bucket humiex tajbin;

(d) fir-rigward tal-possibbiltà ta' riallokazzjoni ta' prezz verifikabbli ta' bucket għal bucket biswit f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw:

(i) jekk l-approċċ dokumentat f'konformità mal-Artikolu 7(1), il-punt (f), ta' dak ir-Regolament użat mill-istituzzjoni sabiex twettaq tali riallokazzjoni huwiex xieraq;

(ii) kif l-istituzzjoni tiżgura li l-kundizzjonijiet li fihom hija permessa r-riallokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 ikunu ssodisfati.

Għall-finijiet tal-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 7.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b)(i), il-paragrafu 3, il-punt (b)(i) u l-paragrafu 4, il-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni li ġej:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi kampjun tal-fatturi tar-riskju u tal-buckets, bil-prezzijiet verifikabbli u rappreżentattivi korrispondenti, inklużi:

(i) il-fatturi tar-riskju u l-buckets li b'mod ristrett issodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jiġu vvalutati bħala mudellabbli;

(ii) fatturi tar-riskju u buckets li biddlu l-istatus tal-mudellabbiltà tagħhom matul is-sena preċedenti;

(iii) meta applikabbli, il-fatturi tar-riskju u l-buckets li għalihom il-prezzijiet verifikabbli jinkisbu biss mill-istituzzjoni, unikament minn bejjiegħa terzi, u kemm mill-istituzzjoni kif ukoll minn bejjiegħa terzi;

(b) jirrikjedu li l-istituzzjoni tiġġustifika għall-prezzijiet imsemmijin fil-punt (a), ta' dan il-paragrafu liema mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 ikunu ssodisfati, u jivverifikaw dawn li ġejjin:

(i) meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, kif l-istituzzjoni vvalutat li sar id-dħul fit-tranżazzjoni b'distakkament;

(ii) meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, kif l-istituzzjoni jew il-bejjiegħ terz ikunu vvalutaw li sar id-dħul fit-tranżazzjoni b'distakkament;

(iii) meta l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1), punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 tkun issodisfata, kif l-istituzzjoni jew il-bejjiegħ terz ikunu identifikaw kemm l-offerta kif ukoll il-kwotazzjonijiet tal-offerta;

(c) għall-prezzijiet verifikabbli msemmijin fil-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(i) jekk il-prezz ma huwiex tranżazzjoni jew offerta u kwotazzjoni ta' offerta bejn żewġ entitajiet tal-istess grupp kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, u jekk l-approċċ li l-istituzzjoni jew il-bejjiegħ terz uża sabiex jikkonkludi li ż-żewġ entitajiet ma jappartjenux għall-istess grupp huwiex tajjeb;

(ii) kif l-istituzzjoni jew il-bejjiegħ terz ikkonkluda li l-volum tat-tranżazzjoni jew il-kwotazzjoni impenjata assoċjata mal-prezz verifikabbli ma huwiex negliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, u jekk il-metriki użati għall-evalwazzjoni tan-negliġibbiltà humiex tajbin;

(iii) meta l-prezz verifikabbli jkun relatat ma' kwotazzjonijiet impenjati kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060:

(1) kif l-istituzzjoni jew il-bejjiegħ terz ikkonkluda li d-differenzjal talba-offerta ma tiddevjax sostanzjalment mill-kundizzjonijiet tas-suq applikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;

(2) jekk il-metriċi użati biex tiġi evalwata tali devjazzjoni potenzjali humiex sodi;

(iv) jekk, fost dawk il-prezzijiet, xi wħud jistgħux jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(2), fil-punt (b) jew fl-Artikolu 2(2), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 minħabba li huma kkaratterizzati minn volum aktar baxx mis-soltu jew minn differenzjal talba-offerta akbar mis-soltu;

(v) jekk l-istituzzjoni jew il-bejjiegħ terz identifika żona tal-ħin li tintuża b'mod konsistenti fis-sorsi kollha tad-*data* sabiex tiġi identifikata d-data ta' osservazzjoni tal-prezz verifikabbli kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jew il-bejjiegħa terzi kif applikabbli jipprovduhom bl-informazzjoni kollha li jeħtieġu sabiex iwettqu dik il-valutazzjoni b'mod komprensiv, f'konformità mal-Artikolu 2(5), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jirrikjedu li istituzzjoni tipprovdi kampjun ta' fatturi tar-riskju, u l-prezzijiet verifikabbli u rappreżentattivi korrispondenti użati sabiex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060;

(b) jivverifikaw jekk, fejn għall-fattur tar-riskju jkun hemm prezzijiet verifikabbli multipli f'data ta' osservazzjoni partikolari, wieħed biss jitqies meta jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 humiex issodisfati;

(c) għal dawk il-fatturi tar-riskju fil-kampjun imsemmi fil-punt (a) li ma jkunux fatturi tar-riskju sistematiku ta' kreditu jew ta' ekwità li jkopru movimenti fis-suq kollu kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw jekk:

(i) il-fattur tar-riskju huwiex motivatur b'saħħtu tal-prezz meqjus rappreżentattiv

(ii) jekk il-metodu użat mill-istituzzjoni sabiex tikkonkludi li hemm relazzjoni mill-qrib bejn il-fattur tar-riskju u dak il-prezz huwiex tajjeb;

(iii) il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tislet il-valur tal-fattur tar-riskju minn dak il-prezz hijiex tajba;

(d) għal dawk il-fatturi tar-riskju fil-kampjun imsemmi fil-punt (a) li jkunu fatturi tar-riskju sistematiku ta' kreditu jew ta' ekwità li jkopru movimenti fis-suq kollu kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060, jivverifikaw jekk il-prezzijiet verifikabbli użati humiex rappreżentattivi tal-attributi tal-fatturi tar-riskju sistematiku.

Għall-finijiet tal-punt (a), il-kampjun tal-fatturi tar-riskju għandu jinkludi, fost l-oħrajn, fatturi tar-riskju li b'mod ristrett jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jiġu vvalutati fatturi mudellabbli u tar-riskju li jkunu biddlu l-istatus tal-mudellabbiltà tagħhom matul is-sena preċedenti. Meta applikabbli, dak il-kampjun għandu jkun fih fatturi tar-riskju li għalihom il-prezzijiet verifikabbli jinkisbu biss mill-istituzzjoni, unikament minn bejjiegħa terzi, u kemm mill-istituzzjoni kif ukoll minn bejjiegħa terzi.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (c), u tal-paragrafu 4, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi kampjun ta' buckets relatati ma' sett ta' kurvi, ta' superfiċi jew ta' kubi, u l-prezzijiet verifikabbli u rappreżentattivi korrispondenti;

(b) għall-prezzijiet verifikabbli msemmijin fil-punt (a), jivverifikaw, għall-buckets li għalihom hemm prezzijiet verifikabbli multipli f'data ta' osservazzjoni partikolari, li jiġi kkunsidrat prezz verifikabbli wieħed biss għal kull data meta jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2060 humiex issodisfati;

(c) għall-prezzijiet verifikabbli msemmijin fil-punt (a), jivvalutaw li l-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tidentifika prezz verifikabbli għal bucket partikolari tkun xierqa.

Għall-finijiet tal-punt (a), il-kampjun tal-buckets għandu jinkludi, fost l-oħrajn, buckets li b'mod ristrett issodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jiġu vvalutati mudellabbli u buckets li biddlu l-istatus tal-mudellabbiltà tagħhom matul is-sena preċedenti. Meta applikabbli, dak il-kampjun għandu jinkludi buckets li għalihom jinkisbu prezzijiet verifikabbli biss mill-istituzzjoni, unikament minn bejjiegħa terzi, u kemm mill-istituzzjoni kif ukoll minn bejjiegħa terzi.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk:

(a) il-punti f'bucket humiex motivatur b'saħħtu tal-prezz meqjus rappreżentattiv,

(b) il-metodu użat mill-istituzzjoni sabiex tikkonkludi li hemm relazzjoni mill-qrib bejn kwalunkwe punt fil-bucket u dak il-prezz huwiex tajjeb,

(c) il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex toħroġ il-valur ta' dak il-punt fil-bucket minn dak il-prezz hijiex tajba.

*Artikolu 33*

**Valutazzjoni tal-perjodu ta' likwidità tal-fatturi tar-riskju**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-perjodu ta' likwidità tal-fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-politiki interni msemmijin f'dak il-punt jeħtiġux il-produzzjoni ta' inventarju aġġornat li jispeċifika, għal kull fattur tar-riskju, dawn li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-fattur tar-riskju;

(b) jekk il-fattur tar-riskju huwiex mudellabbli wara l-valutazzjoni tal-mudellabbiltà msemmija fl-Artikolu 325be tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, meta l-fattur tar-riskju jkun mudellabbli, jekk dak il-fattur tar-riskju jkunx inkluż fis-subsett tal-fatturi tar-riskju mudellabbli msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;

(c) deskrizzjoni sempliċi tal-inputs tad-*data* użati sabiex jiġi mmarkat il-fattur tar-riskju;

(d) il-perjodu ta' likwidità assenjat lill-fattur tar-riskju kif meħtieġ mill-Artikolu 325bd(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) jekk in-natura tal-fattur tar-riskju tikkorrispondix għal xi kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju kif meħtieġ mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058;

(f) jekk in-natura tar-riskju kopert mill-fattur tar-riskju u l-inputs tad-*data* użati għal dak il-fattur tar-riskju jikkorrispondux għal fatturi tar-riskju li jistgħu jaqgħu taħt aktar minn kategorija wiesgħa waħda ta' fatturi tar-riskju jew sottokategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju kif meħtieġ mill-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058;

(g) meta tintuża għall-immudellar ta' indiċi omoġenu, jekk il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058 jew il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament intużatx għall-immappjar tal-fattur tar-riskju għall-kategorija wiesgħa u għas-subkategorija ta' fatturi tar-riskju xierqa tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern tal-istituzzjoni huwiex implimentat b'integrità f'konformità mal-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-perjodu ta' likwidità tal-fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) billi jużaw l-elementi msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

(i) ikun hemm konsistenza bejn in-natura tal-fatturi tar-riskju, l-inputs tad-*data* użati għall-fatturi tar-riskju, u l-kategorija u s-subkategorija wisgħin tal-fatturi tar-riskju tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) il-fatturi tar-riskju ta' ekwità u ta' kreditu li jirriflettu komponent sistematiku jkunu ġew soġġetti għat-trattament imsemmi fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058, meta dawk il-fatturi tar-riskju jiġu kkalibrati bl-użu ta' inputs tad-*data* relatati ma' kategoriji jew ma' subkategoriji wisgħin differenti tal-fatturi tar-riskju;

(iii) il-fatturi tar-riskju ta' bażi li jirrappreżentaw id-differenza bejn żewġ fatturi tar-riskju li jekk ikunu mmudellati direttament mill-istituzzjoni, minflok il-bażi, jiġu assenjati għal żewġ subkategoriji differenti, ikunu soġġetti għat-trattament imsemmi fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058;

(iv) meta fattur tar-riskju ma jkunx fost il-fatturi tar-riskju msemmijin fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058 u dak il-fattur tar-riskju ma jkunx relatat b'mod mhux ambigwu ma' waħda mis-subkategoriji wisgħin ta' riskji tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dak il-fattur tar-riskju jiġi mmappjat għas-subkategorija "oħrajn" tal-kategorija xierqa;

(v) il-fatturi tar-riskju ta' ekwità rikonoxxuti bħala ekwità b'kapitalizzazzjoni tas-suq kbira jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058;

(b) l-istituzzjoni jkollha fis-seħħ kriterji oġġettivi għall-identifikazzjoni ta' meta fattur tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu jirreferi għal grad ta' investiment jew għal pożizzjoni ta' rendiment għoli;

(c) meta l-istituzzjoni tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 325bd(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-użu ta' perjodi ta' likwidità itwal fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb ta' dak ir-Regolament u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjoni tagħmel distinzjoni bejn pożizzjonijiet li jappartjenu għall-postijiet tan-negozjar li għalihom tintuża d-deroga u dawk il-postijiet tan-negozjar li għalihom ma tintużax id-deroga;

(d) bħala parti mill-verifika ta' kull xahar imsemmija fl-Artikolu 325bd(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni tivverifika jekk:

(i) minħabba bidla fil-kapitalizzazzjoni tal-ekwità jew fil-komponenti tal-indiċijiet imsemmijin fl-Artikolu 7(1), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2058, kien hemm bidla fis-subkategorija xierqa għal fattur tar-riskju ta' ekwità;

(ii) minħabba l-migrazzjoni jew avvenimenti oħra ta' kwalità tal-kreditu, kien hemm bidla fis-subkategorija xierqa għal fattur tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu;

(e) munita waħda biss titqies bħala domestika għall-finijiet tal-immappjar ta' fattur tar-riskju għall-kategorija wiesgħa "Rata tal-imgħax" u s-subkategorija "L-iktar muniti likwidi u l-munita lokali" tal-Artikolu 325bd, it-Tabella 2, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq fatturi tar-riskju li jappartjenu għas-subkategorija soġġetta għad-deroga u li huma preżenti kemm fil-postijiet tan-negozjar li għalihom tintuża d-deroga kif ukoll fil-postijiet tan-negozjar li għalihom ma tintużax id-deroga.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tidentifika l-fatturi tar-riskju f'kampjun ta' strumenti finanzjarji jew ta' komoditajiet, u jagħmlu l-valutazzjoni tagħhom filwaqt li jqisu n-natura tal-istrumenti finanzjarji li jġorru l-fatturi tar-riskju. Meta jirrikjedu dak il-kampjun, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq strumenti finanzjarji jew fuq komoditajiet li jinkludu firxa wiesgħa biżżejjed ta' tipi ta' fatturi tar-riskju sabiex jiżguraw valutazzjoni komprensiva.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi fatturi tar-riskju li kienu soġġetti għal bidla fis-subkategorija, u jivverifikaw li, wara l-verifika ta' kull xahar, il-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament irriflettew il-bidliet fil-perjodu ta' likwidità.

*TAQSIMA 3*

***Valutazzjoni tal-indikaturi u tal-kwalità tad-data***

*Artikolu 34*

**Valutazzjoni tal-indikaturi**

1. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-użu ta' indikaturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-istituzzjoni stabbiliet, bħala parti mill-politiki interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kriterji li jiddeskrivu:

(i) meta fattur tar-riskju jingħata permezz ta' indikatur;

(ii) kif fattur tar-riskju jiġi indikat jekk ikun soġġett għal approċċ ta' indikatur.

(b) il-politiki interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikopru l-approċċi ta' indikatur kollha użati mill-istituzzjoni, inkluż, meta jintużaw:

(i) il-mudelli tal-fatturi;

(ii) l-approssimazzjonijiet beta;

(iii) l-immappjar tal-fatturi tar-riskju mal-parametri referenzjarji, inklużi l-ismijiet rappreżentattivi tas-settur u tar-reġjun jew tal-indiċijiet;

(c) għal fatturi tar-riskju mhux mudellabbli, hemm raġuni ċara għall-użu ta' approċċ ta' indikatur, anki jekk in-numru ta' ritorni N fis-serje kronoloġika għall-fattur tar-riskju li jirriżulta mill-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 jippermetti l-użu tal-metodu storiku jew tal-metodu ta' sigma asimetriku msemmi, rispettivament, fl-Artikoli 8 u 9 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(d) l-approċċ użat sabiex jintuża indikatur għall-fattur tar-riskju huwa xieraq u jiżgura, kif meħtieġ mill-Artikolu 325h(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kalibrar konservattiv tax-xenarji ta' xokkijiet futuri għal fatturi tar-riskju li jistgħu jiġu mmudellati u tax-xenarji estremi ta' xokk futur għal fatturi tar-riskju mhux mudellabbli;

(e) għall-fatturi tar-riskju li għalihom tintuża *data* indikatur biss għal perjodi speċifiċi fis-serje kronoloġika, ma hemm l-ebda qabża anomala bejn il-partijiet tas-serje kronoloġika li jintwerew b'indikatur u l-partijiet tas-serje kronoloġika li ma jintwerewx b'indikatur.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju li jintwerew b'indikatur, jivverifikaw jekk:

(a) l-approċċ ta' indikatur użat għal dawk il-fatturi tar-riskju jkun l-approċċ deskritt fil-politiki interni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), u l-indikatur użat ikun ekonomikament sinifikattiv;

(b) ir-riskju ta' bażi bejn dak il-fattur tar-riskju kif muri b'indikatur u fatturi tar-riskju oħrajn jiġi kopert kif xieraq, inkluż meta fatturi tar-riskju differenti jintwerew b'indikatur billi jiġu mmappjati mal-istess fattur tar-riskju;

(c) ma hemm l-ebda każ li fih, bħala riżultat tal-indikatur, ir-riskju speċifiku ma jkunx kopert kif xieraq.

Meta japplikaw dak il-metodu ta' valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu kampjun ta' fatturi tar-riskju li jirriflettu varjetà ta' approċċi ta' indikatur, inklużi, meta jintużaw, mudelli ta' fatturi, approssimazzjonijiet beta, u l-immappjar tal-fatturi tar-riskju mal-parametri referenzjarji, inklużi l-ismijiet rappreżentattivi tas-settur u tar-reġjun jew tal-indiċijiet.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju li għalihom id-*data* fl-aħħar perjodu ta' 12-il xahar tkun intweriet b'indikatur:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika tal-fatturi tar-riskju murijin b'indikatur kif użati fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji u s-serje kronoloġika tal-fatturi tal-ipprezzar korrispondenti kif użati fil-proċess ta' valwazzjoni ta' tmiem il-jum;

(b) jivverifikaw li l-volatilitajiet tas-serje taż-żewġ perjodi ta' żmien imsemmijin fil-punt (a) ma jvarjawx b'mod sostanzjali;

(c) jivverifikaw li ż-żewġ serje kronoloġiċi huma ferm korrelatati.

Meta japplikaw dak il-metodu ta' valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu kampjun ta' fatturi tar-riskju li jirriflettu varjetà ta' approċċi ta' indikatur, inklużi, meta jintużaw, mudelli ta' fatturi, approssimazzjonijiet beta, u l-immappjar tal-fatturi tar-riskju mal-parametri referenzjarji, inklużi l-ismijiet rappreżentattivi ta' settur u ta' reġjun partikolari jew tal-indiċijiet.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), sabiex tiġi ttestjata l-konservazzjoni tal-approċċi ta' approssimazzjoni indiretta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu kampjun ta' approċċi u japplikaw, għal kull approċċ ta' indikatur, il-passi kollha li ġejjin f'din l-ordni:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika ta' kampjun ta' fatturi tar-riskju li ma jingħatawx b'indikatur u li, jekk jingħataw b'indikatur, isegwu l-approċċ ta' indikatur li jkun qed jiġi vvalutat;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika li tintuża billi jiġi applikat l-approċċ ta' indikatur li jkun qed jiġi vvalutat għas-serje kronoloġika tal-fatturi tar-riskju msemmija fil-punt (a);

(c) għaż-żewġ serje kronoloġiċi, jiksbu l-volatilitajiet tal-fatturi tar-riskju fil-perjodu ta' stress u fl-aħħar perjodu ta' 12-il xahar, u jivverifikaw li l-volatilità li tirriżulta mis-serje kronoloġika ta' indikatur imsemmija fil-punt (b) ma tissottovalutax il-volatilità li tirriżulta mis-serje kronoloġika msemmija fil-punt (a).

Meta japplikaw dak il-metodu ta' valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu kampjun ta' fatturi tar-riskju li jirriflettu varjetà ta' approċċi ta' indikatur, inklużi, meta jintużaw, mudelli ta' fatturi, approssimazzjonijiet beta, u l-immappjar tal-fatturi tar-riskju mal-parametri referenzjarji, inklużi l-ismijiet rappreżentattivi ta' settur u ta' reġjun partikolari jew tal-indiċijiet.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli li għalihom intużat *data* indikatur fil-perjodu ta' stress minkejja li n-numru ta' ritorni N fis-serje kronoloġika għall-fattur tar-riskju li jirriżulta mill-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 jippermetti l-użu tal-metodu storiku jew tal-metodu sigma asimetriku msemmi, rispettivament, fl-Artikoli 8 u 9 ta' dak ir-Regolament Delegat:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika oriġinali għall-fatturi tar-riskju qabel ma jintuża kwalunkwe approċċ ta' indikatur;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika użata għall-fatturi tar-riskju murijin b'indikatur;

(c) iqabblu x-xokkijiet ikkalibrati 'l fuq u 'l isfel kif jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 mas-serje kronoloġika msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, u jivverifikaw li x-xokkijiet li jirriżultaw mis-serje kronoloġika murija b'indikatur ma jkunux sistematikament anqas konservattivi mix-xokkijiet miksubin bl-użu tas-serje kronoloġika oriġinali.

Meta japplikaw dak il-metodu ta' valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu kampjun ta' fatturi tar-riskju li jirriflettu varjetà ta' approċċi ta' indikatur, inklużi, meta jintużaw, mudelli ta' fatturi, approssimazzjonijiet beta, u l-immappjar tal-fatturi tar-riskju mal-parametri referenzjarji, inklużi l-ismijiet rappreżentattivi tas-settur u tar-reġjun jew tal-indiċijiet.

*Artikolu 35*

**Valutazzjoni tal-kwalità tad-*data***

1. Meta jivvalutaw jekk l-istandards tad-*data* ta' istituzzjoni jissodisfawx l-istandards minimi għall-mudell intern tal-kejl tar-riskji sabiex jitqiesu raġonevolment akkurati fil-kejl tar-riskji kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-istituzzjoni tiddokumentax, bħala parti mill-politiki interni tagħha, kwalunkwe metodoloġija użata sabiex timla s-serje kronoloġika bil-punti tad-*data* niqsin, u jekk tali dokumentazzjoni fihiex analiżi soda li turi li dawk il-metodoloġiji ma jaffettwawx il-volatilitajiet u l-korrelazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju;

(b) l-istituzzjoni tkunx stabbiliet kriterji oġġettivi li jistabbilixxu liema metodoloġija tintuża sabiex timla s-serje kronoloġika, meta jkun hemm disponibbli aktar minn metodoloġija waħda, u tkunx iddokumentat dawk il-kriterji fil-politiki interni tagħha;

(c) l-istituzzjoni tkunx stabbiliet, bħala parti mill-politiki interni tagħha, il-proċess li għandu jiġi segwit kull meta jinbidlu l-valuri f'serje kronoloġika, u jekk dan il-proċess jinkludix id-dokumentazzjoni tal-bidliet imwettqin;

(d) l-istituzzjoni ma twettaqx iffiltrar tad-*data*, inklużi l-limiti minimi, il-limiti massimi u l-esklużjonijiet ta' outliers, sakemm l-istituzzjoni ma tkunx tista' turi li l-punt tad-*data* eskluż ikun relatat ma' *data* żbaljata jew invalida, u l-istituzzjoni tiddokumenta tali esklużjoni;

(e) l-istituzzjoni twettaqx kontrolli perjodiċi tal-kwalità fuq is-serje kronoloġika użata għall-komputazzjoni tal-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni, u tiddokumentax dawk il-kontrolli u jiġux iddokumentati r-riżultati korrispondenti;

(f) l-istituzzjoni tanalizzax, bħala parti mill-kontrolli msemmijin fil-punt (e), l-effett li d-*data* nieqsa jew sostitwita u l-metodoloġija użata sabiex tinkiseb is-serje kronoloġika ikollhom fuq il-volatilitajiet u fuq il-korrelazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju;

(g) il-kwalità tad-*data* tas-serje kronoloġika użata mill-istituzzjoni tkunx xierqa.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni timmonitorjax, bħala parti mill-kontrolli msemmija f'dak il-punt, għal kull serje kronoloġika:

(a) in-numru ta' jiem li għalihom il-punti tad-*data* inizjalment kienu neqsin u mbagħad imtlew bl-użu ta' metodoloġija partikolari;

(b) in-numru ta' jiem li għalihom il-punti tad-*data* kienu inizjalment disponibbli u ġew issostitwiti bl-użu ta' metodoloġija partikolari;

(c) in-numru ta' jiem mingħajr tibdil ta' kuljum;

(d) in-numru massimu ta' jiem konsekuttivi mingħajr tibdil ta' kuljum.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (g), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-serje kronoloġika tagħha użata fi $PES_t^{RS}$, $PES_t^{RC}$, $PES_t^{FC}$, $PES_t^{RS,\,i}$, $PES_t^{RC,\,i}$ u $PES_t^{FC,\,i}$, kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u fil-miżuri tar-riskju tax-xenarju ta' stress, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/397, u sabiex f'dik il-ħarsa ġenerali tinkludi għal kull serje kronoloġika użata:

(i) in-numru totali ta' jiem fil-perjodu ta' osservazzjoni storika użat għall-kalkolu ta' $PES_t^{RS}$, $PES_t^{RC}$, $PES_t^{FC}$, $PES_t^{RS,\,i}$, $PES_t^{RC,\,i}$u $PES_t^{FC,\,i}$, kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-miżuri tar-riskju tax-xenarju ta' stress, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/397;

(ii) in-numru ta' jiem b'*data* nieqsa fis-serje kronoloġika qabel ma l-istituzzjoni tintroduċi kwalunkwe aġġustament;

(iii) in-numru ta' jiem mingħajr ebda tibdil ta' kuljum fis-serje kronoloġika qabel ma l-istituzzjoni tintroduċi kwalunkwe aġġustament;

(iv) in-numru massimu ta' jiem konsekuttivi mingħajr ebda tibdil ta' kuljum fis-serje kronoloġika qabel ma l-istituzzjoni tintroduċi kwalunkwe aġġustament;

(v) in-numru ta' jiem li għalihom id-*data* kienet inizjalment disponibbli fis-serje kronoloġika iżda li l-istituzzjoni kienet teskludi jew inbidlet qabel ma ntużat fil-kalkolu ta' $PES_t^{RS}$, $PES_t^{RC}$, $PES_t^{FC}$, $PES_t^{RS,\,i}$, $PES_t^{RC,\,i}$ u $PES_t^{FC,\,i}$, kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/397;

(b) fuq il-bażi tal-ħarsa ġenerali msemmija fil-punt (a), jidentifikaw dawk is-serje kronoloġiċi użati għall-fatturi tar-riskju li jistgħu jiġu affettwati minn kwalità baxxa tad-*data*;

(c) fuq il-bażi tal-ħarsa ġenerali msemmija fil-punt (a), jagħżlu kampjun ta' serje kronoloġika li huma kkaratterizzati minn numru kbir ta' punti tad-*data* inizjalment neqsin, u japplikaw il-passi li ġejjin fl-ordni li ġej:

(i) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika bil-punti tad-*data* inizjali biss, u s-serje kronoloġika wara li jkunu mtlew;

(ii) jivverifikaw li s-serje kronoloġika tkun imtliet f'konformità mal-metodoloġiji previsti fil-politiki interni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), u li tali metodoloġiji jkunu xierqa għall-każ inkwistjoni;

(d) fuq il-bażi tal-ħarsa ġenerali msemmija fil-punt (b), jagħżlu kampjun tas-serje kronoloġika kkaratterizzat minn numru kbir ta' punti tad-*data* li kienu inizjalment disponibbli iżda li ġew issostitwiti minn punti oħra tad-*data*, u japplikaw il-passi li ġejjin fl-ordni li ġej:

(i) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika bil-punti tad-*data* inizjali biss, u s-serje kronoloġika wara li l-punti tad-*data* fis-serje kronoloġika ikunu ġew issostitwiti;

(ii) jivverifikaw li l-punti tad-*data* ġew issostitwiti f'konformità mal-metodoloġiji previsti fil-politiki interni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), u li tali metodoloġiji jkunu xierqa għall-każ inkwistjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw, meta xieraq, bħala bażi għall-identifikazzjoni msemmija f'dak il-punt, l-indikaturi li ġejjin:

(a) serje kronoloġika b'anqas minn 10 % tal-punti tad-*data* disponibbli inizjalment;

(b) serje kronoloġika b'20 jum ta' xogħol konsekuttivi mingħajr tibdil ta' kuljum;

(c) serje kronoloġika b'aktar minn 20 % ta' jiem mingħajr ebda tibdil;

(d) serje kronoloġika li għalihom inbidlu aktar minn 50 % tad-*data* disponibbli inizjalment.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-istituzzjoni tiġġustifika l-użu ta' dawk is-serje kronoloġiċi u, meta applikabbli, ir-raġuni għaliex il-fattur tar-riskju korrispondenti jkun inkluż fis-sett imnaqqas ta' fatturi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punti (a) u (b), u fl-Artikolu 325bc(3), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Għall-fatturi tar-riskju li għalihom tintuża *data* indikatur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 dwar is-serje kronoloġika murija b'indikatur kif użata fil-kalkolu ta' $PES_t^{RS}$, $PES_t^{RC}$, $PES_t^{FC}$, $PES_t^{RS,\,i}$, $PES_t^{RC,\,i}$ u $PES_t^{FC,\,i}$, kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u dwar il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/397.

*TAQSIMA 4*

***valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti relatati mal-ittestjar retrospettiv u mat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf***

*Artikolu 36*

**Valutazzjoni tal-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdil reali u ipotetiku fil-valur tal-portafoll għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv**

1. Meta jivverifikaw jekk istituzzjoni tikkonformax mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdil attwali u ipotetiku fil-valur tal-portafoll, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-politiki interni msemmijin f'dak il-punt:

(a) jispeċifikawx l-elementi kollha msemmijin fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 u, meta applikabbli, l-elementi kollha msemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 1(5) ta' dak ir-Regolament;

(b) jeħtieġu l-produzzjoni ta' rapport perjodiku, u, meta l-elementi differenti li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-valur tal-portafoll jiġu sseparati, iċ-ċifri ta' kuljum, inklużi:

(i) it-tibdil relatat mal-elementi li jitneħħa mill-valur ta' tmiem il-jum sabiex jinkiseb it-tibdil attwali u ipotetiku f'konformità mal-Artikoli 1 sa 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, inkluż dak relatat mal-attivitajiet ta' negozjar tal-istess ġurnata;

(ii) it-tibdil relatat mal-aġġustamenti li huwa inkluż fl-aħħar tal-jum tal-valur iżda li ma huwiex fil-kalkolu tat-tibdil attwali u ipotetiku f'konformità mal-Artikoli 1 sa 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iii) it-tibdil relatat mal-aġġustamenti li huwa inkluż fl-aħħar tal-jum tal-valur u fil-kalkolu tat-tibdil attwali u ipotetiku f'konformità mal-Artikoli 1 sa 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iv) it-tibdil relatat mal-aġġustamenti li jirriżultaw mill-proċess ta' verifika indipendenti tal-prezz imsemmi fl-Artikoli 1(1) u 2(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(c) jirrikjedu l-produzzjoni tar-rapport imsemmi fil-punt (b) kemm fil-livell ta' kull post tan-negozjar soġġett għar-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv tal-post tan-negozjar f'konformità mal-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, kif ukoll fil-livell tal-portafoll soġġett għar-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv f'konformità mal-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(d) jispeċifikaw il-proċessi ta' rettifika li għandhom jiġu segwiti fil-kalkolu tal-bidliet attwali u ipotetiċi f'każ ta' kontinġenzi, ta' eċċezzjonijiet, ta' żbalji, u ta' fallimenti fl-ipprezzar.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdil attwali u ipotetiku fil-valur tal-portafoll, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) fir-rigward tal-kalkolu tat-tibdil attwali fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059:

(i) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu u d-deskrizzjoni tad-differenzi msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059:

(1) jidentifikaw l-elementi li jvarjaw bejn it-tibdil fil-valuri tal-portafoll fi tmiem il-jum prodott mill-proċess ta' valwazzjoni fi tmiem il-jum u t-tibdil attwali;

(2) jivverifikaw jekk l-elementi identifikati f'konformità mal-punt (1) humiex limitati għal tariffi u għal kummissjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u humiex limitati għal dawk l-aġġustamenti li jridu jew jistgħu jiġu eskluži mit-tibdil attwali, kif stabbilit fl-Artikolu 1(3) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(ii) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw jekk, l-aġġustamenti li jirriżultaw mill-verifika indipendenti tal-prezz ikunux inklużi fit-tibdil attwali fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar, kif meħtieġ mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iii) jivverifikaw jekk il-mogħdija taż-żmien kif imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 tkunx riflessa fil-kalkolu tat-tibdil attwali, u jekk dik il-mogħdija taż-żmien tkunx riflessa bl-istess mod bħal fil-kalkolu tal-valuri tal-portafoll fi tmiem il-jum prodotti mill-proċess ta' valwazzjoni ta' tmiem il-jum;

(iv) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tevalwa jekk aġġustament ikunx relatat mar-riskju tas-suq, kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 u, billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw jekk dawk l-aġġustamenti li ma jkunux relatati mar-riskju tas-suq ikunux eskluži mill-kalkolu tat-tibdil attwali;

(v) billi jqabblu r-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu f'dati differenti, jivverifikaw jekk, l-istituzzjoni tirriflettix bidliet fil-valuri tal-aġġustamenti biss fid-dati li fihom l-aġġustament jiġi kkalkulat, kif meħtieġ minn l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(vi) jivverifikaw jekk l-ambitu tal-pożizzjonijiet li fuqhom jiġi kkalkolat l-aġġustament jinkludix biss pożizzjonijiet assenjati lill-post tan-negozjar, kif meħtieġ mill-Artikolu 1(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(vii) jivverifikaw jekk l-aġġustamenti li jistgħu jiġu eskluži mit-tibdil attwali skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 ikunux nonaddittivi;

(viii) jivverifikaw jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 tkunx konsistenti mal-evidenza li tirriżulta mir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu;

(b) fir-rigward tal-kalkolu tat-tibdil attwali fil-valur tal-portafoll kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059:

(i) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), ta' dan l-Artikolu u d-deskrizzjoni tad-differenzi msemmija fl-Artikolu 5(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059:

(1) jidentifikaw l-elementi li jvarjaw bejn it-tibdil fil-valuri tal-portafoll fi tmiem il-jum prodott mill-proċess ta' valwazzjoni fi tmiem il-jum u t-tibdil attwali;

(2) jivverifikaw jekk l-elementi imsemmijin fil-punt (1) humiex limitati għal tariffi u għal kummissjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għal dawk l-aġġustamenti li jridu jew jistgħu jiġu eskluži mit-tibdil attwali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(ii) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw jekk l-aġġustamenti li jirriżultaw mill-verifika indipendenti tal-prezz ikunux inklużi fit-tibdil attwali fil-valur tal-portafoll, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iii) jivverifikaw jekk il-mogħdija taż-żmien imsemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 tkunx riflessa fil-kalkolu tat-tibdil attwali, u jekk dik il-mogħdija taż-żmien tkunx riflessa bl-istess mod bħal fil-kalkolu tal-valuri tal-portafoll fi tmiem il-jum prodotti mill-proċess ta' valwazzjoni ta' tmiem il-jum;

(iv) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tevalwa jekk aġġustament ikunx relatat mar-riskju tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 u, billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw jekk dawk li ma jkunux relatati mar-riskju tas-suq ikunux eskluži mill-kalkolu tat-tibdil attwali;

(v) jivverifikaw jekk, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, l-ambitu tal-pożizzjonijiet li fuqhom jiġi kkalkolat aġġustament ikunx magħmul minn:

(1) pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(2) il-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq;

(vi) billi jqabblu r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu f'dati differenti, jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tirriflettix it-tibdil fil-valuri tal-aġġustamenti biss fid-dati li fihom l-aġġustament jiġi kkalkolat mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(vii) jivverifikaw jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 tkunx konsistenti mal-evidenza li tirriżulta mir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu;

(c) fir-rigward tal-kalkolu tat-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059:

(i) jidentifikaw, billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, l-elementi li jvarjaw bejn il-bidliet fil-valuri tal-portafoll fi tmiem il-jum prodotti mill-proċess ta' valwazzjoni ta' tmiem il-jum u t-tibdil ipotetiku, u jivverifikaw jekk dawk l-elementi humiex limitati għal:

(1) tariffi u kummissjonijiet;

(2) dawk l-elementi li ma humiex koperti minħabba s-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet ma nbidlux kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(3) dawk l-aġġustamenti li jridu jew jistgħu jiġu eskluži mill-bidliet ipotetiċi kif stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(ii) jivverifikaw jekk l-effett tal-mogħdija taż-żmien huwiex rifless fit-tibdil ipotetiku b'mod konsistenti mat-trattament li l-istituzzjoni tapplika għal tali effett fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iii) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tevalwa jekk aġġustament ikunx relatat mar-riskju tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 u, billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw jekk dawk l-aġġustamenti li ma jkunux relatati mar-riskju tas-suq ikunux eskluži mill-kalkolu tat-tibdil ipotetiku;

(iv) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw li huma biss l-aġġustamenti li jiġu kkalkolati kuljum u li huma inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji tal-istituzzjoni li huma inklużi bħala parti mit-tibdil ipotetiku, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(v) jivverifikaw li l-ambitu tal-pożizzjonijiet li fuqhom jiġi kkalkolat l-aġġustament jinkludi biss pożizzjonijiet assenjati lill-post tan-negozjar, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(vi) jivverifikaw jekk l-aġġustamenti li huma eskluži mit-tibdil ipotetiku skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 ikunux nonaddittivi;

(vii) billi jużaw id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (c)(viii) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, jivverifikaw jekk il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tikkalkola l-bidliet fil-valur ta' aġġustament bis-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet ma nbidlux kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hijiex xierqa;

(viii) jivverifikaw jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 tkunx konsistenti mal-evidenza li tirriżulta mir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu;

(d) fir-rigward tal-kalkolu tat-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059:

(i) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu:

(1) jidentifikaw l-elementi li jvarjaw bejn it-tibdil fil-valuri tal-portafoll fi tmiem il-jum prodott mill-proċess ta' valwazzjoni fi tmiem il-jum u t-tibdil ipotetiku;

(2) jivverifikaw jekk l-elementi msemmijin fil-punt (1) humiex limitati għat-tariffi u għall-kummissjoni, għal dawk l-elementi li ma humiex koperti minħabba s-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet ma nbidlux kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għal dawk l-aġġustamenti li jridu jew jistgħu jiġu eskluži mit-tibdil ipotetiku f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(ii) jivverifikaw jekk l-effett tal-mogħdija taż-żmien huwiex rifless fit-tibdil ipotetiku b'mod konsistenti mat-trattament li l-istituzzjoni tapplika għal tali effett fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iii) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tevalwa jekk aġġustament ikunx relatat mar-riskju tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 u, billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw li dawk li ma jkunux relatati mar-riskju tas-suq ikunu eskluži mill-kalkolu tat-tibdil ipotetiku;

(iv) billi jużaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw li huma, biss l-aġġustamenti li jiġu kkalkolati kuljum u li huma inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji tal-istituzzjoni li huma inklużi bħala parti mit-tibdil ipotetiku, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(v) jivverifikaw jekk, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, l-ambitu tal-pożizzjonijiet li fuqhom jiġi kkalkolat aġġustament ikunx magħmul minn:

(1) pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(2) il-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq;

(vi) billi jużaw id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (c)(viii), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, jivverifikaw jekk il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tikkalkola l-bidliet fil-valur ta' aġġustament bis-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet ma nbidlux kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hijiex xierqa;

(vii) jivverifikaw jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 tkunx konsistenti mal-evidenza li tirriżulta mir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu;

(e) fir-rigward tal-proċessi segwiti mill-istituzzjoni sabiex tikkalkola t-tibdil attwali u ipotetiku:

(i) jivverifika jekk il-proċess għall-immappjar ta' pożizzjoni ma' post tan-negozjar wieħed biss huwiex robust;

(ii) jivverifikaw jekk il-proċessi ta' rettifika msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (d), humiex robusti, u jekk humiex segwiti fil-prattika kull meta jseħħu kontinġenzi, eċċezzjonijiet, żbalji, u fallimenti fl-ipprezzar;

(iii) jivverifikaw kif pożizzjonijiet illikwidi jiġu ttrattati fil-proċess ta' valwazzjoni ta' tmiem il-jum u fil-proċess ta' verifika indipendenti tal-prezz.

Għall-finijiet tal-punti (a)(vi), (b)(v)(1), (c)(v) u (d)(v)(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni ma tiksibx l-aġġustament applikabbli għall-post tan-negozjar minn ambitu usa' tal-pożizzjonijiet minn dawk assenjati lill-post tan-negozjar.

Għall-finijiet tal-punt (a)(vii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw kif l-istituzzjoni timmaniġġja r-riskju ta' dawk l-aġġustamenti.

Għall-finijiet tal-punti (b)(v)(2) u (d)(v)(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-aġġustament kollu kkalkolat fuq dak l-ambitu huwiex inkluż fit-tibdil attwali fil-valur tal-portafoll.

Għall-finijiet tal-punt (c)(vi), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw kif l-istituzzjoni timmaniġġja r-riskju ta' dawk l-aġġustamenti.

Għall-finijiet tal-punt (e)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-istorja tal-kontinġenzi, tal-eċċezzjonijiet, tal-iżbalji, u tal-fallimenti fl-ipprezzar fil-kalkoli tat-tibdil fil-valuri tal-portafolli, jivvalutaw kif dawn ġew irrimedjati u, meta rilevanti, l-impatt ta' dawk l-iżbalji fuq ir-riżultati tal-ittestjar retrospettiv u tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf.

Għall-finijiet tal-punt (e)(iii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta, minħabba *data* invalida, dawk il-pożizzjonijiet ma jwasslu għall-ebda tibdil fil-valwazzjoni ta' tmiem il-jum u tibil attwali u ipotetiku fil-valur tal-portafoll, jivvalutaw jekk, minkejja n-nuqqas ta' *data*, il-mudell tal-kejl tar-riskji jkun raġonevolment akkurat fil-kejl tar-riskji ta' dawk il-pożizzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw kwalunkwe wieħed mill-metodi ta' valutazzjoni li ġejjin:

(a) fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet, jeħtieġu li l-istituzzjoni tikkalkola u tirrikonċilja t-tibdil fil-valur ta' tmiem il-jum kif jirriżulta mill-proċess ta' valwazzjoni ta' tmiem il-jum, it-tibdil attwali, u t-tibdil ipotetiku;

(b) fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet, jeħtieġu li l-istituzzjoni tikkalkola t-tibdil ipotetiku u t-tibdil fit-teorija tar-riskju, u jivverifikaw jekk l-effett tal-mogħdija taż-żmien ikunx kopert b'mod konsistenti;

(c) iqabblu l-profil tat-tibdil ipotetiku kumulattiv mal-valur tal-portafoll fuq perjodu ta' żmien partikolari u t-tibdil attwali kumulattiv korrispondenti matul l-istess perjodu sabiex jivvalutaw il-plawżibbiltà tal-kalkoli mwettqin mill-istituzzjoni.

*Artikolu 37*

**Valutazzjoni tal-analiżi tal-qabżiet fil-valur**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk istituzzjoni tanalizzax kull qabża fil-valur msemmija fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fid-dettall, sabiex tiddetermina l-kawżi tagħhom.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni:

(a) tidentifikax liema portafolli jew postijiet tan-negozjar ikkawżaw primarjament il-qabża fil-valur;

(b) tanalizzax id-differenzi fit-tibdil ipotetiku u attwali fil-valur tal-portafoll;

(c) tanalizzax jekk u liema movimenti tas-suq, fatturi tar-riskju jew parametri kkawżaw il-qabża fil-valur;

(d) tanalizzax jekk kwalunkwe kwistjoni ta' mmudellar, jew fattur tar-riskju nieqes, ikkontribwietx għall-qabża fil-valur, u tipprovdix spjegazzjoni ta' liema parti mit-tibdil fil-valur tal-portafoll tista' tiġi spjegata mill-mudell u liema ma tistax;

(e) tanalizzax jekk il-fallimenti tal-proċess, inklużi l-pożizzjonijiet li ma jkunux koperti kif suppost jew l-aġġornamenti neqsin tad-*data*, ikkontribwewx jew ikkawżawx il-qabża fil-valur;

(f) tiddeskrivix ir-riżultati tal-azzjonijiet meħudin bħala riżultat tal-punti (a) sa (e) meta tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-qabżiet fil-valur li jirriżultaw mill-programm ta' ttestjar retrospettiv tagħha mwettaq f'konformità mal-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk, meta l-analiżi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tidentifika dgħufija jew inakkurattezza materjali fil-mudell jew fil-proċessi, l-istituzzjoni tivvaluta dik id-dgħufija jew l-inakkurattezza u tiżviluppa minnufih pjan għal ritorn f'waqtu għall-konformità mar-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv li għandhom jiġu vvalutati bħala parti mill-validazzjoni regolari tal-mudell.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tiżgurax dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) kwalunkwe qabża fil-valur, inklużi dawk relatati mal-ittestjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, tiġi rrapportata lill-maniġment superjuri fi żmien 3 ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tkun ġiet identifikata l-qabża fil-valur;

(b) l-analiżijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 jiġu rrapportati lill-awtorità kompetenti u lill-maniġment superjuri fi żmien xahar mid-data li fiha tkun seħħet il-qabża fil-valur.

*Artikolu 38*

**Valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżit ta' attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf**

1. Meta jiġi vvalutat jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar għar-rekwiżiti ta' attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf imsemmijin fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk is-serje kronoloġika tat-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar kif użat għall-fini tar-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv tikkoinċidix mas-serje kronoloġika tat-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar kif użat għar-rekwiżit ta' attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf, kif meħtieġ mill-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059.

2. Meta tiġi vvalutata l-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdil teoretiku fil-valur tal-portafoll għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf imsemmijin fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-politiki interni msemmijin f'dak il-punt (e):

(a) jiżguraw li l-jiem ta' negozju użati fil-kalkolu tat-tibdil teoretiku fil-valur tal-portafoll ikunu l-istess bħal dawk użati kemm fil-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll fil-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament;

(b) jispeċifikaw jekk l-istituzzjoni tallinjax il-ħin tal-isnapshot li għalih tikkalkola t-tibdil teoretiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar mal-ħin tal-isnapshot li għalih tikkalkola t-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar, kif permess mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(c) jispeċifikaw jekk hemmx fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tuża *data* tal-input jew valuri użati fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku sabiex tikkalkola t-tibdil teoretiku, jew jekk ma jkunx hemm fatturi tar-riskju li għalihom jintuża tali trattament, kif permess mill-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(d) ikopru l-aspetti kollha msemmijin fl-Artikolu 15(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 fir-rigward tal-fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tuża *data* tal-input jew valuri użati fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku sabiex tikkalkola t-tibdil teoretiku, kif permess mill-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(e) jispeċifikaw il-proċessi ta' rettifika li għandhom jiġu segwiti fil-kalkolu tat-tibdil teoretiku f'każ ta' kontinġenzi, ta' eċċezzjonijiet, ta' żbalji, u ta' fallimenti fl-ipprezzar;

(f) ikopru l-aspetti kollha msemmijin fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059.

Għall-finijiet tal-punt (c), meta t-trattament ikkonċernat jintuża għal xi fatturi tar-riskju, iżda mhux għal kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-politiki interni jispeċifikawx kriterji oġġettivi sabiex jintgħażlu fatturi tar-riskju li għalihom jiġi applikat dak it-trattament.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tużax kriterji kwantitattivi sabiex tivvaluta l-effett tal-allinjament imsemmi fl-Artikolu 15(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059.

3. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf imsemmijin fl-Artikolu 325bg ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) fir-rigward tal-kalkolu tat-tibdil teoretiku fil-valur tal-portafoll:

(i) jivverifikaw jekk il-jiem ta' negozju użati fil-kalkolu tat-tibdil teoretiku fil-valur tal-portafoll ikunux l-istess bħal dawk użati fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament;

(ii) jivverifikaw jekk il-pożizzjonijiet użati fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku jkunux dawk użati għall-kalkolu tat-tibdil teoretiku.

(iii) jivverifikaw jekk meta l-istituzzjoni tikkalkola t-tibdil teoretiku, il-pożizzjonijiet ikunux preżunti li ma nbidlux, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(iv) jivverifikaw li ma hemm l-ebda differenza bejn il-metodi tal-ipprezzar, il-parametrizzazzjonijiet tal-mudell, id-*data* tas-suq u kwalunkwe teknika oħra użata fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji, u dawk użati għall-kalkolu tat-tibdil teoretiku, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(v) jivverifikaw li t-tibdil teoretiku fil-valur tal-portafoll jirrifletti biss it-tibdil fil-valuri tal-fatturi tar-riskju li jiġu xxokkjati meta jiġi kkalkolat il-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(vi) jivverifikaw li l-proċessi ta' rettifika msemmijin fil-paragrafu 2, il-punt (e), ikunu robusti u jkunu segwiti fil-prattika kull meta jseħħu kontinġenzi, eċċezzjonijiet, żbalji, u fallimenti fl-ipprezzar;

(b) fir-rigward tar-riżultati tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf:

(i) jivverifikaw jekk il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman u l-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov humiex ikkalkolati b'mod korrett;

(ii) jivverifikaw jekk il-fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tuża *data* tal-input użata fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku għall-kalkolu tat-tibdil teoretiku, kif permess mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, humiex biss dawk li għalihom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin f'dak l-Artikolu;

(iii) jivverifikaw li l-fatturi tar-riskju, li l-valuri użati fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku jintużaw mill-istituzzjoni sabiex tikkalkola t-tibdil teoretiku f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, ikunu biss dawk li għalihom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin f'dak l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-punt (a)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk is-sistemi tal-IT tal-istituzzjoni jiżgurawx il-kalkolu ta' dak it-tibdil fuq l-istess pożizzjonijiet. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi l-inventarju tal-pożizzjonijiet koperti fit-tibdil attwali u teoretiku, u jqabblu dawk il-pożizzjonijiet.

Għall-finijiet tal-punt (a)(iv), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk is-sistemi tal-istituzzjonijiet jiżgurawx li l-funzjonijiet tal-ipprezzar użati għall-kalkolu tat-tibdil teoretiku jkunu dawk użati fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (a)(v), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk is-sistemi tal-istituzzjonijiet jiżgurawx li l-valur ta' fatturi tar-riskju oħrajn jinżammx kostanti meta jiġi kkalkolat it-tibdil teoretiku. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi jużaw il-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.

Għall-finijiet tal-punt (a)(vi), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-istorja tal-kontinġenzi, tal-eċċezzjonijiet, tal-iżbalji, u tal-fallimenti fl-ipprezzar fil-kalkoli tat-tibdil fil-valuri tal-portafolli, jivvalutaw jekk u kif dawn ġew irrimedjati u, meta rilevanti, jivvalutaw l-impatt ta' dawk l-iżbalji fuq ir-riżultati tal-ittestjar retrospettiv u tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (a)(iii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw wieħed jew aktar mill-metodi ta' valutazzjoni li ġejjin:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi l-inventarju, f'jum partikolari u fil-jum sussegwenti kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, tal-pożizzjonijiet fil-portafoll li fih tikkalkola t-tibdil teoretiku, u jivvalutaw jekk dawk l-inventarji jikkoinċidux;

(b) jivverifikaw li t-tibdil teoretiku fir-riskju huma tipikament eqreb tat-tibdil ipotetiku milli tat-tibdil attwali u, billi juża r-rapporti msemmijin fl-Artikolu 36, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), jidentifikaw dawk il-jiem fis-serje kronoloġika meta t-tibdil attwali u ipotetiku jvarja l-aktar minħabba tibdil fil-kompożizzjoni tal-portafoll tal-post tan-negozjar, u jivverifikaw li t-tibdil teoretiku f'dawk il-jiem ma jkunx affettwat minn tali tibdil fil-kompożizzjoni tal-portafoll.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (a)(v), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) meta l-istituzzjoni tikkalkola l-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi kampjun tal-istrumenti finanzjarji fil-portafoll tagħha, li l-prezzijiet tagħhom jiddependu kemm fuq fatturi tar-riskju li jkunu xxokkjati kif ukoll fuq fatturi tar-riskju li ma jkunux ixxokkjati;

(b) meta l-istituzzjoni tikkalkula t-tibdil teoretiku relatat mal-istrumenti finanzjarji msemmijin fil-punt (a), jivverifikaw jekk, għal data ta' referenza ta' rapportar partikolari, il-valur tal-fatturi tar-riskju li ma jkunux ixxokkjati jinżamm kostanti.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (b)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, għall-postijiet tan-negozjar l-aktar materjali jew għall-postijiet tan-negozjar kollha:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi s-serje kronoloġika ta' tibdil ipotetiku u teoretiku fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar użat għall-kalkolu tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman u tal-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(b) jikkalkolaw il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 u l-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(c) jivverifikaw jekk il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman u l-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov li tirriżulta mill-punt (b) jikkoinċidux ma' dawk miksubin mill-istituzzjoni;

(d) jivverifikaw jekk il-klassifikazzjoni tal-postijiet tan-negozjar għaż-żoni msemmijin fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 hijiex korretta.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (b)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jidentifikaw l-aktar fatturi tar-riskju materjali li għalihom l-istituzzjoni applikat it-trattament imsemmi fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(b) jivverifikaw jekk l-istess fattur tar-riskju jintużax fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku u teoretiku;

(c) jivverifikaw jekk il-valur tal-fatturi tar-riskju msemmijin fil-punt (a) ivarjax biss minħabba s-sorsi jew il-ħinijiet tal-estrazzjoni differenti tad-*data* tal-input tagħhom.

L-intensità li biha l-awtorità kompetenti twettaq il-valutazzjoni għandha tkun proporzjonata għall-effett li l-allinjament tad-*data* tal-input tal-fatturi tar-riskju jkollu fuq it-tibdil teoretiku u fuq ir-riżultati tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059.

8. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (b)(iii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jidentifikaw l-aktar fatturi tar-riskju materjali li għalihom l-istituzzjoni applikat it-trattament imsemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(b) għall-fatturi tar-riskju msemmijin fil-punt (a), jiksbu fehim komprensiv tat-tekniki tas-sistemi ta' valwazzjoni li jintużaw sabiex jiġi dderivat il-valur tal-fattur tar-riskju mid-*data* tal-input, kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059;

(c) fuq il-bażi tal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, jivvalutaw jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059 humiex issodisfati, filwaqt li jqisu kwalunkwe raġuni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 15(3) ta' dak ir-Regolament.

L-intensità li biha l-awtorità kompetenti twettaq il-valutazzjoni għandha tkun proporzjonata għall-effett li l-allinjament tal-valuri tal-fatturi tar-riskju jkollu fuq it-tibdil teoretiku u fuq ir-riżultati tat-test tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059.

*TAQSIMA 5*

***Valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti relatati mat-trattament tar-riskju tal-kambju u tal-komoditajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar***

*Artikolu 39*

**Valutazzjoni tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju u tal-komoditajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-politiki interni msemmijin f'dak l-Artikolu jispeċifikawx:

(a) l-ambitu tal-pożizzjonijiet tal-kambju fil-portafoll mhux tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-approċċ ta' mudell intern alternattiv u, meta applikabbli, ir-raġuni sottostanti għall-esklużjoni ta' xi pożizzjonijiet minn dak l-ambitu;

(b) l-ambitu tal-pożizzjonijiet tal-komoditajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li għalih l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-approċċ ta' mudell intern alternattiv, u meta applikabbli, ir-raġuni sottostanti għall-esklużjoni ta' xi pożizzjonijiet minn dak l-ambitu;

(c) għal pożizzjonijiet soġġetti għal riskju tal-kambju iżda mhux għal riskju tal-komoditajiet:

(i) jekk il-valur li jintuża bħala bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju ikunx l-aħħar valur kontabilistiku disponibbli msemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, jew l-aħħar valur ġust disponibbli msemmi fl-Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament Delegat, u l-frekwenza li biha tali valur jiġi kkalkolat mill-ġdid;

(ii) jekk hemmx postijiet tan-negozjar li l-pożizzjonijiet mhux lineari tagħhom fir-rata tal-kambju huma soġġetti għat-trattament imsemmi fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577 u, meta applikabbli, ir-raġuni għall-użu ta' tali deroga għal uħud mill-postijiet tan-negozjar, filwaqt li mhux għal oħrajn;

(d) il-postijiet tan-negozjar li għalihom jiġi kkalkolat it-tibdil ipotetiku u attwali fil-valur tal-portafoll fir-rigward ta' pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar li hija soġġetta għal riskju tal-komoditajiet jew kemm għal riskju tal-komoditajiet kif ukoll għal riskju tal-kambju f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, u l-postijiet tan-negozjar li għalihom jiġu kkalkolati l-bidliet f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament Delegat, u r-raġuni għal dik l-għażla.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk il-proċessi interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiżgurawx:

(i) it-traċċabbiltà tal-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar inkorporati fl-ambitu tal-approċċ ta' mudell intern alternattiv, u l-korrettezza tal-valuri kontabilistiċi jew tal-valuri ġusti użati bħala bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, kif meħtieġ mill-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577;

(ii) li l-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li jattiraw riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet irreġistrati f'data partikolari jkunu inklużi fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament;

(iii) li kwalunkwe pożizzjoni tar-riskju tal-kambju li tirriżulta minn tibdil fil-munita tar-rapportar fil-livelli differenti ta' konsolidazzjoni ("riskju tal-qlib") tkun inkluża fl-ambitu ta' pożizzjonijiet soġġetti għal riskju tal-kambju;

(iv) identifikazzjoni korretta tal-pożizzjonijiet tal-kambju li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-użu tat-trattament imsemmi fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, meta l-istituzzjoni tuża dak it-trattament;

(v) identifikazzjoni korretta u sħiħa tal-entrati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577;

(b) fir-rigward tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet li huma soġġetti għal riskju tal-kambju kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, jivverifikaw jekk:

(i) pożizzjonijiet tal-kambju li għalihom l-istituzzjoni tuża d-deroga stabbilita fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577 huma distinti minn pożizzjonijiet tal-kambju li għalihom l-istituzzjoni ma tużax dik id-deroga;

(ii) jiġu aġġornati biss il-fatturi tar-riskju tal-kambju tal-aħħar valur kontabilistiku jew valur ġust disponibbli sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-pożizzjoni qabel l-applikazzjoni tax-xenarju ta' xokk futur, sakemm ma jintużax it-trattament imsemmi fl-Artikolu 3(4) ta' dak ir-Regolament, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577;

(iii) għal pożizzjonijiet li għalihom jintuża t-trattament fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, il-fatturi tar-riskju kollha jiġu aġġornati sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-pożizzjoni qabel l-applikazzjoni tax-xenarju ta' xokk futur, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577;

(c) fir-rigward ta' entrati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, jivverifikaw jekk:

(i) il-kriterji stabbiliti mill-istituzzjoni sabiex tidentifika l-eventi li jikkawżaw indeboliment humiex xierqa, fuq il-bażi ta' *data* storika u ta' eventi storiċi;

(ii) il-kriterji msemmija fil-punt (i) humiex konsistenti mal-ġestjoni interna tar-riskju ta' indeboliment;

(iii) il-livell ta' indeboliment rikonoxxut wara l-eventi msemmijin fil-punt (i) ikunx ibbażat fuq raġunament oġġettiv;

(d) fir-rigward tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet li huma soġġetti għar-riskju tal-komoditajiet jew kemm għar-riskju tal-komoditajiet kif ukoll għar-riskju tal-kambju kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, jivverifikaw jekk ix-xenarji ta' xokkijiet futuri jiġux applikati biss għal fatturi tar-riskju li jappartjenu għall-kategorija wiesgħa tal-fattur tar-riskju tal-komoditajiet, u, meta applikabbli, għall-kategorija wiesgħa tal-fattur tar-riskju tal-kambju;

(e) jivverifikaw jekk it-tibdil ipotetiku u attwali relatat ma' pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet humiex ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577.

Għall-finijiet tal-punt (a)(iii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw kif l-istituzzjoni tinkludi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji l-pożizzjonijiet miftuħin netti li jirriżultaw minn entitajiet differenti tal-grupp.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (a)(ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw wieħed miż-żewġ approċċi li ġejjin:

(a) fuq kampjun ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar meħudin f'data ta' referenza ta' rapportar partikolari, jivverifikaw jekk dawk il-pożizzjonijiet humiex inklużi fl-ambitu tal-pożizzjonijiet koperti fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni jew tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress f'dik id-data ta' referenza ta' rapportar jew fl-ambitu tal-pożizzjonijiet tal-approċċ standardizzat alternattiv;

(b) jirrikjedu li l-istituzzjoni tirrikonċilja, minn naħa waħda, il-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar meħudin f'data ta' referenza ta' rapportar partikolari u, min-naħa l-oħra, il-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma fl-ambitu tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji u fl-ambitu tal-approċċ standardizzat alternattiv f'dik id-data ta' referenza ta' rapportar.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (a)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi tipi ta' pożizzjonijiet li huma inklużi fil-mudell u li jirriżultaw minn assi u minn obbligazzjonijiet li ma jattirawx riskju tas-suq meta r-rekwiżiti ta' fondi proprji jiġu kkalkolati fil-livell individwali, iżda jattirawh meta r-rekwiżiti ta' fondi proprji jiġu kkalkolati fil-livell konsolidat minħabba r-riskju tal-qlib.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (a)(v), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tirrikonċilja l-entrati li l-istituzzjoni identifikat bħala li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577 għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-approċċ ta' mudell intern alternattiv, bl-entrati li jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar u għal data ta' referenza għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress kif imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni li ġej:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi l-lista ta':

(i) fatturi tar-riskju użati bħala inputs sabiex jiġi ddeterminat il-valur ġust li jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif meħtieġ mill-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577;

(ii) mill-fatturi tar-riskju inklużi fil-lista msemmija fil-punt (i), dawk il-fatturi tar-riskju li fuqhom l-istituzzjoni tapplika xenarji ta' xokkijiet futuri li jikkalkolaw il-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi l-valur tal-fatturi tar-riskju msemmijin fil-punt (a) fid-dati li ġejjin:

(i) id-data li fiha ġie ddeterminat l-aħħar valur ġust disponibbli;

(ii) id-data ta' referenza ta' rapportar partikolari għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni jew tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress;

(c) jivverifikaw jekk:

(i) għal pożizzjonijiet li għalihom ma jintużax it-trattament stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, il-valur tal-fatturi tar-riskju li ma jirriflettux ir-riskju tal-kambju ma ġiex aġġornat bejn iż-żewġ dati msemmijin fil-punti (b)(i) u (b)(ii);

(ii) għal pożizzjonijiet li għalihom jintuża t-trattament stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, il-valur tal-fatturi tar-riskju kollha jkunx aġġornat bejn iż-żewġ dati msemmijin fil-punti (b)(i) u (b)(ii);

(iii) il-fatturi tar-riskju msemmijin fil-punt (a)(ii) humiex relatati biss mar-riskju tal-kambju, irrispettivament minn jekk jintużax it-trattament stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar u għal data ta' referenza għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni kif imsemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress kif imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni li ġej:

(a) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tissepara l-fatturi tar-riskju tal-kambju minn inputs oħrajn użati sabiex tiddetermina l-valur kontabilistiku ta' pożizzjoni;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi l-lista ta' fatturi tar-riskju mill-fatturi tar-riskju tal-kambju msemmijin fil-punt (a) li fuqhom l-istituzzjoni tapplika xenarji ta' xokkijiet futuri meta tikkalkola l-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament;

(c) jiksbu l-valur tal-fatturi tar-riskju tal-kambju u ta' inputs oħrajn użati sabiex jiddeterminaw il-valur kontabilistiku fid-dati li ġejjin:

(i) id-data li fiha jkun ġie ddeterminat l-aħħar valur kontabilistiku disponibbli;

(ii) id-data ta' referenza ta' rapportar partikolari għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress;

(d) jivverifikaw jekk:

(i) għal pożizzjonijiet li għalihom ma jintużax it-trattament stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, l-inputs tal-valwazzjoni li ma jirriflettux ir-riskju tal-kambju ma ġewx aġġornati bejn iż-żewġ dati msemmijin fil-punti (c)(i) u (c)(ii);

(ii) għal pożizzjonijiet li għalihom jintuża t-trattament stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577, l-inputs ta' valwazzjoni, inklużi l-fatturi tar-riskju tal-kambju, ġewx aġġornati bejn iż-żewġ dati msemmijin fil-punti (c)(i) u (c)(ii);

(iii) il-fatturi tar-riskju msemmijin fil-punt (b) humiex relatati biss mar-riskju tal-kambju, irrispettivament minn jekk jintużax it-trattament stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577.

8. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar u għal data ta' referenza għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni li ġej:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi l-lista ta':

(i) fatturi tar-riskju użati bħala inputs sabiex jiġi ddeterminat il-valur ġust li jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif meħtieġ mill-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577;

(ii) mill-fatturi tar-riskju inklużi fil-lista msemmija fil-punt (a), dawk il-fatturi tar-riskju li fuqhom l-istituzzjoni tapplika xenarju ta' xokk futur meta tikkalkola l-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew ix-xenarju estrem ta' xokk futur meta tikkalkola l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament;

(b) jivverifikaw jekk fil-lista msemmija fil-punt (a)(ii), hemmx biss fatturi tar-riskju li jirriflettu r-riskju tal-komoditajiet, u r-riskju tal-kambju meta applikabbli.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar, japplikaw il-metodu ta' valutazzjoni li ġej:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi deskrizzjoni tal-inputs ta' valwazzjoni użati sabiex tiddetermina l-valur kontabilistiku jew il-valur ġust tal-pożizzjoni;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi l-valuri ta' tali inputs ta' valwazzjoni fl-aħħar tal-jum wara l-kalkolu tan-numru tal-valur fir-riskju msemmi fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-aħħar tal-jum ta' qabel, kif użat fil-kalkolu tat-tibdil ipotetiku u attwali fil-valur tal-portafoll;

(c) jivverifikaw jekk, skont il-pożizzjoni soġġetta għall-valutazzjoni, il-valuri jkunux aġġornati jew miżmumin mingħajr tibdil kif meħtieġ mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1577.

*TAQSIMA 6*

***Valutazzjoni tal-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni u tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress***

Sottotaqsima 1

**Valutazzjoni tal-aspetti li huma rilevanti kemm għall-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni kif ukoll għall-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress**

*Artikolu 40*

**Valutazzjoni tal-kapaċità tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji sabiex ikopri t-tendenzi mhux lineari**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bh(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-effettività u l-kapaċità tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji sabiex jiġu koperti t-tendenzi mhux lineari tal-opzjonijiet u ta' prodotti oħrajn għal istituzzjoni bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq is-sensittività, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) il-mudell intern tal-kejl tar-riskji jinkludi tal-anqas it-termini materjali tal-ewwel u tat-tieni ordni tal-approssimazzjonijiet tas-serje ta' Taylor sabiex jiġi rifless it-tibdil fil-prezzijiet minħabba bidliet fil-fatturi tar-riskju rilevanti, inkluż ir-riskju cross-gamma rrappreżentat minn ċaqliq konġunt materjali fil-fatturi tar-riskju;

(b) l-approċċ ibbażat fuq is-sensittività jwassal għal riżultati xierqa, inkluż meta jiġu applikati xokkijiet severi għall-fatturi tar-riskju.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw il-passi li ġejjin fl-ordni li ġej:

(a) jidentifikaw prodotti li għalihom l-awtoritajiet kompetenti jridu jittestjaw il-materjalità tat-termini tal-ordni ta' approssimazzjoni tas-serje ta' Taylor, u l-adegwatezza tal-approċċ ibbażat fuq is-sensittività taħt xokk serju;

(b) jidentifikaw jum ta' negozju fil-perjodu ta' stress li fih ir-ritorni osservati għall-fatturi tar-riskju f'dawk il-prodotti kienu partikolarment għoljin, meta pożittivi, jew partikolarment baxxi, meta negattivi;

(c) jirrikjedu li l-istituzzjoni tikkalkola t-tibdil ipotetiku u teoretiku fil-valuri ta' dawk il-prodotti f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2022/2059, fix-xenarju identifikat mir-ritorni fil-jum ta' negozju identifikat f'konformità mal-punt (b);

(d) fuq il-bażi tar-riżultati tal-kalkolu msemmi fil-punt (c), jivvalutaw jekk l-approċċ ibbażat fuq is-sensittività jwassalx għal riżultati xierqa.

Sottotaqsima 2

**Valutazzjoni tal-aspetti li huma rilevanti għall-kalkolu tal-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni**

*Artikolu 41*

**Valutazzjoni tal-kalkolu tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni**

1. Meta jivvalutaw jekk mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-miżuri tan-nuqqas mistenni mingħajr restrizzjoni u tal-kejl tan-nuqqas parzjali mistenni għall-kategoriji wisgħin kollha ta' fatturi tar-riskju bi frekwenza mnaqqsa kif imsemmi fl-Artikolu 325bb(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) janalizzaw il-proċess li tuża l-istituzzjoni sabiex tiddetermina l-jum tal-ġimgħa meta jsiru l-kalkoli;

(b) jivverifikaw li tnaqqis fil-frekwenza tal-kalkolu ma jwassalx għal sottovalutazzjoni tar-riskju.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk l-analiżi mwettqa mill-istituzzjoni tkunx adegwata sabiex turi li ma hemm l-ebda sottovalutazzjoni tar-riskju;

(b) jivverifikaw jekk l-evoluzzjoni taċ-ċifri ta' kuljum għal $UES_t$, $PES_t^{RS}$, $PES_t^{FC}$ u $PES_t^{RC}$ ikkalkolati fuq il-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll kif meħtieġ mill-Artikolu 325bb(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ma turix sistematikament profil tar-riskju aktar baxx fil-jum magħżul mill-istituzzjoni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta jkun hemm ħjiel ta' profil tar-riskju sistematikament aktar baxx, jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi:

(a) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikkalkola kuljum u għal perjodu partikolari l-miżuri tan-nuqqas mistenni mingħajr restrizzjoni $UES_t^i$ u l-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni $PES_t^{RS,i}$, $PES_t^{FC,i}$ u $PES_t^{RC,i}$ għal kull kategorija wiesgħa ta' fattur tar-riskju;

(b) janalizzaw jekk dawk il-miżuri jkunux sistematikament aktar baxxi fil-jum magħżul mill-istituzzjoni.

*Artikolu 42*

**Valutazzjoni tal-kalkoli tal-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni**

1. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kalkolu tal-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni msemmijin fl-Artikolu 325bc ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk l-estimatur użat mill-istituzzjoni sabiex toħroġ estimu tal-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni huwiex fil-prinċipju tajjeb u raġonevolment akkurat;

(b) jivverifikaw jekk, meta tikkalkola l-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni $PES_t(T)$ u $PES_t(T,j)$ kif meħtieġ mill-Artikolu 325bc(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni tidentifikax perjodi ta' likwidità effettivi tal-fatturi tar-riskju ta' pożizzjoni partikolari, filwaqt li tqis il-maturità tal-pożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 325bd(4) ta' dak ir-Regolament;

(c) jivverifikaw jekk, bħala parti mill-politiki interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni stabbilietx kriterji oġġettivi li huma xierqa għall-għażla tal-fatturi tar-riskju li jiffurmaw is-subsett ta' fatturi tar-riskju mudellabbli msemmijin fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;

(d) jivverifikaw jekk il-fatturi tar-riskju li ma humiex parti mis-subsett tal-fatturi tar-riskju mudellabbli magħżulin mill-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 325bc(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 humiex miżmumin kostanti meta jiġu kkalkolati $PES_t^{RC}$, $PES_t^{RC,i}$ u $PES_t^{RS}$, $PES_t^{RS,i}$;

(e) jivverifikaw jekk it-tekniki użati għall-kalkolu ta' $PES_t^{FC}$, $PES_t^{RC}$, $PES_t^{FC,i}$, $PES_t^{RC,i}$u dawk użati għall-kalkolu ta' $PES_t^{RS}$, $PES_t^{RS,i}$ humiex l-istess, ħlief għal dawk id-devjazzjonijiet neċessarji sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bc(2) sa (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) jivverifikaw jekk, meta tikkalkola $PES_t^{FC}$, $PES_t^{RC}$, $PES_t^{FC,i}$, $PES_t^{RC,i}$, l-istituzzjoni tużax *data* ponderata b'mod ugwali fil-perjodu ta' osservazzjoni;

(g) fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-perjodu ta' stress, jivverifikaw jekk il-perjodi rotanti ta' 12-il xahar ittestjati sabiex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' stress jibdewx tal-anqas mill-1 ta' Jannar 2007 kif imsemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li l-politiki interni tal-istituzzjoni jispeċifikaw il-frekwenza tal-aġġornament tal-perjodu ta' stress għall-kalkolu tal-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni, u l-kriterji applikabbli l-oħrajn li jwasslu għall-aġġornament tagħha.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu ħarsa ġenerali lejn id-differenzi fit-tekniki użati mill-istituzzjoni meta jikkalkolaw il-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni kkalibrati fuq il-perjodu riċenti ta' 12-il xahar u fuq il-perjodu ta' stress, u jivverifikaw jekk dawk id-differenzi jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tinkiseb il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-punt (g), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw, ukoll fuq il-bażi ta' aġġornamenti tal-passat, jekk il-perjodu ta' stress jiġix aġġornat tal-anqas bi frekwenza trimestrali u li l-istituzzjoni tkun segwiet kwalunkwe kriterju possibbli speċifikat fil-politiki interni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti:

(a) għandhom jivverifikaw kif l-istituzzjoni għażlet l-estimatur li tuża u l-analiżi li saret sabiex tappoġġa din l-għażla;

(b) jivverifikaw jekk l-estimatur tan-nuqqas mistenni jikkorrispondix jew għall-integrali tal-estimatur għan-numri tal-Valur fir-Riskju msemmijin fl-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 mifhumin bħala funzjoni tal-probabbiltà tat-tarf minn żero sa wieħed nieqes il-grad ta' fiduċja rilevanti, u d-diviżjoni b'wieħed minus il-grad ta' fiduċja rilevanti, jew għal għażla aktar konservattiva;

(c) jistgħu jqabblu l-estimaturi tal-Valur fir-Riskju u tan-nuqqas mistenni użati mill-istituzzjoni mal-estimaturi inklużi fit-Tabella 1.

*Tabella 1*

| **Estimaturi tal-valur fir-riskju** | **Estikmaturi tan-nuqqas mistenni** |
|---|---|
| $Q_{\text{emp}}(\alpha) = X_{(M_{emp}+1)}$ | $\text{ES}_{\text{emp}} = \frac{-1}{\alpha \bullet N}\left(\sum_{i=1}^{M_{\text{emp}}} X_{(i)} + R_{\text{emp}} \bullet X_{(M_{\text{emp}}+1)}\right)$;<br>$\text{ES}_{\text{SAE}} = \frac{-1}{M_{emp}} \sum_{i=1}^{M_{\text{emp}}} X_{(i)}$ |
| $Q_{\text{lin}}(\alpha) = \begin{cases} (1-R_{\text{lin}})X_{(M_{\text{lin}})} + R_{\text{lin}}X_{(M_{\text{lin}}+1)}, \text{ for } M_{\text{lin}} \geq 1 \\ X_{(1)}, \text{ for } M_{\text{lin}} = 0 \end{cases}$ | $\text{ES}_{\text{lin}} = \frac{-1}{\alpha \bullet (\text{N}+1)}\left(\frac{3}{2}X_{(1)} + \sum_{i=2}^{M_{\text{lin}}-1} X_{(i)} + \frac{1+2R_{\text{lin}}-R_{\text{lin}}^2}{2}X_{(M_{\text{lin}})} + \frac{R_{\text{lin}}^2}{2}X_{(M_{\text{lin}}+1)}\right)$ |
| $Q_{\text{lin_extra}}(\alpha) = \begin{cases} (1-R_{\text{lin}}) \bullet X_{(M_{\text{lin}})} + R_{\text{lin}} \bullet X_{(M_{\text{lin}}+1)}, \text{ for } M_{\text{lin}} \geq 1 \\ \frac{X_{(1)}}{\left(\alpha \bullet (N+1)\right)^3}, \text{ for } M_{\text{lin}} = 0 \end{cases}$ | $\text{ES}_{\text{lin_extra}} = \frac{-1}{\alpha \bullet (\text{N}+1)}\left(2 \bullet X_{(1)} + \sum_{i=2}^{M_{\text{lin}}-1} X_{(i)} + \frac{1+2R_{\text{lin}}-R_{\text{lin}}^2}{2}X_{(M_{\text{lin}})} + \frac{R_{\text{lin}}^2}{2}X_{(M_{\text{lin}}+1)}\right)$ |

Fejn:
$X_{(i)}$ tiddenota l-valur l-i l-aktar baxxa fil-kampjun $\{X_i\}$użat għall-estimu, jiġifieri $X_{(1)}$hija l-aktar telf sever f'kampjun ta' profitt u ta' telf u tipikament numru negattiv kbir;

$N$ tiddenota l-għadd ta' valuri fil-kampjun $\{X_i\}$ użat għall-estimu;
$\alpha$ tiddenota l-probabbiltà tat-tarf, jiġifieri wieħed nieqes il-grad ta' fiduċja;

$\lfloor \ldots \rfloor$ tiddenota l-parti intiera ta' argument;
$M_{\text{emp}} = \lfloor \alpha \bullet N \rfloor$u għan-nuqqas mistenni jekk wieħed jassumi $M_{emp} < N$, jiġifieri l-kalkolu għal tarf tax-xellug ta' kampjun;

$$R_{\text{emp}} = \alpha \bullet N - \lfloor \alpha \bullet N \rfloor;$$

$M_{\text{lin}} = \lfloor \alpha \bullet (N+1) \rfloor$u għan-nuqqas mistenni jekk wieħed jassumi li $M_{\text{lin}} \geq 2$, jiġifieri aktar minn telf wieħed ikun fit-tarf ta' $\alpha$ ta' kampjun ta' profitt u ta' telf;

$R_{\text{lin}} = \alpha \bullet (N+1) - \lfloor \alpha \bullet (N+1) \rfloor$.

(d) meta l-kalkolu tal-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni jkunu bbażati fuq simulazzjonijiet tat-tip Monte Carlo, jivverifikaw jekk in-numru ta' simulazzjonijiet jiżgurax konverġenza lejn riżultati stabbli.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw it-testijiet imwettqin mill-istituzzjoni sabiex jistabbilixxu n-numru ta' simulazzjonijiet, u t-testijiet statistiċi li jiżguraw li l-karatteristiċi aleatorji tas-sekwenzi użati sabiex tiġi ġġenerata s-simulazzjoni jkunu xierqa. Meta l-awtorità kompetenti tqis li dawk it-testijiet ma jkunux biżżejjed, hija tista' tuża l-metodu ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 4.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi l-iżball statistiku tat-tip Monte Carlo bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, u jivverifikaw jekk il-metodu użat għall-kejl ta' tali żball statistiku jkunx tajjeb;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tikkalkola l-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni b'diversi valuri inizjali differenti, bis-suppożizzjonijiet l-oħrajn kollha li jkunu ugwali;

(c) jivvalutaw jekk id-differenzi fil-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni b'valur inizjali differenti li jirriżultaw mill-kalkolu f'konformità mal-punt (b) ikunux kompatibbli mal-iżball statistiku msemmi fil-punt (a).

(d) meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li r-riżultati msemmijin fil-punt (c) ma jkunux kompatibbli, jivvalutaw il-kawża ewlenija ta' tali inkompatibbiltà, u jivvalutaw in-numru ta' simulazzjonijiet meħtieġa sabiex jiżguraw li l-iżball statistiku jkun anqas minn 5 %.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jiksbu ħarsa ġenerali lejn il-fatturi tar-riskju magħżulin mill-istituzzjoni u jivverifikaw:

(i) jekk il-kriterji jiżgurawx livell suffiċjenti ta' kopertura fit-tipi ta' fatturi tar-riskju mudellabbli magħżulin meta mqabblin mas-sett sħiħ ta' fatturi tar-riskju mudellabbli li għalihom hija skoperta l-istituzzjoni;

(ii) jekk il-kriterji jkunux tali li l-limitu msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunx mistenni li jinqabeż maż-żmien;

(iii) jekk l-istituzzjoni tittestjax subsettijiet alternattivi ta' fatturi tar-riskju mudellabbli sabiex tiżgura li l-għażla tagħha ma tissottovalutax ir-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(iv) jekk l-istituzzjoni, fl-għażla tagħha, tiffavorixxix l-għażla ta' fatturi tar-riskju li għalihom teżisti *data* fil-perjodu ta' stress fuq il-fatturi tar-riskju li għalihom jintużaw indikaturi, u meta dan ma jkunx il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-raġuni għaliex l-istituzzjoni ma tkunx implimentat tali kriterju, u jekk għażla differenti twassalx għal titjib fil-kwalità tal-kejl tan-nuqqas mistenni mingħajr restrizzjoni u parzjali.

(b) jivverifika jekk, meta l-pożizzjoni jkollha maturità ta' anqas minn 10 ijiem, il-perjodu effettiv ta' likwidità tal-fatturi tar-riskju kollha jkunx stabbilit għal 10 ijiem, u li tali pożizzjoni ma taffettwax il-kalkolu ta' $PES(T,j)$ għal $j \geq 2$;

(c) meta l-pożizzjoni jkollha maturità ta' *Mat* jiem, flimkien ma' 10 days $\leq$ *Mat* $\leq$ 120 days, jivverifikaw jekk:

(i) il-fatturi tar-riskju kollha ta' dik il-pożizzjoni b'perjodu ta' likwidità *SubCatLH* $\geq$ *Mat* ġewx assenjati għal perjodu ta' likwidità effettiv li jkun l-iqsar perjodu ta' likwidità fost il-perjodi ta' likwidità previsti fit-Tabella 1 tal-Artikolu 325bc(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jkun akbar minn jew daqs *Mat*;

(ii) il-pożizzjoni ma għandhiex impatt fuq il-kalkolu ta' $PES(T,j)$għal kull $j$ li jikkorrispondi għal perjodu ta' likwidità li jkun akbar mill-iqsar perjodu ta' likwidità fost il-perjodi ta' likwidità previsti fit-Tabella 1 tal-Artikolu 325bc(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jkun akbar minn jew daqs *Mat*;

(d) jivverifikaw jekk, meta l-pożizzjoni jkollha maturità ta' Mat jiem, b'Mat $>$ 120 days, l-istituzzjoni tkun assenjat il-fatturi tar-riskju kollha ta' dik il-pożizzjoni għal perjodu ta' likwidità effettiv li jikkorrispondi għall-perjodu ta' likwidità *SubCatLH* assenjat għall-fatturi tar-riskju;

(e) jivverifikaw jekk, meta tikkalkola $PES(T,j)$, l-istituzzjoni żżomm kostanti dawk il-fatturi tar-riskju b'perjodu ta' likwidità effettiv li jkun anqas mill-perjodu ta' likwidità li jikkorrispondi għall-indiċi $j$.

Għall-finijiet tal-punt (a)(ii), l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta b'liema marġni l-istituzzjoni qabżet il-limitu fit-trimestri preċedenti.

Għall-finijiet tal-punt (a)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta jqisu li ma jkunx biżżejjed l-ittestjar ta' subsettijiet alternattivi mwettaq mill-istituzzjoni, jirrikjedu li l-istituzzjoni tittestja subsettijiet alternattivi u tivvaluta jekk għażliet alternattivi jwasslux għal differenzi materjali f'termini ta' rekwiżiti ta' fondi proprji.

*Artikolu 43*

**Valutazzjoni tas-suppożizzjoni distributtiva u statistika**

1. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern tal-istituzzjoni huwiex implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżit għall-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmijin fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 sabiex tiġi riflessa d-*data* osservata storikament f'konformità mal-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), u mal-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) is-suppożizzjonijiet distributtivi u kwalunkwe suppożizzjoni statistika rilevanti oħra użata fil-mudell, inklużi l-volatilità u l-korrelazzjonijiet, ikunux ġustifikati sew, inkluż fir-rigward tat-tarf tad-distribuzzjonijiet rilevanti għall-kalkolu tan-nuqqas mistenni;.

(b) il-korrelazzjonijiet empiriċi li l-istituzzjoni tuża meta tapplika xenarju ta' xokkijiet futuri sabiex tirrifletti l-moviment konġunt tal-fatturi tar-riskju fil-kalkolu tal-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmijin fl-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunux ibbażati fuq *data* osservata storikament f'konformità mal-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), u mal-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jeħtieġu li l-istituzzjoni:

(a) tipprovdi kampjun tas-serje kronoloġiċi;

(b) tikkalkola l-korrelazzjonijiet empiriċi fost dawk is-serje kronoloġiċi;

(c) tivverifika jekk il-korrelazzjonijiet imsemmijin fil-punt (b) ikunux materjalment differenti mill-korrelazzjonijiet użati mill-istituzzjoni fil-mudell intern tagħha tal-kejl tar-riskji.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqabblu, fuq il-bażi ta' kampjun tas-serje kronoloġiċi:

(a) il-volatilità u karatteristiċi distributtivi oħrajn tax-xenarju ta' xokkijiet futuri applikati għal fattur tar-riskju partikolari fil-kalkolu tal-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni;

(b) il-volatilità u karatteristiċi distributtivi oħrajn tar-ritorni osservati għall-fattur tar-riskju partikolari.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi kemm tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 325bc(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll tal-perjodu ta' stress finanzjarju msemmi fl-Artikolu 325bc(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju, iwettqu testijiet addizzjonali, inklużi testijiet tan-normalità, sabiex jivvalutaw jekk id-distribuzzjonijiet assunti mill-istituzzjoni jkunux adegwati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjoni tipprovdi l-impatt li l-użu ta' distribuzzjonijiet alternattivi jkollu fuq il-miżuri tar-riskju tan-nuqqas mistenni.

Sottotaqsima 3

## Valutazzjoni tal-aspetti li huma rilevanti għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress

*Artikolu 44*

### Valutazzjoni tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar id-determinazzjoni tax-xenarju estrem ta' xokk futur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-politiki interni msemmijin f'dak il-punt jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-politiki interni jikkonformaw mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(b) il-politiki interni jeħtieġu l-produzzjoni ta' inventarju aġġornat li, għal kull fattur tar-riskju mhux mudellabbli:

(i) jiddeskrivi l-fattur tar-riskju;

(ii) jispeċifika l-perjodu ta' likwidità assenjat lill-fattur tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) jispeċifika jekk l-istituzzjoni tikkalkolax ix-xenarju estrem ta' xokk futur bil-metodu dirett jew bil-metodu gradwali msemmi fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, rispettivament, jew tiddeterminax xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(iv) meta l-istituzzjoni tuża l-metodu gradwali, jispeċifika jekk jintużax il-metodu storiku, sigma asimetriku, jew il-metodu ta' riżerva sabiex jiġu kkalibrati x-xokkijiet 'l isfel u 'l fuq;

(v) għall-fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tiddetermina xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, jiġġustifika dik l-għażla;

(vi) jispeċifika jekk il-fattur tar-riskju huwiex parti minn bucket u, jekk iva, liema wieħed;

(c) il-politiki interni jispeċifikaw il-kriterji msemmijin fl-Artikolu 1, il-punt (a)(i) u l-Artikolu 4, il-punt (a)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, li jistabbilixxu meta l-metodu dirett jew inkella l-metodu gradwali msemmi fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament Delegat jintuża b'referenza għal kwalunkwe fattur tar-riskju mhux mudellabbli jew bucket standardizzat mhux mudellabbli;

(d) il-politiki interni jispeċifikaw il-kriterji sabiex jiġu identifikati l-jiem tan-negozju u dawk mhux tan-negozju b'mod li jkun konsistenti fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-kalkolu tal-kejl tar-riskju ta' nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb ta' dak ir-Regolament;

(e) il-politiki interni jispeċifikaw il-kriterji sabiex jiġu identifikati l-fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tiddetermina l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress billi tapplika xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(f) il-politiki interni jirrikjedu li l-istituzzjoni żżomm rendikont tan-nuqqasijiet kollha fl-ipprezzar kif imsemmijin fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, tal-kawża tal-fallimenti fl-ipprezzar, u tal-azzjonijiet ta' rimedju meħudin skont dak l-Artikolu;

(g) il-politiki interni jispeċifikaw il-frekwenza tal-aġġornamenti, f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, tal-perjodu ta' stress użat għad-determinazzjoni tax-xenarju estrem ta' xokk futur, u l-kriterji l-oħrajn possibbli li jwasslu għal aġġornament ta' tali perjodu ta' stress.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) meta l-istituzzjoni tuża l-metodu dirett imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 fir-rigward ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli:

(i) jivverifikaw jekk il-proċessi tal-istituzzjoni jsegwux il-kriterji msemmija fl-Artikolu 1, il-punt (a)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 kif stabbilit fil-politiki interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tiddokumentax u tiġġustifikax il-bidliet fl-approċċ użat għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, kif meħtieġ mill-Artikolu 1, il-punt (a)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(iii) jivverifikaw jekk hemmx xi differenza materjali bejn il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress li tirriżulta, minn naħa waħda, mill-metodu dirett u, min-naħa l-oħra, il-metodu gradwali, għall-perjodu ta' 20 jum ta' negozju msemmi fl-Artikolu 1, il-punt (a)(iii) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, u jinvestigaw ir-raġunijiet għal kwalunkwe differenza materjali;

(b) meta l-istituzzjoni tuża l-metodu dirett imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 fir-rigward ta' buckets standardizzati mhux mudellabbli:

(i) jivverifikaw jekk il-proċessi tal-istituzzjoni jsegwux il-kriterji msemmijin fl-Artikolu 4, il-punt (a)(i), ta' dak ir-Regolament Delegat, kif stabbilit fil-politiki interni msemmijin fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tiddokumentax u tiġġustifikax il-bidliet fl-approċċ użat għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, kif meħtieġ mill-Artikolu 4, il-punt (a)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(iii) jivverifikaw jekk hemmx xi differenza materjali bejn il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress li jirriżulta, minn naħa waħda, mill-metodu dirett u, min-naħa l-oħra, il-metodu gradwali, għall-perjodu ta' 20 jum ta' negozju msemmi fl-Artikolu 4, il-punt (a)(iii), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, u jinvestigaw ir-raġunijiet għal kwalunkwe differenza materjali;

(c) fir-rigward tad-determinazzjoni tas-serje kronoloġiċi ta' ritorni ta' 10 ijiem ta' negozju imsemmijin fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397:

(i) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tinkludix aktar minn osservazzjoni waħda għal kull jum ta' negozju fis-serje kronoloġika użata sabiex tiġġenera kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress, u jivverifikaw jekk is-serje kronoloġika tinkludix *data* tas-suq attwali biss, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(ii) jivverifikaw jekk il-kriterji msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (d) sabiex jiġu identifikati l-jiem ta' negozju u dawk mhux ta' negozju jintużawx fil-kalkolu tar-ritorni ta' 10 ijiem ta' xogħol imsemmijin fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 u fl-estensjoni tal-perjodu ta' stress sa 20 jum ta' xogħol kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (b) ta' dak ir-Regolament, u jivverifikaw jekk il-passi sabiex jinkisbu r-ritorni ta' 10 ijiem ta' xogħol, inkluża d-determinazzjoni ta' $D_t$, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament Delegat, jitwettqux b'mod korrett;

(iii) jivverifikaw jekk is-serje kronoloġika tal-fatturi tar-riskju mhux mudellabbli li l-istituzzjoni preċedentement ivvalutat bħala mudell f'konformità mal-Artikolu 325be tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tinkludix l-osservazzjonijiet li l-istituzzjoni użat għall-kalibrazzjoni tax-xenarji ta' xokkijiet futuri msemmijin fl-Artikolu 325bc ta' dak ir-Regolament, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(d) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-metodu ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397:

(i) jivverifikaw jekk l-istituzzjonijiet jistgħux jiġġustifikaw id-disponibbiltà skarsa tad-*data* għall-fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew għall-buckets standardizzati mhux mudellabbli li għalihom l-istituzzjoni tuża l-metodu ta' riżerva;

(ii) jivverifikaw jekk hemmx identifikazzjoni xierqa tal-fatturi tar-riskju li għalihom għandu jintuża l-approċċ imsemmi fl-Artikolu 10(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(iii) jivverifikaw jekk, meta tapplika l-metodu msemmi fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, l-approċċ użat mill-istituzzjoni sabiex tagħżel fattur tar-riskju li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu jwassalx għad-determinazzjoni ta' xokkijiet 'il fuq u 'l isfel li huma xierqa għall-fattur tar-riskju li għalih jiġi applikat l-approċċ ta' riżerva;

(e) jirrikjedu li l-istituzzjoni tidentifika fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew buckets standardizzati mhux mudellabbli li għalihom il-valur tal-koeffiċjent tat-tendenzi mhux lineari msemmi fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 huwa ugwali għal $\kappa_{min}$ jew $\kappa_{max}$, kif imsemmi f'dawk l-Artikoli, u jivverifikaw jekk ix-xenarju estrem ta' xokk futur ikunx xieraq jew jekk, f'konformità mal-Artikolu 325bk(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni għandhiex tkun meħtieġa tapplika xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(f) fir-rigward tad-determinazzjoni tal-perjodu ta' stress kif meħtieġ mill-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397:

(i) meta l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' stress billi timmassimizza l-valur imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 u billi tuża metodi ta' pprezzar ibbażati fuq is-sensittività f'konformità mal-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament Delegat, jivverifikaw ir-robustezza tal-analiżi mwettqa mill-istituzzjoni sabiex turi li t-tibdil fil-prezzijiet li ma jkunx kopert mill-metodi tal-ipprezzar ibbażati fuq is-sensittività ma jimmodifikax il-perjodu ta' stress;

(ii) meta l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' stress għall-fatturi tar-riskju mhux mudellabbli f'kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju billi tidentifika l-perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar li jimmassimizza l-kejl tan-nuqqas parzjali mistenni $PES^{RS,\ i}$ f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, jivverifikaw ir-robustezza tal-analiżi mwettqa mill-istituzzjoni sabiex turi li l-perjodu ta' stress identifikat ikun perjodu ta' stress finanzjarju għall-fatturi tar-riskju mhux mudellabbli tagħha;

(iii) jivverifikaw jekk il-perjodi rotanti ta' 12-il xahar ittestjati sabiex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' stress jibdewx tal-anqas mill-1 ta' Jannar 2007 kif imsemmi fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, u jivverifikaw jekk l-aġġornamenti tal-passat fil-perjodu ta' stress segwewx il-frekwenza u l-kriterji msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (g);

(g) fir-rigward tal-komputazzjoni tat-telf b'metodi ta' pprezzar ibbażati fuq is-sensittività skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397:

(i) jivvalutaw ir-robustezza tal-proċessi u tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-fallimenti fl-ipprezzar, filwaqt li jidentifikaw l-istrumenti finanzjarji u l-komoditajiet li għalihom seħħ falliment fl-ipprezzar, jidentifikaw il-kawżi tan-falliment fl-ipprezzar, u jiddeterminaw is-sensittivitajiet materjali tiegħu;

(ii) jivverifikaw jekk, wara l-applikazzjoni tax-xenarju estrem ta' xokk futur għal fattur tar-riskju mhux mudellabbli, l-użu ta' metodi ta' pprezzar ibbażati fuq is-sensittività jiġi applikat biss għal strumenti finanzjarji u għal komoditajiet li jġarrbu dak il-fattur tar-riskju u soġġetti għall-fallimenti fl-ipprezzar f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(h) fir-rigward tad-determinazzjoni tax-xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397:

(i) jivverifikaw l-adegwatezza tal-metodu li l-istituzzjoni tuża sabiex tiddetermina jekk it-telf massimu li jista' jseħħ minħabba tibdil f'fattur tar-riskju mhux mudellabbli jew tibdil f'bucket standardizzat mhux mudellabbli huwiex finit jew le;

(ii) meta t-telf massimu li jikkorrispondi għal fattur tar-riskju mhux mudellabbli jew għal bucket mhux mudellabbli jkun finit, jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tiddentifikax tali telf massimu b'mod akkurat;

(iii) meta t-telf massimu li jista' jseħħ minħabba tibdil f'fattur tar-riskju mhux mudellabbli jew tibdil f'bucket standardizzat mhux mudellabbli ma tkunx finita, jivverifikaw jekk is-suppożizzjonijiet distributtivi u statistiċi użati fl-approċċ ibbażat fuq l-esperti msemmi fl-Artikolu 14(2), il-punt (a), u fl-Artikolu 14(4), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 humiex ibbażati fuq *data* oġġettiva u fuq testijiet robusti, u li x-xenarju estrem ta' xokk futur ikun konservattiv biżżejjed;

(iv) jivverifikaw jekk:

(1) l-informazzjoni inkluża fl-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), tkunx konsistenti mal-kriterji msemmijin fil-punt (e) ta' dak il-paragrafu;

(2) il-kriterji speċifikati fl-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), sabiex jiġu identifikati dawk il-fatturi tar-riskju li għalihom il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress jinkiseb billi jiġi ddeterminat xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur ikunu tajbin;

(v) jivverifikaw ir-robustezza tal-metodoloġija u tat-testijiet statistiċi li l-istituzzjoni tuża sabiex tidentifika fatturi tar-riskju li jirriflettu riskju idjosinkratiku biss f'konformità mal-Artikolu 16(3) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397.

Għall-finijiet tal-punt (a)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta tkunx taqbel mal-kriterji msemmijin fil-punt (a)(i) u jekk it-tibdil relatat ma jkunx xprunat mill-fatt li metodu wieħed iwassal għal kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress aktar baxx mill-ieħor.

Għall-finijiet tal-punt (b)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta tkunx taqbel mal-kriterji msemmijin fil-punt (b)(i) u ma tkunx xprunata mill-fatt li metodu wieħed iwassal għal kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress aktar baxx mill-ieħor.

Għall-finijiet tal-punt (g)(ii), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tikkalkola t-telf relatat ma' strumenti finanzjarji u ma' komoditajiet oħrajn li jkollhom dak il-fattur tar-riskju iżda mhux soġġetti għal falliment fl-ipprezzar bil-metodi tal-ipprezzar użati fil-mudell tal-kejl tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punti (a)(ii) u (b)(ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqabblu l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress tal-fatturi tar-riskju jew tal-buckets standardizzati li għalihom ikun seħħ tibdil fl-approċċ u jivvalutaw jekk it-tibdil jikkorrispondix sistematikament ma' kejl ta' riskju tax-xenarju ta' stress aktar baxx.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (c)(i), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' serje kronoloġika ta' osservazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, jivverifikaw li meta l-osservazzjonijiet fis-serje kronoloġika jkunu kostanti matul jiem ta' negozju sussegwenti, id-*data* attwali tas-suq għall-fattur tar-riskju ma tinbidilx. Meta jiġbru l-kampjun, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw serje kronoloġika kkaratterizzata minn ammont kbir ta' *data* mingħajr tibdil matul il-jiem ta' negozju sussegwenti.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (c)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju, iqabblu l-osservazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju li l-istituzzjoni tuża sabiex tikkalkola n-nuqqas mistenni għall-fattur tar-riskju meta dan kien mudellabbli mal-osservazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju li l-istituzzjoni tuża sabiex tikkalkola l-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d)(ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju li għalihom l-istituzzjoni tuża l-approċċi msemmijin fl-Artikolu 10(2) jew (3), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, jivverifikaw jekk dawk il-fatturi tar-riskju jissodisfawx il-kundizzjonijiet sabiex ikunu soġġetti għal dik il-metodoloġija.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju li għalihom jintuża l-approċċ imsemmi fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397, jivverifikaw jekk il-fatturi tar-riskju magħżulin korrispondenti jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu.

Meta jiġi vverifikat jekk iż-żewġ fatturi tar-riskju humiex tal-istess natura f'konformità mal-Artikolu 10(5), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 u jekk dawk il-fatturi tar-riskju ma jvarjawx għal karatteristiċi li jwasslu għal sottovalutazzjoni tal-volatilità f'konformità mal-Artikolu 10(5), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament Delegat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-fatturi tar-riskju għandhomx il-karatteristiċi ewlenin, u jekk il-fattur tar-riskju magħżul jattirax riskju speċifiku relatat mal-isem jekk il-fattur tar-riskju mhux mudellabbli jattirah.

8. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju li għalihom tintuża l-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tittestja fatturi tar-riskju xierqa alternattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 10(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 minflok il-fatturi tar-riskju magħżulin mill-istituzzjoni;

(b) iqabblu x-xenarju estrem ta' xokk futur miksub bl-użu tal-fatturi tar-riskju magħżulin mill-istituzzjoni u x-xenarju estrem ta' xokk futur miksub bl-użu tal-fatturi tar-riskju alternattivi msemmijin fil-punt (a);

(c) jivvalutaw jekk il-fatturi tar-riskju magħżulin mill-istituzzjoni jwasslux għal sottovalutazzjoni sistematika tax-xenarju estrem ta' xokk futur;

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju li għalihom tintuża l-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 u li għalihom l-osservazzjonijiet fuq perjodu ta' sena jkunu aktar minn tnax:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tistma l-volatilità ta' dawk il-fatturi tar-riskju matul dak il-perjodu ta' sena;

(b) jirrikjedu li l-istituzzjoni tistma l-volatilità matul dak il-perjodu ta' sena tal-fatturi tar-riskju magħżulin f'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 għall-fatturi tar-riskju msemmijin fil-punt (a);

(c) jivvalutaw jekk il-volatilità tal-fatturi tar-riskju magħżulin mill-istituzzjoni li tirriżulta mill-estimu msemmi fil-punt (b) tkunx sistematikament aktar baxxa mill-volatilità tal-fatturi tar-riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskju tal-istituzzjoni li tirriżulta mill-estimu msemmi fil-punt (a).

10. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju u ta' buckets standardizzati:

(a) jivvalutaw jekk il-koeffiċjent tat-tendenzi mhux lineari jkunx daqs $\kappa_{min}$ jew $\kappa_{max}$ minħabba li valuri estremament għoljin jew baxxi jikkaratterizzaw in-numeratur jew id-denominatur tat-terminu li ġej $\frac{loss_{-1} - 2 \times loss_0 + loss_{+1}}{2 \times loss_0}$ kif użat fil-komputazzjoni ta' $\kappa$ f'konformità mal-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipplottja t-telf li jirriżulta mit-tibdil fil-fattur tar-riskju fil-viċinat tax-xenarju estrem ta' xokk futur u jivvalutaw jekk il-profil tal-funzjoni tat-telf ikunx partikolarment konkav jew konvess f'dak il-viċinat.

Meta jwettqu valutazzjoni bħal din, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu s-sett ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli u ta' buckets standardizzati filwaqt li jqisu l-materjalità tagħhom.

11. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (f)(i), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq u meta t-telf li jikkorrispondi għal tibdil f'fatturi tar-riskju materjali mhux mudellabbli jew f'buckets standardizzati mhux mudellabbli jkun ferm mhux lineari:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' stress billi timmassimizza l-valur imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 fuq sett ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew fuq kwalunkwe bucket standardizzat mhux mudellabbli li jappartjeni għall-istess kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju, billi tuża l-metodi ta' pprezzar li l-istituzzjoni tuża fil-mudell tal-kejl tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 13(2) ta' dak ir-Regolament Delegat;

(b) jirrikjedu li l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' stress billi timmassimizza l-valur imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 fuq is-sett imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, billi tuża l-metodi ta' pprezzar ibbażati fuq is-sensittività f'konformità mal-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament Delegat;

(c) jivvalutaw jekk il-perjodi ta' stress iddeterminati f'konformità mal-punti (a) u (b) humiex materjalment differenti.

Is-sett ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew buckets standardizzati mhux mudellabbli imsemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jintgħażel b'kunsiderazzjoni tal-materjalità tagħhom u tal-profil mhux lineari tat-telf għall-bidliet fil-valuri tagħhom. Sabiex jidentifikaw il-fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew il-buckets standardizzati mhux mudellabbli bi profil ta' telf mhux lineari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw bħala bażi l-valur tal-koeffiċjent ta' tendenza mhux lineari $\kappa$ kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397.

12. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (f)(ii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' stress billi timmassimizza l-valur imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 fuq sett ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew fuq kwalunkwe bucket standardizzat mhux mudellabbli li jappartjeni għall-istess kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju, billi tuża l-metodi ta' pprezzar użati fil-mudell tal-kejl tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 13(2) ta' dak ir-Regolament Delegat;

(b) jivvalutaw jekk il-perjodu ta' stress iddeterminat f'konformità mal-punt (a) ikunx differenti b'mod sinifikanti mill-perjodu ta' stress identifikat mill-istituzzjoni meta tapplika l-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397.

13. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (g), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fallimenti fl-ipprezzar li l-istituzzjoni setgħet iffaċċjat, jivverifikaw jekk l-istituzzjoni segwietx il-proċessi u l-metodi msemmijin fil-paragrafu 2, il-punt (g)(i), u jivvalutaw fuq dik il-bażi r-robustezza ta' dawk il-proċessi u l-metodi.

14. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (h)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew ta' buckets standardizzati mhux mudellabbli:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tiġġenera serje kronoloġika ta' ritorni minn distribuzzjoni statistika bi truf folti preskritta mill-awtorità kompetenti u tikkalkola x-xenarju estrem ta' xokk futur bil-metodu gradwali msemmi fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 flimkien mal-metodu storiku imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(b) jivverifikaw il-konservattività tal-approċċ ibbażat fuq l-esperti tal-istituzzjoni billi jqabblu x-xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur li jirriżulta minn dak l-approċċ max-xenarju estrem ta' xokk futur ikkalkolat f'konformità mal-punt (a).

15. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tuża s-serje kronoloġika ta' fattur tar-riskju simili ieħor minflok ma tiġġenera s-serje kronoloġika minn distribuzzjoni konservattiva. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (h)(iv), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli jew ta' buckets standardizzati mhux mudellabbli u f'data ta' referenza partikolari, jivverifikaw jekk:

(a) il-fatturi tar-riskju jew il-buckets standardizzati li għalihom il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni ta' xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 jissodisfawx il-kriterji identifikati mill-istituzzjoni sabiex tuża dak il-metodu;

(b) il-fatturi tar-riskju jew il-buckets standardizzati li għalihom il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress ma jiġix iddeterminat billi jiġi applikat xenarju regolatorju estrem ta' xokk futur f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397 ma jissodisfawx il-kriterji li l-istituzzjoni identifikat sabiex tuża dak il-metodu.

16. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (i), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq kampjun ta' fatturi tar-riskju mhux mudellabbli:

(a) jivverifikaw jekk in-natura tal-fattur tar-riskju tkunx tali li tirrifletti riskju idjosinkratiku biss billi jirrieżaminaw id-deskrizzjoni tal-fattur tar-riskju pprovdut fil-lista msemmija fl-Artikolu 33(1) ta' dan ir-Regolament, u l-inputs tad-*data* użati sabiex jiġi mmarkat, kif meħtieġ mill-Artikolu 16(3), il-punt (a), u mill-Artikolu 16(4), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397;

(b) iwettqu ttestjar tal-ipoteżi sabiex jivvalutaw is-sinifikat tal-koeffiċjenti ta' korrelazzjoni bejn il-fatturi tar-riskju fil-kampjun u jqabblu r-riżultati ta' dak l-ittestjar tal-ipoteżi mar-riżultati li l-istituzzjoni kisbet meta wettqet it-testijiet statistiċi msemmijin fl-Artikolu 16(3), il-punt (d), u fl-Artikolu 16(4), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/397.

KAPITOLU 4

**VALUTAZZJONI TAL-MUDELL INTERN TAR-RISKJU TA' INADEMPJENZA UŻAT SABIEX JIĠI KKALKOLAT IR-REKWIŻIT TA' FONDI PROPRJI ADDIZZJONALI GĦAR-RISKJU TA' INADEMPJENZA**

*TAQSIMA 1*

***Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni***

*Artikolu 45*

**Valutazzjoni tal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza użat sabiex jiġi kkalkolat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' inadempjenza**

Meta jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti applikabbli għall-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza kif imsemmi fl-Artikoli 325bn, 325bo u 325bp, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tikkonformax ma' dawn:

(a) ir-rekwiżiti ġenerali għall-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza f'konformità mat-Taqsima 2;

(b) ir-rekwiżiti għall-estimi għall-probabbiltajiet ta' inadempjenza u għat-telf fil-każ ta' inadempjenzi f'konformità mat-Taqsima 3;

(c) ir-rekwiżiti għall-korrelazzjoni tal-inadempjenza bejn l-emittenti, ir-rikonoxximent tal-ħeġġijiet u rekwiżiti partikolari oħrajn f'konformità mat-Taqsima 4.

*TAQSIMA 2*

***Valutazzjoni tar-rekwiżiti ġenerali***

*Artikolu 46*

**Valutazzjoni tal-ambitu tal-pożizzjonijiet soġġetti għal riskju ta' inadempjenza**

1. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità fir-rigward tal-ambitu tal-pożizzjonijiet soġġetti għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza msemmi fl-Artikolu 325bl tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk is-sistemi interni tal-istituzzjoni jiżgurawx li l-pożizzjonijiet kollha li fihom tal-anqas fattur tar-riskju wieħed immappjat mal-kategoriji wisgħin "ekwità" jew "firxa tal-kreditu" tal-fatturi tar-riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huma inklużi fl-ambitu tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' inadempjenza;

(b) jiksbu ħarsa ġenerali lejn ir-riskju ta' inadempjenza fil-portafoll tal-istituzzjoni, billi jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi inventarju tal-pożizzjonijiet aggregati b'dimensjoni waħda jew aktar u l-iskoperturi f'inadempjenza immedjata aggregati korrispondenti.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konsistenza bejn l-immappjar u l-inventarji msemmijin fl-Artikoli 33(1), 48(1) u 49(1).

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, skont il-portafoll, jirrikjedu li l-istituzzjoni taggrega l-pożizzjonijiet b'dimensjonijiet differenti, inkluż billi:

(a) il-pożizzjonijiet li jkollhom l-istess klassifikazzjoni;

(b) il-pożizzjonijiet li jaqgħu fl-istess klassi ta' skopertura;

(c) il-pożizzjonijiet li jikkondividu l-istess fatturi tar-riskju sistematiku bħal dawk imsemmijin fl-Artikolu 325bp(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi l-lista ta' pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tkun ingħatat il-permess li tuża mudelli interni msemmijin fl-Artikolu 325az tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew li tkun fil-proċess li tingħata tali permess;

(b) jeħtieġu li l-istituzzjoni tidentifika dawk il-pożizzjonijiet li fihom fattur tar-riskju mmappjat mal-kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju "ekwità" jew mal-kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju "firxa ta' kreditu", kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-istrument ta' dejn jew ta' ekwità negozjat korrispondenti f'konformità mal-Artikolu 325bi ta' dak ir-Regolament;

(c) jivverifikaw l-akkuratezza tal-lista msemmija fil-punt (a) u tal-identifikazzjoni msemmija fil-punt (b);

(d) jivverifikaw, fuq kampjun ta' strumenti identifikati fil-punt (b), jekk dawk l-istrumenti jkunux fl-ambitu tal-istrumenti inklużi fil-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza.

*Artikolu 47*

**Valutazzjoni tal-akkuratezza u tal-frekwenza tal-kalkolu tar-rekwiżit ta' fond proprju għar-riskju ta' inadempjenza**

1. Meta jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' istituzzjoni għar-riskju ta' inadempjenza jkunux daqs numru tal-valur fir-riskju f'livell ta' intervall ta' kunfidenza ta' 99,9 % kif meħtieġ mill-Artikolu 325bn(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk l-estimatur użat mill-istituzzjoni sabiex tistma l-valur fir-riskju jkunx akkurat;

(b) meta l-kalkolu tal-valur fir-riskju jkun ibbażat fuq is-simulazzjonijiet tat-tip Monte Carlo, jivverifikaw jekk in-numru ta' simulazzjonijiet jiżgurax konverġenza lejn riżultati stabbli, u l-proprjetajiet aleatorji tas-sekwenzi użati sabiex jiġu ġġenerati s-simulazzjonijiet;

(c) jivverifikaw jekk, qabel ma jiġi kkalkolat it-tibdil fil-valur tal-portafoll wara l-inadempjenzi tal-emittenti, il-valur tal-pożizzjonijiet fil-portafolli tal-istituzzjoni jirreferix għad-data ta' referenza ta' rapportar tal-valur fir-riskju;

(d) jivverifikaw jekk, bl-eċċezzjoni tal-pożizzjonijiet soġġetti għad-deroga msemmija fl-Artikolu 325bn(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jintużax perjodu ta' żmien ta' sena fil-komputazzjoni tal-valur fir-riskju;

(e) meta r-riskju ta' inadempjenza jiġi kkalkolat anqas ta' kuljum, janalizzaw il-proċess użat mill-istituzzjoni sabiex jiddeterminaw il-frekwenza tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza, u jivverifikaw jekk il-kalkolu bi frekwenza mnaqqsa jwassalx għal sottovalutazzjoni tar-riskju;

(f) jivverifikaw jekk għal strumenti ta' ekwità, il-prezzijiet ikunux stabbiliti għal żero meta jiġu ssimulati l-inadempjenzi ta' dawk l-istrumenti ta' ekwità, u jekk dan ikunx żgurat sistematikament mis-sistemi interni, u jistgħu jivverifikaw jekk dan huwiex il-każ fuq kampjun ta' pożizzjonijiet ta' ekwità.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw kif l-istituzzjoni għażlet l-estimatur u l-analiżi li saret sabiex issostni din l-għażla.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw it-testijiet imwettqin mill-istituzzjoni sabiex tistabbilixxi n-numru ta' simulazzjonijiet.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk ir-raġunament tal-istituzzjoni għall-applikazzjoni ta' dik id-deroga jkunx tajjeb, b'mod partikolari meta l-istituzzjoni tuża perjodu ta' żmien ta' 60 jum għal xi pożizzjonijiet ta' ekwità, u perjodu ta' żmien ta' sena għal xi pożizzjonijiet ta' ekwità oħrajn.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti:

(a) għandhom, meta r-riskju ta' inadempjenza jiġi kkalkolat kull ġimgħa, janalizzaw il-proċess użat mill-istituzzjoni sabiex tiddetermina l-jum tal-ġimgħa meta jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(b) għandhom jirrikjedu li l-istituzzjoni tikkalkola, meta jkunu għadhom mhux disponibbli, l-iskoperturi ta' inadempjenza immedjata ta' kuljum fuq perjodu partikolari, u jivvalutaw jekk dawk l-iskoperturi jkunux bi profil ta' riskju sistematikament aktar baxx f'dawk il-jiem li fihom jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(c) jistgħu jużaw ukoll ċifri addizzjonali li jistgħu jiġu kkalkolati kuljum mill-istituzzjoni għal finijiet ta' ġestjoni interna tar-riskju, inklużi sensittivitajiet ta' kuljum għall-aktar emittenti materjali.

Għall-finijiet tar-raba' subparagrafu, il-punt (b), meta jkun hemm ħjiel ta' profil tar-riskju sistematikament aktar baxx, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom billi jirrikjedu li l-istituzzjoni tikkalkola, fuq bażi ta' kuljum u għal perjodu partikolari, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju ta' inadempjenza, u billi janalizzaw jekk dawk il-miżuri jkunux sistematikament aktar baxxi fil-jiem magħżulin mill-istituzzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta jqisu li t-testijiet imwettqin mill-istituzzjoni sabiex tistabbilixxi n-numru ta' simulazzjonijiet ikunu insuffiċjenti:

(a) jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi l-iżball statistiku tat-tip Monte Carlo bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, u jivverifikaw jekk il-metodu użat għall-kejl ta' tali żball statistiku jkunx tajjeb;

(b) jirrikjedu li l-istituzzjoni tikkalkola l-kejl tal-valur fir-riskju b'diversi valuri inizjali differenti, bis-suppożizzjonijiet l-oħrajn kollha li jkunu ugwali, u jivverifikaw li l-metodu użat sabiex tiġi ġġenerata s-simulazzjoni ma joħloqx preġudizzju fir-riżultati;

(c) jivvalutaw jekk id-differenzi fil-miżuri tal-valur fir-riskju b'valur inizjali differenti, kif ikkalkolati f'konformità mal-punt (b), ikunux kompatibbli mal-iżball statistiku msemmi fil-punt (a), u, meta dan ma jkunx il-każ, jivvalutaw il-kawża ewlenija ta' tali inkompatibbiltà u n-numru ta' simulazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-iżball statistiku jkun anqas minn 5 %.

*TAQSIMA 3*

***Valutazzjoni tal-estimi tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza u tat-telf fil-każ ta' inadempjenza***

*Artikolu 48*

**Valutazzjoni tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-estimu tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk id-dokumentazzjoni interna tkoprix l-aspetti kollha stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, u jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jeħtiġux il-produzzjoni ta' inventarju aġġornat li jispeċifika:

(a) il-metodi li l-istituzzjoni tuża sabiex tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza, inkluża l-materjalità ta' kull metodu differenti f'termini ta' numru ta' emittenti, ta' daqs tal-pożizzjonijiet, u ta' kontribut għar-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-riskju ta' inadempjenza;

(b) għal kull emittent, il-valur tal-probabbiltà ta' inadempjenza, il-klassifikazzjoni, meta disponibbli, u jekk:

(i) il-probabbiltà ta' inadempjenza tkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-emittent, u jekk tintużax għall-iskopertura tal-portafoll tan-negozjar kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(5), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) il-probabbiltà ta' inadempjenza ma tkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-emittent, u jekk l-istituzzjoni tużax l-approċċ IRB sabiex tikseb il-probabbiltà ta' inadempjenza tal-emittent kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(5), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fuq il-bażi li l-istituzzjoni jkollha l-approvazzjoni IRB għall-klassi tal-iskoperturi li għaliha tappartjeni l-iskopertura tal-emittent;

(iii) il-probabbiltà ta' inadempjenza ma tkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-emittent, u jekk l-istituzzjoni tużax metodoloġija interna li tissodisfa r-rekwiżiti tal-approċċ IRB stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 sabiex tikseb dik il-probabbiltà ta' inadempjenza;

(iv) il-probabbiltà ta' inadempjenza ma tkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-emittent, u jekk l-istituzzjoni tużax metodoloġija interna li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) jew (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 sabiex tikseb dik il-probabbiltà ta' inadempjenza;

(v) il-probabbiltà ta' inadempjenza ma tkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-emittent, u jekk l-istituzzjoni tużax sorsi esterni kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 sabiex tikseb dik il-probabbiltà ta' inadempjenza;

(c) għall-emittenti kollha, il-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li għaliha tappartjeni l-iskopertura tagħhom;

(d) għall-emittenti li għalihom jinkiseb estimu tal-probabbiltà ta' inadempjenza bl-użu ta' sorsi esterni kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, jekk l-estimu jinkisibx flimkien mal-prezzijiet kurrenti tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 325bp(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikolu 2(4), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-estimu tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk:

(i) l-estimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza u l-inputs tad-*data* użati sabiex jiġu derivati jiġux aġġornati bi frekwenza li tiżgura li r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza jkunu sensittivi għar-riskju;

(ii) kwalunkwe informazzjoni rilevanti ġdida tkun riflessa f'waqtha, kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) bl-użu tal-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw jekk l-estimi kollha għandhomx minimu kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) jivverifikaw jekk kwalunkwe metodu użat għall-iskalar ta' probabbiltà ta' inadempjenza għall-perjodu ta' żmien applikabbli msemmi fl-Artikolu 325bp(5), il-punt (b), jew fl-Artikolu 325bn(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikunx validu kunċettwalment u jekk tali metodu jkunx appoġġat minn analiżi robusta;

(d) jivverifikaw jekk:

(i) meta l-istituzzjoni tistma l-probabbiltà ta' inadempjenza billi tuża l-metodu msemmi fil-paragrafu 1, il-punti (b)(iv) u (b)(v), id-definizzjoni ta' inadempjenza użata mill-istituzzjoni għall-emittenti fl-ambitu tal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza tkunx iddokumentata fil-politiki interni tal-istituzzjoni;

(ii) jekk ikunux identifikati differenzi materjali għad-definizzjoni ta' inadempjenza użata fil-qafas tal-IRB;

(e) jivvalutaw jekk u kif it-tnaqqis estrem fil-prezzijiet tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 325bp(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jitqiesu meta l-istituzzjoni tiddetermina l-estimi tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza u jekk u kif dak it-tnaqqis ikunx relatat mal-affidabbiltà tal-kreditu ta' emittent;

(f) għall-probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b)(i) sa (b)(iii), ta' dan l-Artikolu jivverifikaw jekk dawk il-probabbiltajiet ta' inadempjenza jqisux il-marġni ta' konservattiviżmu msemmi fl-Artikolu 179(1), il-punt (f), u fl-Artikolu 180(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(g) għal probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(i):

(i) jivverifikaw jekk kwalunkwe livell addizzjonali ta' konservattiviżmu applikat għall-probabbiltajiet ta' inadempjenza skont l-approċċ IRB jiġix applikat meta jiġi kkalkolat ir-rekwiżit tar-riskju ta' inadempjenza;

(ii) fuq kampjun ta' emittenti, jivverifikaw jekk il-probabbiltà ta' inadempjenza użata fl-approċċ IRB hijiex differenti minn dik użata fil-kalkolu tar-rekwiżit tar-riskju ta' inadempjenza;

(h) għal probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii):

(i) jivverifikaw jekk huwiex segwit il-proċess għall-estimu tal-probabbiltà ta' inadempjenza skont l-approċċ IRB;

(ii) fuq kampjun ta' emittenti, jivverifikaw jekk il-probabbiltà ta' inadempjenza użata hijiex identika għal dik li kieku tiġi prodotta mis-sistemi tal-IT użati skont l-approċċ IRB;

(iii) jivvalutaw il-varjabbli tal-input użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni fl-approċċ IRB u jivverifikaw fuq kampjun tal-emittenti jekk l-inputs tad-*data* jeżistux u humiex affidabbli biżżejjed sabiex tiġi ddeterminata probabbiltà akkurata ta' inadempjenza;

(i) għal probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(iii), ta' dan l-Artikolu jirrieżaminaw ir-rapporti prodotti mill-validazzjoni interna jew mill-awditjar intern rigward il-konformità tal-metodoloġija interna użata sabiex jinkisbu l-probabbiltajiet ta' inadempjenza mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(j) għal probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(iv):

(i) jivverifikaw jekk id-dokumentazzjoni interna li tappoġġa l-konformità tal-istituzzjoni mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 hijiex kompluta;

(ii) fuq kampjun ta' emittenti, jivvalutaw ir-raġunament għall-estimu tal-probabbiltà ta' inadempjenza billi la jużaw il-metodoloġija interna msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, u lanqas is-sorsi esterni msemmijin fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(iii) fuq kampjun ta' emittenti li għalihom ir-raġunament imsemmi fil-punt (ii) huwa relatat man-nuqqas ta' *data* tal-input kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tissostanzjax il-fatt li d-*data* tal-input hija nieqsa;

(iv) jivverifikaw jekk, bħala parti mill-politiki interni tagħha, l-istituzzjoni tispeċifikax il-perjodu ta' żamma msemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (b)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, li taħtu l-istituzzjoni tqis aċċettabbli li ma tintużax il-metodoloġija interna li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti għall-approċċ IRB, u jivvalutaw jekk tali perjodu ta' żamma jkunx konformi mal-portafoll tal-istituzzjoni, f'termini ta' daqs, ta' kumplessità u ta' strateġija tan-negozjar;

(v) jirrieżaminaw il-valur ta' "m" ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 1(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 u, meta applikabbli, jeħtieġu li l-istituzzjoni tispjega s-sors ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti fil-valur tagħha matul it-trimestri preċedenti;

(vi) jirrieżaminaw il-proċess segwit mill-istituzzjoni sabiex tinvestiga jekk xi sorsi esterni addizzjonali jkunux disponibbli kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (c)(ii)(1), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578;

(vii) għal kwart meta l-valur ta' "m" ikun ogħla minn 10 %, jivverifikaw li l-analiżi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 1(2), il-punt (c)(ii)(2), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 tkun robusta;

(viii) jivvalutaw jekk id-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' inadempjenza msemmija fl-Artikolu 1, (3) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, issirx b'mod korrett, billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u jivverifikaw jekk l-istituzzjoni taġġornax l-ogħla probabbiltà ta' inadempjenza assenjata lill-emittenti tal-grad ta' investiment u l-medja ponderata b'mod ugwali tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza. kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, rispettivament, bl-istess frekwenza li biha jiġi kkalkolat ir-rekwiżit tar-riskju ta' inadempjenza;

(k) għal probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(v):

(i) fuq kampjun ta' emittenti, jivverifikaw jekk id-*data* użata sabiex tiġi stmata l-probabbiltà ta' inadempjenza tkunx rappreżentattiva għall-emittent;

(ii) jivverifikaw jekk il-ġerarkija tas-sorsi esterni msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 tkunx speċifikata sew fid-dokumentazzjoni interna tal-istituzzjoni u jivverifikaw fuq kampjun ta' emittenti jekk dik il-ġerarkija tas-sorsi esterni tkunx implimentata b'mod korrett;

(iii) jivverifikaw jekk il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tikseb il-firxa mistennija ta' żbalji fl-estimi kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punt (a)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 tkujnx tajba;

(iv) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tiżgura li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(4), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 jiġu ssodisfati, u jivverifikaw jekk hemmx każijiet ta' probabbiltajiet ta' inadempjenza stabbiliti għal 0 qabel ma l-istituzzjoni tapplika l-livell minimu msemmi fl-Artikolu 325bp(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(v) meta applikabbli, jivverifikaw jekk il-metodu li l-istituzzjoni tuża sabiex tittrasforma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza li jinkisbu flimkien mal-prezzijiet kurrenti tas-suq fi probabbiltà fid-dinja reali jkunx tajjeb, u jekk l-analiżi msemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 tkunx robusta.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq:

(a) jidentifikaw emittenti li għalihom il-probabbiltà ta' inadempjenza stmata ma nbidlitx għal perjodu estensiv;

(b) jivvalutaw jekk l-estimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza jkunux aġġornati;

(c) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tistax tispjega r-raġunijiet wara l-valuri mhux mibdulin.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw il-materjalità u l-karatteristiċi tal-pożizzjonijiet soġġetti għal-limitu minimu, inkluża l-klassifikazzjoni u l-klassi tal-iskoperturi tagħhom.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jidentifikaw il-perjodu ta' żmien effettiv li jintuża qabel ma jiġi applikat kwalunkwe skalar sabiex jinkiseb il-perjodu ta' żmien applikabbli;

(b) jivvalutaw ir-raġunament għall-użu, bħala punt tat-tluq tal-iskalar, ta' perjodu ta' żmien differenti mill-perjodu ta' żmien li huwa applikabbli f'konformità mal-Artikolu 325bp(5), il-punt (b), jew mal-Artikolu 325bn(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-punt (k)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk id-*data* użata tirriflettix is-settur jew ir-reġjun tal-emittent.

Għall-finijiet tal-punt (k)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi analiżi tas-sensittività skont il-prinċipji tal-analiżi tas-sensittività msemmija fl-Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 għall-valutazzjoni tal-impatt potenzjali tat-tibdil fl-estimu tal-PD.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jirrikjedu li istituzzjoni tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza b'metodu ieħor fost il-metodi stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, u jispjegaw id-differenzi fir-riżultati miksubin.

*Artikolu 49*

**Valutazzjoni tat-telf fil-każ ta' inadempjenzi**

1. Meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-estimu tat-telf fil-każ ta' inadempjenzi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk id-dokumentazzjoni interna tkoprix l-aspetti kollha msemmijin fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, u jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni jeħtiġux il-produzzjoni ta' inventarju aġġornat li jispeċifika:

(a) il-metodi li l-istituzzjoni tuża sabiex tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenzi, inkluża l-materjalità, f'termini tad-daqs tal-pożizzjonijiet u tal-kontribut għar-rekwiżit ta' fond proprju għar-riskju ta' inadempjenza, ta' kull metodu differenti;

(b) għal kull pożizzjoni, il-valur tat-telf fil-każ ta' inadempjenza, jekk il-pożizzjoni tkunx dejn subordinat, dejn superjuri mhux garantit, bond kopert, jew kwalunkwe tip ieħor ta' pożizzjoni, u jekk:

(i) it-telf fil-każ ta' inadempjenza jkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar, u jekk jintużax għall-iskopertura tal-portafoll tan-negozjar kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) it-telf fil-każ ta' inadempjenza ma jkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar, u jekk l-istituzzjoni tużax l-approċċ IRB sabiex tikseb it-telf fil-każ ta' inadempjenza tal-pożizzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) it-telf fil-każ ta' inadempjenza ma jkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar, u jekk l-istituzzjoni tużax metodoloġija interna li tissodisfa r-rekwiżiti tal-approċċ IRB stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 sabiex tiskbu;

(iv) it-telf fil-każ ta' inadempjenza ma jkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar, u jekk l-istituzzjoni tużax metodoloġija interna li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(3) jew (4), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 sabiex tiksbu;

(v) it-telf fil-każ ta' inadempjenza ma jkunx disponibbli skont l-approċċ IRB għal skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar, u jekk l-istituzzjoni tużax sorsi esterni kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 sabiex tiksbu;

(c) għall-pożizzjonijiet kollha, il-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jappartjenu għaliha.

2. Meta jivvalutaw jekk il-mudell intern ta' istituzzjoni jkunx implimentat b'integrità kif meħtieġ mill-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-estimu tat-telf fil-każ ta' inadempjenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk il-granularità tat-telf fil-każ ta' inadempjenza tipprovdix differenzjazzjoni sinifikattiva tar-riskju u, fost l-oħrajn, jekk dik il-granularità tippermettix li tirrifletti b'mod xieraq is-superjorità tal-pożizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 325bp(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-kollateralizzazzjoni tiegħu;

(b) jivverifikaw jekk l-estimi tat-telf fil-każ ta' inadempjenza kif ukoll l-inputs tad-*data* użati sabiex jiġu dderivati humiex aġġornati bi frekwenza li tiżgura li r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza jkunux sensittivi għar-riskju, u jekk kwalunkwe informazzjoni rilevanti ġdida hijiex riflessa fil-ħin, kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) għal telf fil-każ ta' inadempjenza li jinkiseb f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(i), jivverifikaw jekk kwalunkwe saff addizzjonali applikat għat-telf fil-każ ta' inadempjenza skont l-approċċ IRB sabiex jinkisbu estimi aktar konservattivi jiġix applikat meta l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(d) għal telf fil-każ ta' inadempjenza li jinkiseb f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii):

(i) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tkunx segwiet il-proċess sabiex tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenza f'konformità mal-approċċ IRB f'konformità mal-politiki interni tal-istituzzjoni tal-IRB;

(ii) fuq kampjun ta' pożizzjonijiet, jivverifikaw jekk it-telf fil-każ ta' inadempjenza li tuża l-istituzzjoni jkunx identiku għall-istima li tiġi prodotta mis-sistemi tal-IT użati skont l-approċċ IRB;

(iii) jivvalutaw il-varjabbli użati fl-approċċ IRB, u jivverifikaw fuq kampjun ta' pożizzjonijiet jekk l-inputs tad-*data* jeżistux u humiex affidabbli biżżejjed sabiex jiġi ddeterminat telf fil-każ ta' inadempjenza xieraq;

(e) għal telf fil-każ ta' inadempjenza li jinkiseb f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(iii), ta' dan l-Artikolu jirrieżaminaw ir-rapporti prodotti mill-validazzjoni interna, u l-awditjar intern rigward il-konformità tal-metodoloġija interna użata sabiex jinkiseb it-telf fil-każ ta' inadempjenza mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) għal telf fil-każ ta' inadempjenza li jinkiseb f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b)(iv):

(i) jivverifikaw jekk id-dokumentazzjoni interna li tappoġġa l-konformità tal-istituzzjoni mal-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 hijiex kompluta;

(ii) fuq kampjun ta' pożizzjonijiet, jivvalutaw ir-raġunament għall-estimu tat-telf fil-każ ta' inadempjenza billi la jużaw il-metodoloġija interna msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, u lanqas is-sorsi esterni msemmijin fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(iii) fuq kampjun ta' pożizzjonijiet li għalihom ir-raġunament imsemmi fil-punt (ii) ta' dan il-paragrafu huwa relatat man-nuqqas ta' *data* tal-input kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tissostanzjax il-fatt li d-*data* tal-input hija nieqsa;

(iv) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni, bħala parti mill-politiki interni tagħha, speċifikatx il-perjodu ta' żamma msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, li taħtu l-istituzzjoni tqis aċċettabbli li ma tintużax il-metodoloġija interna li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti għall-approċċ IRB, u jivvalutaw jekk tali perjodu ta' żamma jkunx konformi mal-portafoll tal-istituzzjoni, f'termini ta' daqs, ta' kumplessità u ta' strateġija tan-negozjar;

(v) jirrieżaminaw il-valur ta' "m" ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 u, meta applikabbli, jeħtieġu li l-istituzzjoni tispjega s-sors ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti fil-valur tagħha matul it-trimestri preċedenti;

(vi) jirrieżaminaw il-proċess li l-istituzzjoni segwiet sabiex tinvestiga jekk xi sorsi esterni addizzjonali jkunux disponibbli kif meħtieġ mill Artikolu 3(2), il-punt (c)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578;

(vii) billi jużaw l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jivvalutaw jekk id-determinazzjoni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 titwettaqx b'mod korrett;

(g) għal telf fil-każ ta' inadempjenza li jinkiseb f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b):

(i) fuq kampjun ta' pożizzjonijiet, jivverifikaw jekk id-*data* użata sabiex jiġi stmat it-telf fil-każ ta' inadempjenza hijiex rappreżentattiva għall-pożizzjoni;

(ii) jivverifikaw jekk il-ġerarkija tas-sorsi esterni msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1578 tkunx speċifikata sew fid-dokumentazzjoni interna tal-istituzzjoni u jivverifikaw, fuq kampjun ta' pożizzjonijiet, li dik il-ġerarkija tas-sorsi esterni tkun implimentata b'mod korrett;

(iii) jivverifikaw jekk l-estimi tat-telf fil-każ ta' inadempjenza jagħmlux distinzjoni bejn pożizzjonijiet li huma inadempjenti u pożizzjonijiet li ma humiex.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jidentifikaw pożizzjonijiet li għalihom it-telf stmat fil-każ ta' inadempjenza ma jkunx inbidel għal perjodu estensiv, jivvalutaw jekk humiex aġġornati u jivverifikaw li l-istituzzjoni tista' tispjega r-raġunijiet wara l-valuri mhux mibdulin.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq kampjun ta' pożizzjonijiet, jivverifikaw jekk l-estimu tat-telf fil-każ ta' inadempjenza użat fl-approċċ IRB huwiex differenti mill-estimu tat-telf fil-każ ta' inadempjenza użat fil-kalkolu tar-rekwiżit tar-riskju ta' inadempjenza.

Għall-finijiet tal-punt (g)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk id-*data* użata tirriflettix is-superjorità tal-pożizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 325bp(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u r-reġjun jew is-settur.

Għall-finijiet tal-punt (g)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw jekk l-estimi tat-telf fil-każ ta' inadempjenza jagħmlux distinzjoni bejn pożizzjonijiet li huma inadempjenti u pożizzjonijiet li ma humiex billi jivvalutaw l-estimu assenjat mill-istituzzjoni għal pożizzjonijiet tal-istess emittent li huma inadempjenti u li ma humiex inadempjenti inklużi fl-ambitu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' inadempjenza.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jirrikjedu li l-istituzzjoni tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenza b'metodu ieħor fost il-metodi stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1578, u jispjegaw id-differenzi fir-riżultati miksubin.

*TAQSIMA 4*

***valutazzjoni tal-korrelazzjoni, tal-iħħeġġjar u ta' rekwiżiti partikolari***

*Artikolu 50*

**Valutazzjoni tal-istruttura ta' korrelazzjoni**

1. Meta jivvalutaw il-metodoloġija użata minn istituzzjoni sabiex tiddetermina l-korrelazzjoni tal-inadempjenza bejn emittenti differenti kif meħtieġ mill-Artikolu 325bn(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk jintużawx biss l-ekwità u l-firxiet ta' kreditu elenkati bħala inputs tad-*data* għad-determinazzjoni tal-korrelazzjoni bejn emittenti differenti;

(b) meta l-istituzzjoni tuża l-ambitu għall-mudell tal-korrelazzjonijiet ta' inadempjenza, jivvalutaw il-validazzjoni interna tas-suppożizzjonijiet tal-kopula mwettqa mill-istituzzjoni u jivverifikaw jekk hemmx kompatibbiltà bejn id-*data* storika użata għall-kalibrar tal-korrelazzjonijiet u l-emittenti inklużi fil-portafoll tal-istituzzjoni;

(c) jidentifikaw jekk il-korrelazzjoni fost l-emittenti hijiex ibbażata fuq ritorni assoluti jew relattivi, u jivvalutaw jekk ir-raġunament wara l-għażla tat-tip ta' ritorn huwiex:

(i) tajjeb;

(ii) konsistenti mal-għażliet magħmulin mill-istituzzjonijiet fir-rigward ta' aspetti oħrajn tal-mudell intern tal-kejl tar-riskji;

(d) jivvalutaw jekk il-metodu li l-istituzzjoni tuża sabiex tikseb korrelazzjoni fuq il-perjodu ta' żmien applikabbli mir-ritorni kkalkolati fuq perjodu ta' żmien iqsar huwiex tajjeb;

(e) jivvalutaw kif l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' kalibrar imsemmi fl-Artikolu 325bn(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jirrikjedu li l-istituzzjoni tipprovdi *data* użata sabiex timmudella l-korrelazzjoni bejn kampjun ta' emittenti magħżul mill-awtoritajiet kompetenti, u jivverifikaw jekk dik id-*data* tkunx relatata biss ma' ekwitajiet u ma' firxiet ta' kreditu elenkati.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk, meta l-istituzzjoni tapplika d-deroga msemmija fl-Artikolu 325bn(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, tintużax korrelazzjoni ta' 60 jum ta' negozju biss bejn pożizzjonijiet ta' ekwità li għalihom tintuża dik id-deroga, u li l-korrelazzjoni titkejjel mill-bqija fuq perjodu ta' żmien ta' sena.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-approċċ li tuża l-istituzzjoni sabiex tagħżel il-perjodu, inkluż it-tul tiegħu, huwiex:

(a) tajjeb;

(b) iddokumentat fil-politiki interni tal-istituzzjoni;

(c) irrieżaminat sabiex jitqies kwalunkwe tibdil fil-perjodu ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325bc(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq kampjun ta' emittenti li għalihom l-istituzzjoni għandha pożizzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza, jivverifikaw jekk il-korrelazzjonijiet tal-emittent f'pari derivati mill-immudellar tal-korrelazzjoni jkunux kompatibbli mal-korrelazzjonijiet tal-emittent f'pari derivati minn *data* osservabbli tas-suq.

*Artikolu 51*

**Valutazzjoni tar-rikonoxximent tal-ħeġġijiet**

Meta jivvalutaw jekk ir-rikonoxximent tal-ħeġġijiet fil-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza tal-istituzzjoni jikkonformax mal-Artikolu 325bo tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivverifikaw jekk il-politiki interni tal-istituzzjoni:

(i) jiddeskrivux kif isir in-netting;

(ii) jispeċifikaw:

(1) dawk ir-riskji ta' bażi li huma koperti b'mod impliċitu fil-mudell billi jiġu mmudellati żewġ pożizzjonijiet differenti;

(2) dak ir-riskju ta' bażi li minflok huwa kopert b'mod espliċitu bl-introduzzjoni ta' fattur tar-riskju ta' bażi;

(b) jirrieżaminaw il-politiki interni tal-istituzzjoni, u jivverifikaw il-kriterji previsti f'dawk il-politiki interni għar-rikonoxximent tal-effetti tan-netting u tal-iħħeġġjar jew tad-diversifikazzjoni;

(c) jivvalutaw jekk il-monitoraġġ tar-riskju ta' bażi sinifikanti potenzjali li jista' jinħoloq fl-intervall bejn il-maturità ta' strument u l-perjodu ta' żmien ta' sena huwiex robust;

(d) jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi:

(i) kampjun ta' pożizzjonijiet fil-mudell tar-riskju ta' inadempjenza;

(ii) il-lista ta' fatturi tar-riskju li jikkorrispondu għall-pożizzjonijiet imsemmijin fil-punt (i).

Meta jitolbu l-kampjun imsemmi fil-punt (d)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkun hemm varjetà fil-pożizzjonijiet ipprovduti, u li, meta applikabbli, ikunu inklużi ż-żewġ pożizzjonijiet li jkunu nnettjati u l-pożizzjonijiet li ma jkunux innettjati.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji fil-politiki interni tal-istituzzjoni jiżgurawx li n-netting u l-iħħeġġjar ikunu effiċjenti, anki meta jseħħ event ta' kreditu jew kwalunkwe event ieħor.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk:

(a) l-immappjar mill-istituzzjoni ta' pożizzjonijiet ma' fatturi tar-riskju jiżgurax li l-iskoperturi għal debituri differenti ma jkunux innettjati, u li tali netting iseħħ biss għal pożizzjonijiet li jirrigwardjaw l-istess strumenti finanzjarji tal-istess obbligant;

(b) jew l-iskoperturi għal obbliganti differenti jkunu mmappjati ma' fatturi tar-riskju differenti, jew ikun hemm fattur tar-riskju ta' bażi sabiex jiġu koperti d-differenzi f'dawk l-iskoperturi, u jkunx kopert ir-riskju ta' bażi bejn debituri li huma kostitwenti ta' indiċi ta' kreditu u obbliganti oħrajn;

(c) għal pożizzjonijiet fi strumenti finanzjarji differenti tal-istess obbligant, l-analiżi mwettqa mill-istituzzjoni sabiex tivvaluta jekk jistax jinħoloq riskju ta' bażi sinifikanti fl-istrateġiji ta' ħħeġġjar minħabba t-tip differenti ta' prodotti, is-superjorità fl-istruttura tal-kapital, il-klassifikazzjonijiet interni jew esterni, il-maturità, jew il-vintage, hijiex robusta.

*Artikolu 52*

**Valutazzjoni tal-konformità ma' rekwiżiti partikolari**

Meta jivvalutaw il-konformità tal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bp tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) fir-rigward tal-immudellar tal-inadempjenza ta' emittenti individwali kif ukoll multipli kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(i) jidentifikaw l-approċċ li l-istituzzjoni tuża sabiex timmudella l-inadempjenza, u jivverifikaw li ż-żewġ tipi ta' fatturi tar-riskju sistematiku magħżulin mill-istituzzjoni jkopru l-aktar effetti sistematiċi rilevanti;

(ii) jivverifikaw jekk il-granularità taż-żewġ tipi ta' fatturi tar-riskju sistematiku tkunx biżżejjed sabiex jiġu koperti l-karatteristiċi tal-emittenti fil-portafoll soġġetti għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(iii) jivverifikaw jekk għal kull emittent, l-istituzzjoni tużax fattur tar-riskju idjosinkratiku separat minbarra ż-żewġ tipi ta' fatturi tar-riskju sistematiku msemmijin fl-Artikolu 325bp(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iv) jivverifikaw jekk l-immappjar tal-emittenti mal-fatturi tar-riskju sistematiċi xierqa jkunx tajjeb;

(v) jivverifikaw jekk l-istituzzjoni tanalizzax is-setgħa ta' spjegazzjoni tal-mudell tal-fattur;

(vi) meta jitolbu l-kampjun għall-finijiet tal-valutazzjoni, iqisu l-materjalità tal-emittenti, u jiżguraw li l-kampjun jinkludi l-emittenti li jkunu ġew immappjati ma' fatturi tar-riskju sistematiku differenti;

(b) fir-rigward tar-rekwiżit li jiġi rifless iċ-ċiklu ekonomiku fil-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jivvalutaw kif l-immudellar tat-telf fil-każ ta' inadempjenzi, inklużi dawk stokastiċi, jitwettaq għal tali telf fil-każ ta' inadempjenzi sabiex jiġi rifless it-tibdil fil-proprjetajiet mill-fatturi tar-riskju sistematiku;

(c) fir-rigward tar-rekwiżit li jinqabdu t-tendenzi mhux lineari kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jivvalutaw:

(i) kif l-istituzzjonijiet jirrivalwaw strument finanzjarju mhux lineari wara l-inadempjenza ta' emittent, inkluż kif l-istituzzjonijiet jirrivalwaw strument finanzjarju b'diversi sottostanti wara l-inadempjenza ta' emittent individwali jew ta' diversi emittenti li jikkorrispondu għas-sottostanti;

(ii) jekk kwalunkwe simplifikazzjoni introdotta mill-istituzzjoni sabiex tikkalkula l-prezz ta' strument finanzjarju twassalx għal inakkuratezza materjali jew għal sottovalutazzjoni sistematika tar-riskju;

(iii) il-punt sa fejn ir-rivalwazzjoni ta' strument finanzjarju tqis ir-riskju tal-mudell;

(d) fir-rigward tar-rekwiżit li jkun hemm mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza li jkun konsistenti mal-ġestjoni interna tar-riskji kif meħtieġ mill-Artikolu 325bp(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jivverifikaw jekk l-istituzzjoni ddokumentatx id-differenzi bejn il-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza u l-mudelli li l-istituzzjoni tuża għall-ġestjoni interna tar-riskju tagħha għall-istess ambitu tal-pożizzjonijiet, u jekk l-istituzzjoni tkunx kapaċi tispjega dawk id-differenzi.

Għall-finijiet tal-punt (a)(i), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-raġunament ipprovdut fil-politiki interni tal-istituzzjoni għall-għażla tal-fatturi tar-riskju sistematiċi, u l-interpretazzjoni ekonomika tagħhom.

Għall-finijiet tal-punt (a)(iii), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jivverifikaw fuq kampjun ta' emittenti simili li l-fatturi tar-riskju idjosinkratiku jvarjaw.

Għall-finijiet tal-punt (a)(iv), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, jivverifikaw fuq kampjun ta' emittenti, li l-immappjar ikun korrett.

Għall-finijiet tal-punt (a)(v), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq u meta l-analiżijiet imwettqin mill-istituzzjoni ma jidhrux suffiċjenti għall-portafoll soġġett għal riskju ta' inadempjenza kif inhu, jeħtieġu li l-istituzzjoni fuq kampjun ta' emittenti tivvaluta s-setgħa tal-fatturi tar-riskju sistematiċi magħżulin mill-istituzzjoni fl-ispjegazzjoni tal-fatturi ta' inadempjenza tal-assi ta' kull emittent.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, meta xieraq, iwettqu analiżijiet statistiċi fuq kampjun ta' emittenti, inkluż l-ittestjar tal-ipoteżijie, sabiex jittestjaw id-dipendenza tat-telf fil-każ ta' inadempjenzi fuq il-fatturi tar-riskju sistematiku.

KAPITOLU 5

**DISPOŻIZZJONI FINALI**

*Artikolu 53*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 18(1), il-punt (a), fir-rigward tar-riskju ambjentali, l-Artikolu 18(1), il-punt (c)(vii), u l-Artikolu 18(2), il-punt (b)(v), għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.

L-Artikolu 21(1), il-punt (b), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN